

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
L-Imġarr A.D. 2011

# Festa 2016


Tal-Vaxxel
MINI EXCAVATION & DEMOLITION WORKS
99456676

# Werrej


Messaġġ mill-President ........ 5
Kumitat Eżekuttiv 2015-2017 ........ 6
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ........ 8
Messaġġ mill-Kaxxiera ........ 12
Rendikont finanzjarju Ottubru 2014 - Settembru 2015 ........ 13
Messaġġ mis-Sindku ........ 37
Messaġġi mill-Asst. Segretarju ........ 40
Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali ........ 41
Messaġġi mill-Asst. Kaxxiera ........ 44
Messaġġ mill-P.R.O ........ 45
B'edukazzjoni u mill-qalb għall-Imġarrin ........ 48
Message from a Member ........ 49
Messaġġ mis-Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni ........ 50
Messaġġ mill-Assistent Surmast u Għalliem tat-Teorija ........ 52
Messaġġ mill-Għalliema Strumenti tal-Qasba ........ 54
Messaġġ mill-Għalliem Strumenti tal-Qasba ........ 55
Messaġġ mill-President Sezzjoni Nisa ........ 57
Messaġġ mis-Segretarju Għaqda Każini tal-Banda ........ 58
Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr ........ 60
From our friends of Hosley Park Community Social Group Australia ........ 61
Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta ........ 63
Bejn festa u oħra ........ 64
Profil: Mauro Spiteri A(Mus)LCM, ALCM ........ 71
Profil: Henry Fenech ALCM Dip(musc)LCM ........ 73
Profil: Beatrix Calleja DipLCM, ALCM, BMusLSM ........ 75
Żewġ kunċerti mingħandna "Il-Milied mal-Banda" u "Flimkien għall-banda" ........ 76
Servizzi Mużikali għas-sena 2016 ........ 80
Marċi Brijużi ........ 81
Innijiet u Marċi Proċessjonali ........ 85
Meta l-Madonna interċediet għall-Maltin ........ 92
Fl-aħħar waslet… ........ 96
Amministrazzjoni tul il-5 snin tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" ........ 101
L-Innu Popolari "Infaħħruk Dejjem" ........ 104
Il-Figura ta' Marija fl-Innoloġija Maltija ........ 107
Santa Marija fl-irħula tal-Gudja u Ħal Għaxaq ........ 110
Theotokos – Il-mara li ġarret 'l Alla f'ġufha ........ 113
Ġużeppi Mercieca - il-bniedem li sofra fis-skiet ........ 116
Merżuq dawl fuq ta' Ħaġrat u Skorba ........ 118
Tifkiriet tiegħi tal-Imġarr ........ 127
Sultana fuq gżira ........ 131
L-Għasir taż-żebbuġ għaż-żejt ........ 137
Il-produzzjoni tal-għeneb mhux kummerċjali ........ 140
Joseph Abela Scolaro (1910 – 1979) ........ 143
Teżori fil-Mużewijiet Maltin ........ 145
Messaġġ mill-Mġarr United F.C. ........ 196
Viva Village Life ........ 200
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 208



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2016

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Mario Sant

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Maria Vella

Ritratti:
Michael Apap Bologna
Raymond Muscat
Awturi tal-artikli
Arkivji

Ir-ritratt tal-kopertina juri t-tlugħ
fis-sema ta' Santa Marija.
Kwadru titulari meqjum
fil-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr.
Xogħol l-artist Lazzru Pisani
fis-sena 1919.
Fotografu: Raymond Muscat

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv
tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru
r-reklami, kontributuri tal-artikli, u
tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li
rreklamaw u lilkom li tapprezzaw
din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti
minn din il-pubblikazzjoni mingħajr
il-permess bil-miktub tal-Kumitat
Eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors
jirrifletti l-opinjoni
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr.



Kull reklam li jidher
f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni
lis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa S-Sema",
tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni
qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.

Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)

Deputat Parlamentari tad-Distrett



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com





# “L-Ikla l-Kbira tal-Festa”

b’risq il-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr”**
nhar il-**Ġimgħa 12 ta’ Awwissu, 2016**
**Ħin:** 8.00 pm
**Post:** Fejn is-Salib tal-Knisja
**Prezz:** Kbar **€18** Tfal **€8**

***Bookings* u dettalji:**
79391306 - 99265409

*Bil-parteċipazzjoni ta’ diversi kantanti popolari fosthom Michela Galea, Rachel Lowell u l-mistieden speċjali Renato*





## Menu:

*Appetizers*,
2 tipi ta’ għaġin,
Ħut, tiġieġ jew majjal
Deżerta
Tazza luminata
Tfal jistgħu jieħdu
*burgers* u zalzett.





# KORS



## DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-FESTA

Il-Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema' tal-Imġarr se torganizza kors dwar it-tħejjija ta' ktieb tal-festa.

**Fost is-suġġetti li se jiġu trattati hemm dawn it-temi:**

Il-funzjoni tal-bord editorjali,
Xi tgħid il-liġi tal-istampa u l-*copyright,*
Sorsi ta' riċerka għall-kitba tal-artikli,
Ir-ritratti, It-tfassil u l-immontar tal-ktieb,
Il-komunikazzjoni mal-istamperija,
Ir-reklami: x'jagħmel reklam effettiv,
kif l-aħjar tagħmel ir-reklam,
kif jinġabru r-reklami,
Il-qari tal-provi – kif u meta għandu jsir,
il-prodott finali u d-distribuzzjoni tal-ktieb.

Il-lezzjonijiet, minn grupp ta' nies b'esperjenza fis-suġġett, se jinżammu fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr.
Il-kors hu miftuħ għal kulħadd u se jibda f'Novembru.

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Għal aktar tagħrif u dettalji ċempel
fuq **79674678** jew ibgħat
*e-mail* fuq **mgarrband2011@gmail.com**

# Il-Banda tal-Imġarrin Kollha



**Giovanni Gatt**
*President*

F'dawn il-ħames snin mit-twaqqif tal-banda trawmu u tgħallmu bandisti Mġarrin li qed jagħtu riżultati sbieħ tant li wħud qed jissejħu biex idoqqu barra mir-raħal.

Kif rajna fil-programmi, "Flimkien għall-banda" u "Flimkien għall-festa"; il-banda tagħna llum hija vetrina ta' marċi fit-toroq tagħna li tikser is-skiet fil-jiem tal-festa. Is-Socjetà mużikali Mġarrija tgħallem il-mużika b'xejn u ddoqq fil-festa titulari bla ħlas. Is-sabiħ hu li tara tant talent jiġi mħarreġ aktar, perfezzjonat u apprezzat u dan kollu jwassal biex finalment il-poplu Mġarri jingħata s-servizzi mużikali li tassew jixraqlu.

Fis-Soċjetà tagħna jispikkaw ix-xogħol, l-impenn, is-sagrifiċċju u l-volontarjat. Kif tafu, il-banda ħasbet biex toħroġ CD ġdid ta' marċi u innijiet bis-sehem tal-Kor Regina Coeli li għandhom jinżlu tajjeb ukoll mal-emigranti. Bihom żgur ikunu jistgħu,'il bogħod minn xtutna fejn jinsabu, iduqu b'tant nostalġija s-sabiħ tal-festa għażiża tagħna.

Din is-Soċjetà mużikali hi waħda u għal kulħadd ... kif waħda hi l-festa parrokkjali ta' Santa Marija.

F'isem is-Soċjetà nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Wisq Reverendu Kappillan, lis-Sindku u l-kunsilliera; grazzi lill-kumitati tal-banda kif wkoll il-kumitati kollha l-oħra li qed jgħinuna u ma jistax jonqos lill-grupp tal-armar. Ħajr ukoll lill-ġenituri tal-allievi tal-koperazzjoni.

Biex is-servizz kollu jimxi sew jinħtieġ is-sehem imprezzabbli tal-pulizija biex tinżamm l-ordni. Grazzi lilhom wkoll.

Fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi lilkom, ħuti Mġarrin kollha.

*Stitch by Stitch*

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories, Household Goods & Home Furnishings.**



# Kumitat Eżekuttiv 2015-2017

*Wara mix-xellug: Sandro Muscat, Gordon Fee, Angela Muscat, Christian Vella u Maria Vella*
*Quddiem mix-xellug: Rose Apap Bologna (Kaxxiera), Giovanni Gatt (President), Joseph Caruana (Segretarju) u Colin Falzon (Viċi President).*




# Kumitat Eżekuttiv 2015-2017

## *Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
L-Onor. Dr. Tony Abela MP
L-Onor. Dr. Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella
Is-Sur Raymond Muscat
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sinjura Rose Apap Bologna

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christian Vella

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Asst. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat

**P.R.O**
Is-Sinjura Maria Vella

**Membri**
Is-Sur Gordon Fee
Is-Sur Sandro Muscat

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Kummissjoni Festa**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast Għalliem tat-teorija**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Għalliem Strumenti tal-Qasba**
Is-Sinjorina Beatrix Calleja
Dip LCM, ALCM, BMusLSM
Is-Sur Henry Fenech,
ALCM, Dip (musc)LCM

**Perit tal-Każin**
Il-Perit David Vassallo

**Awditur**
Is-Sinjura Simone Galea

**Nutar tal-Każin**
L-Onor. Dr Tony Abela MP

# Avveniment importanti



**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Bla ebda dubju waħda mill-iktar festi popolari fil-gżejjer Maltin hi dik tat-tlugħ fis-sema ta' Marija. Dan mhux għax hi l-iktar festa ċelebrata f'lokalitajiet differenti imma anke għall-fatt li magħha hemm marbuta wkoll l-istorja ta' missirijietna. Kien propju f'jum il-festa tal-Assunta meta wasal f'Malta l-konvoj hekk imsejjaħ ta' Santa Marija. Nistgħu ngħidu li dan kien ifisser is-salvazzjoni tal-poplu tagħna. Però l-festa li niċċelebraw aħna mhix dik ta' meta wasal il-konvoj u twelidna mill-ġdid. Il-festa titulari tagħna hi meta Omm l-Iben t'Alla u Ommna Santa Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Kien għalhekk tant għaqli wkoll li l-fundaturi ta' din l-banda Mġarrija għammdu l-istess Soċjetà bl-isem tat-titular...Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema"...u fi ftit ġimgħat oħra se nkunu qed infakkru l-ħames anniversarju minn meta twieldet din l-għaqda.

Kien it-13 ta' Ottubru, 2011 meta saret l-ewwel Laqgħa Ġenerali tas-Soċjetà. Waqt din is-seduta li nżammet fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr ġiet mwaqqfa l-banda Mġarrija. Fl-istess laqgħa ġie approvat l-istatut u nħatar l-ewwel Kumitat Eżekuttiv. Minn dakinhar qatt ma ħarisna lura u minkejja li għandna diversi limitazzjonijiet, bqajna mexjin 'l quddiem.

Illum mhux se ngħid kif twaqqfet is-Soċjetà tagħna għax dan tafuh, imma nixtieq insemmi xi avvenimenti importanti li sawru l-istorja ta' din il-banda Mġarrija. Naturalment bħal kull għaqda mużikali l-impenn ewlieni tagħna hu t-tixrid tal-kultura permess tal-arti mużikali. Aħna dejjem tajna importanza lit-tagħlim tal-mużika u hekk se nibqgħu nagħmlu. Din is-sena komplejna ntejbu l-livell tat-tagħlim offrut u fil-bidu tas-sena bdejna ngħallmu wkoll it-teorija tal-mużika. Ftit jiem ilu bdejna wkoll nagħtu sessjonijiet ta' *music appreciation* lil tfal ta' età żgħira. Dan qed nagħmluh biex minn età hekk ċkejkna jibdew japprezzaw is-sabiħ tal-arti mużikali u meta jikbru jkollhom bażi tajba f'dan ir-rigward. Dan kien possibbli bi tnedija tal-iskola tal-mużika li stabbilejna f'Jannar li għadda. Għal dan il-għan ħadna wkoll għajnuna mill-Aġenzija Żgħażagħ. Issa t-tagħlim qed jingħata minn erba' għalliema kwalifikati. Dawn huma s-Surmast Direttur Tancred Grech, l-Assistent Surmast Mauro Spiteri, is-Sur Henry Fenech u s-Sinjorina Beatrix Calleja. Flimkien magħqudin f'tim wieħed jgħallmu lill-allievi u lill-bandisti tagħna.

Ma nistgħux f'dan l-avveniment importanti tal-ħames anniversarju ma nsemmux is-servizzi mużikali li għamlet u li se tagħmel l-banda tagħna. Minbarra li ilna nieħdu sehem sħiħ fil-festa titulari ta' raħalna sa mill-2013, il-banda tagħna kienet mistiedna u daqqet f'diversi lokalitajiet oħra fil-gżejjer Maltin. Il-banda ħadet sehem fil-festa ta' Marija Addoloarata, li tiġi ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar, fis-sena 2014 u 2015, fil-festa tas-Salvatur Ħal Lija fis-snin 2014,2015 u 2016, fil-festa ta' Sant Anna Wied il-Għajn fis-sena 2016 u fil-festa ta' San Duminku fil-Belt kapitali Valletta fl-2016. Minbarra dawn is-servizzi daqqejna wkoll fit-tifkira tal-vittmi tal-gwerra fl-Imġarr mis-sena 2013 'l hawn, fil-festa ta'

Corpus Christi fl-Imġarr fis-snin 2013 u 2015, u fil-pussess tal-Kappillan Kalċidon Vassallo fis-sena 2015. Daqqejna wkoll f'servizzi bi skop filantropiku. Bla ebda dubju l-ikbar impenn li kellha l-banda kien fil-programm vokali u strumentali ta' lejlet il-festa. Il-banda tagħna ilha tagħmel dan sa mill-2013. Personalment naħseb l-iktar servizz prestiġjuż li għamilna kien dak tas-16 t'Awwissu, 2015 meta fi knisja ppakkjata tellajna programm ta' mużika sagra. Waqt dan l-istess programm il-banda tagħna daqqet għall-ewwel darba l-Innu l-Kbir lil Santa Marija tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u versi tal-eks Kappillan Dun Oraz Vella. Flimkien mal-banda ħa sehem ukoll il-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Dan il-programm din is-sena se nerġgħu nagħmluh nhar is-Sibt 13 ta' Awwissu, 2016, titilfuhx!

Bħal kull għaqda, is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" għandha l-identità tagħha. L-emblema tal-għaqda tagħna kienet saret fuq disinn tas-Sur Albert Borda fl-2011. L-istandard prinċipali tas-Soċjetà sar ukoll fuq disinn tiegħu. Il-kulur tagħna hu l-blu. Mit-twaqqif sal-lum il-banda tagħna ħasbet biex ikollha diversi innijiet li jindaqqu minnha biss. Ewlieni kien l-Innu tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" li għandu versi tal-mibki Kav. Ġorġ Bianchi u mużika tal-ewwel Surmast tagħna Mro Mario Testa. Wara segwa l-Innu Marċ "Sultana Tal-Imġarr" b'versi ta' Joe Julian Farrugia u mużika tas-Surmast attwali Tancred Grech. Din is-sena propju fis-sena tal-ħames anniversarju se nkunu qed inżanżnu innu ieħor, din id-darba innu popolari. Dan l-innu li ssemma "Infaħħruk Dejjem" għandu lirika tiegħi, Joseph Caruana, u mużika tas-Surmast tagħna Tancred Grech.

Kull għaqda naturalment jkollha d-dar tagħħa. Għalkemm ilna bosta snin li akkwistajna sit biex nibdew noperaw minnu, s'issa għadna ferm lura biex nkunu lesti. Ftit jiem ilu bdejna x-xogħlijiet fil-każin, però nappellalkom biex tgħinuna għax għandna bżonn ħafna għajnuna biex inlestuh. Minn qalbi nitlobkom tagħtuna l-għajnuna tagħkom biex ma jdumx ma jkollna każin xieraq kif għandhom postijiet oħra. Naċċertakom li meta jkollna l-każin lest inkunu f'pożizzjoni aħjar biex inkattru l-kultura permess tal-arti mużikali.

Kull avveniment importanti għandu jibqa' mfakkar. Il-Kumitat Eżekuttiv tagħna ħaseb li biex l-anniversarju tal-5 sena mit-twaqqif tal-banda jibqa' jiġi mfakkar, għandu jagħti riġal lill-Imġarrin. Għalhekk għamilna *reording* bl-innijiet li jindaqqu fil-festa biex jibqgħu tifkira għaż-żminijiet preżenti u futuri.

F'dan iż-żmien sabiħ tal-festa, u meta ninsabu lejlet il-ħames anniversarju tat-twaqqif tal-banda tagħna, nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li kienu ta' sapport biex din is-Soċjetà ġiet stabbilita u llum sabet saqajha. Naċċertakom li meta kont bdejt navviċina lill-ewwel membri tal-Kumitat, biex jgħinuni nwaqqfu din il-banda, ma bsartx li se naslu sa hawn. Iż-żminijiet tal-lum u l-progress li sar matul iż-żmien tappnu n-namra lejn il-festi. Illum hawn ħadna lok fejn wieħed jiddeverti. M'għadux bħal snin ilu meta l-uniku post ta' divertiment kien il-każin. Illum il-każini qed jaffaċċjaw ħafna sfidi u jeħtieġ li jkomplu jiġġeddu biex din il-kultura tant għażiża għalina l-Maltin, il-ġibda lejn il-festi, tibqa' titkattar.

Qabel nagħlaq irrid nirringrazzja lill-Kappillan u lill-kleru, sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv, lis-Sezzjoni Nisa li bihom verament għandna forċina, lill-Bord Editorjali u lill-Kummissjoni Banda. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-surmast ħabrieki tagħna Tancred Grech u lill-Assistent Surmast, u lill-għalliema tad-dedikazzjoni tagħhom. Nixtieq nirringrazzja lill-mara tiegħi tal-paċenzja li tieħu minħabba l-impenji li jkolli minħabba l-banda, u lill-familjari ta' dawk kollha involuti tal-appoġġ tagħhom.

Minn qalbi nawgura lilkom u lill-familji tagħkom il-festa t-tajba. Festa li tassew tixraq lill-patruna tagħna Santa Marija

# N & F Cascun

*Daily Fresh Fruit & Vegetables*

Triq San Martin Żebbiegħ L/O L-Imġarr

**Mob. 79027541**

**Opening Hours:**
**Summer**
Mon, Tue, Thu and Fri: 8.30am -7.30pm
Sat & Sun: 8am-6.30pm / Wed closed

**Winter**
Mon, Tue, Thu and Fri: 8.30am -7.00pm
Sat & Sun: 8am-6.00pm / Wed closed

**FREE DELIVERY**
Prop. Neville Cascun










United
Specialising in
Maltese Rabbit
Fresh Fish, Seafood
& Mediterranean Cuisine
Traditional wood burning oven
BOOKINGS
ARE RECOMMEDED
Triq il-Kbira, Mġarr
(behind the church)
T: 2157 2512
M: 7930 2522 Marvin
9944 9005 Jason
E: utdrest@go.net.mt
Find us on:
facebook

# Kulħadd jaħdem id f'id



**Rose Apap Bologna**
*Kaxxiera*

**Għeżież,**

Waslet festa oħra, u għall-Grazzja t'Alla l-banda tagħna dejjem qed tikber u toffri aktar tagħlim u attivitajiet varji għal kulħadd. Dan kollu qed isir bis-saħħa tal-membri tal-Kumitat flimkien mas-Surmast, Assistant Surmast, u l-għalliema tal-banda.

Kulħadd jaħdem id f'id. Meta tattendu dawn l-attivitajiet, minbarra li tagħmlulna ħafna kuraġġ, tgħinuna finanzjarjament ukoll, b'hekk inkunu nistgħu nkomplu f'din it-triq li qbadna. Is-Soċjetà tagħna għadha fil-bidu u kull bidu huwa diffiċli speċjalment meta jaslu l-kontijiet! Għalhekk nappella lil kull min jista' b'xi mod jgħinna, aħna dejjem napprezzaw kull għajnuna. Veru li aħna dejjem induru fuqkom għeżież Imġarrin għall-għajnuna, imma kif jgħidu l-għajta nofs il-bejgħ.

Qed nippreżentaw l-aħħar rendikont, li ġie ppreżentat fl-aħħar Laqgħa Ġenerali tal-Banda, flimkien ma' spjegazzjoni fil-qosor tiegħu għas-sodisfazzjon ta' kulħadd.

**Rendikont minn Ottubru 2014 – Settembru 2015**

F'dan ir-rendikont naraw li d-dħul totali kien ta' €17,146.02. Dan huwa €525 iktar mis-sena ta' qabel. F'din is-sena kellna iktar nefq f'attivitajiet – dawn żdiedu b'€2000, imma mbagħad kellna nuqqas fid-donazzjonijiet (ta' €1250), kif ukoll fir-reklami tal-ktieb tal-festa u fil-menswalità.

Ħruġ totali kellna €16,001.31. Żieda fl--ispejjeż ta' €1,765.98, dan kien minħabba li din is-sena xtrajna assi fissi bħal leġiji, imwejjed, siġġijiet u strumenti. Dan biex inkunu nistgħu nagħmlu iktar attivitajiet b'inqas spejjeż.

B'hekk spiċċajna b'bilanċ ta' €10,664.64, imma għad irridu nħallsu lill-bandisti li ħadu sehem fis-servizzi li għamlet il-Banda Mġarr. Din l-ispiża hi ta' €11,185. B'hekk spiċċajna bi żbilanċ ta' €520.

Filwaqt li nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lis-Sezzjoni Nisa tal-ħidma tagħhom, nerġa' nitlobkom biex fejn tistgħu tgħinuna ħalli nkomplu nferrħu kemm lin-nies tal-Imġarr, kif ukoll lill-barranin li jiġu jżuruna, bis-servizzi li noffru b'permezz tal-banda tagħna.

Nitlob lil Sidtna Marija biex iżżomm idejha fuq il-familji tal-Imġarr biex ikollna dejjem paċi f'qalbna u għaqda bejnietna.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

# Rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr

## *Ottubru 2014 - Settembru 2015*

| | € |
|---|---:|
| Bilanċ mis-sena l-oħra | 6,899.93 |

## *Dħul*

| | |
|---|---:|
| Donazzjonijiet | 4,540.04 |
| Menswalità | 400.00 |
| Attivitajiet | 7,909.21 |
| Servizz banda | 932.00 |
| Reklami ktieb tal-festa | 3,061.00 |
| Dħul ieħor | 303.77 |
| **TOTAL TA' DĦUL** | **17,146.02** |

## *Ħruġ*

| | |
|---|---:|
| Ktieb tal-festa | 230.00 |
| Donazzjonijiet | 100.00 |
| Perit | 949.90 |
| Servizz Bandisti | 8,296.70 |
| Tagħlim | 2,040.00 |
| Assi fissi | 2,233.64 |
| Spejjeż Oħra | 2,151.07 |
| **TOTAL TA' ĦRUĠ** | **16,001.31** |

| | |
|---|---:|
| BILANĊ / (ŻBILANĊ) SA SETTEMBRU 2015 | 8,044.64 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux 2014 | 615.00 |
| Reklami li għadhom ma tħallsux 2015 | 2,005.00 |
| Jibqa' bilanċ ta' | 10,664.64 |
| Ħlas Bandisti 2015 | (11,185.00) |
| BILANĊ / (ŻBILANĊ) 2015 | (520.36) |



# Ranieri

INTERNATIONAL

BOATS & RIBS






5.95 m | 12
2.55 m | HP MAX 150 Hp

**RANIERI CAYMAN**
**19 Sport +**
**Mercury 80Hp 4 Stroke EFI**

**FROM JUST**
**€26,250**




7.10 m | 16
2.80 m | HP MAX 250 Hp

**RANIERI CAYMAN**
**23 Sport Touring +**
**Mercury 150Hp 4 Stroke EFI**

**FROM JUST**
**€40,995**




8.55 m | 20
3.40 m | HP MAX 2 x 250Hp

**RANIERI CAYMAN**
**28 Sport Touring +**
**Mercury 250Hp Optimax**

**FROM JUST**
**€72,299**

*PRICES INCLUDE VAT*

Mecca Marine

**MECCA ENTERPRISES LTD**
473, St. Paul's Street, St. Paul's Bay

**T:** 2157 3278 / 7973 2783
**E:** mecca@mecca.com.mt



## REVOLUTION 450

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 4.55 m | 5 | 2.05 m | 60 Hp |

15ft Ranieri 450
+ Mercury 40Hp + Trailer
+ Canopy + Extra

**€14,899**



## VOYAGER 19

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 5.55 m | 7 | 2.18 m | 130 Hp |

Ranieri 19 + Mercury 80Hp
+ Trailer + Fuel Tank 90Ltrs
+ Canopy + Extras

**€21,999**



## VOYAGER 23S

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 6.75 m | 8 | 2.40 m | 250 Hp |

Voyager 23S + WC In console
+ FREE Alum sun Canopy +
Mercury 4 stroke 150Hp 3.0ltr

**€33,499**



## ATLANTIS 19

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 5.65 m | 7 | 2.20 m | 140 Hp |

Ranieri 19 Cruiser + Mercury
80Hp + Trailer + Canopy
+ WC + Extras

**€26,999**



## ATLANTIS 20

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 6.05 m | 7 | 2.42 m | 200 Hp |

Ranieri 20 Cruiser + Mercury
115Hp + Trailer + Canopy +
Fridge

**€33,999**



## SHADOW 22

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 6.50 m | 9 | 2.42 m | 230 Hp |

Ranieri 22 + Mercury 150Hp +
Canopy + Fridge + WC +
Electric Anchor Winch + Shower

**€39,999**

Interceptor 222 +
Mercury 4 Stroke
150Hp 3Ltr

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 6.60 m | 8 | 2.50 m | 230 Hp |

**SPECIAL OFFER**
**€38,999**



## INTERCEPTOR 222

SeaLady 24 +
Mercury OPTIMAX
250Hp

| Length | Persons | Beam | HP max |
|---|---|---|---|
| 7.15 m | 8 | 2.50 m | 300 Hp |







## SEALADY 24

**SPECIAL OFFER**
**€45,799**

www.mecca-marine.com

MERCURY


JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819


FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819

# FENKATA

*b'risq il-Banda tal-Imġarr*

**Il-Ġimgħa 9 ta' Settembru, 2016**

**Post:** fejn is-Salib tal-Knisja

**Ħin:** 8pm'il quddiem

**Ikel:** Spagetti tal-fenek
Fenek, patata u salad
Deżerta
Tazza luminata
Tfal jistgħu jieħdu *burgers* u zalzett

Għal min ma jridx fenek ikun hemm tiġieġ jew majjal

**Prezz:** Kbar €18

**Tfal:** €8

Bookings u dettalji: 79391306, 99265409














Festa 2015




















# Festa 2015





















CINI
MARBLES
FACTORY 9, HANDAQ ROAD, QORMI
T: 2147 2714 | M: 9928 3131 | E: cinimarbles@yahoo.com
Showroom opening hours: 09:00 - 11:00 & 11:45 - 18:00
Cini Marbles is proud to be considered as one of Malta's most trusted and reliable supplier of: Marble, Quartz, Granite & Travertine.
Our products include staircases, facade, kitchen tops & bathrooms with various colors of quartz in stock
iTV
Channel 107 Melita
Channel 383 Go Interactive
Now also on Android Box
www.cinimarbles.com
You've got the vision we have the tools
Find us on Facebook




# Tinbiegħ €10

**L-EWWEL PARTI - VOKALI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** | *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Michela Galea* | **3:24** |
| 2. | **Innu Popolari – L-Imġarr iben Marija** | *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* | **4:56** |
| 3. | **L-Innu l-kbir – Lil Santa Marija** | *Versi: Dun Orazio Vella – Mużika: Joseph Abela Scolaro – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* | **14:28** |
| 4. | **Innu Marċ – F'jum il-festa** | *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* | **3:38** |
| 5. | **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** | *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Marita Bezzina* | **5:26** |
| 6. | **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** | *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa – Tkanta: Marita Bezzina* | **3:20** |

**IT-TIENI PARTI - STRUMENTALI**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** | *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech* | **3:24** |
| 8. | **Innu Popolari – L-imġarr iben Marija** | *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara* | **4:56** |
| 9. | **Marċ Brijuż – Katya** | *Tancred Grech* | **4:58** |
| 10. | **Marċ Brijuż – Martina** | *Mauro Spiteri* | **4:46** |
| 11. | **Marċ Brijuż – Nathan il-king** | *Tancred Grech* | **4:46** |
| 12. | **Innu Marċ – F'jum il-festa** | *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit* | **3:38** |
| 13. | **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** | *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech* | **5:26** |
| 14. | **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** | *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa* | **3:20** |

**Surmast Direttur** Mro. Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Il-**Kor Regina Coeli** kien taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus LCM, ALCM

Irrekordjat fi Skylight Studios Lija. Recording Engineer Alec Massa

Ħajr lil Jimmy u Maria Vella, Dine West Restaurant, Vella Mechanical Services, Mġarr & Attard Line Dancing Group, Theresa Quattromani (Tal-Berqu) Josephine Borg (ta' Saqqafi) u Horsley Park Community Social Group.

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011 © Kull dritt riservat


HUNGRY WOLF CAFÉ & SNACK BAR
TA' SOLDI
PIZZERIA & TAKE AWAY
Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr
21575749 • 99849688
Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm
Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
STOP
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477692/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt


Maria's Beauty Salon
Maria Cascun - ITEC Qualified Aesthetician & Electrologist
*Facial*Eyebrow Shaping & Tinting*Eyelash Tinting*
Manicure & Pedicure*Gelish*Waxing*
Ear Candling*Facial & Makeup Products
For more info, a free consultation and bookings kindly call Maria on
99672824
8, Sagra Familja, Bidnija Road, Zebbiegh, MGR 2910
Maria's Beauty Salon


DESANA
GRANITE & MARBLE WORKS
www.desanamarbles.com
A Buskett Road, Dingli.
@ info@desanamarbles.com
M 99487776


THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com




SURFACING THE MOST
BEAUTIFUL HOMES

MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE | CERAMICS | PARQUET

**Showroom:** The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta **Tel:** +356 21 433636 **Fax:** +356 21 412499 **E-mail:** info@halmannvella.com

Halmann VELLA
www.halmannvella.com




# MUSIC LINK

Importers • Wholesalers • Distributors

... the **link** between **music** and **musician**

*We stock all types of musical instruments, Pro-Audio Equipment, accessories and music books including ABRSM, LCM and Trinity Publications*

We are also agents for FERNANDES Guitars

**Have you always wished to learn the piano?**
**Is your child interested in learning piano but the thought of being an inconvenience to your neighbours puts you off?**
**Do you live in a small apartment and so space is an issue?**

## ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!



With same hammered piano touch feeling and less space taken, this makes Roland digital pianos unique and comfortable in your home. It gives you the advantage of studying any time you want, even during the night, by using the headphones!

**Benefits when purchasing a Roland Digital Piano:**
• Never needs tuning • No maintenance necessary • lighter to move
• Safe from humidity and temperature • total control of volume
**• Exceeds the specifications for digital pianos prescribed by UK Examination Boards** • 2 years guarantee on parts and labour

Roland Digital Piano Pianos are used at The Royal Academy of Music and The Royal College of Music.

**All models are now with IVORY FEEL TOUCH for the perfect piano playing!**

262, Fleur De Lys Road, Birkirkara | Tel: 2148 2796 | Fax: 2131 5022 | E-mail: info@nvgent.com

www.nvgent.com

Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**"Marija Mtellgħa s-Sema"**
u jwiegħed lill-Imġarrin
l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**"Marija Mtellgħa
s-Sema"**,
tal-Imġarr





"Il-festa t-tajba"
DAVID VASSALLO PERIT
KANDIDAT GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI
9943 6306
perit.davidvassallo@gmail.com




ChimiClean professional
FRANKA L-FLUS F'PRODOTTI
TA' KWALITA - MADE IN ITALY
Issa nista' NIFRANKA IL-FLUS U NGHIN L'AMBJENT billi nerga' nimla kull tip ta' ditergent ...u tinsewx iggibu l-Kontenitur magħkom!
EŻEMPJU
SGRASSATORE
€1.10/KG
With every 40Kg purchased
GET 1KG FREE OF PRODUCTS
from your choice
For all your domestic and professional detergents:
• Laundry • Personal Care • Kitchens
• Industrial Degreasers and much more!
Available at:
USASFUSO
Usasfuso, St. Rita Street, Rabat, Malta | T: 2145 0910
E: chimiclean@gmail.com | www.chimiclean.it
Pure, 62, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, Malta
T: 2157 3180


Pure
ChimiClean professional
Detergents and more....
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more


BLAUGRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers
Johann Said
mob: 99728174
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!


TFLL
HIRE OF TOWER LADDERS
BEST PRICES ON THE ISLAND
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
BEDFORD

# Festa sabiħa kif tassew tixraq lil Ommna Santa Marija



**Colin Falzon**
*Viċi President*

Reġa' wasal Awwissu u dan ifisser li għalina l-Imġarrin wasal l-isbaħ żmien tas-sena, l-iktar żmien mistenni minna d-dilettanti tal-festa. Iż-żmien li fih il-patruna tagħna Santa Marija toħroġ tbierek lir-raħal tagħna

Jien u sħabi tal-Kumitat tal-banda ngħixu ż-żmien tal-festa s-sena kollha, dan għaliex ikun ilna nippreparaw għall-festa sa mill-għada tal-festa li tkun għaddiet. Għalkemm l-Imġarr hu raħal żgħir il-festa tagħna hi waħda ferm mistennija u tiġbed ħafna nies. Il-ġmiel ta' raħalna hu mfittex mill-bosta u jpaxxi lil kull min iżuru.

Inħeġġeġ lil kulħadd biex ikun parteċiepi fl-attivitajiet tal-festa u fejn hu possibbli matul is-sena jgħin biex kull sena jkollna festa sabiħa kif tassew tixraq lil Ommna Santa Marija. Ngħid għalija kemm ilni involut fil-banda sirt napprezza iktar l-impenn tal-għaqdiet volontarji u minkejja l-impenji li għandi fix-xogħol tiegħi xorta nsib ħin biex ngħin u dan nagħmlu mill-qalb u jagħtini sodisfazzjon.

Matul is-sena kelli l-opportunità li nattendi flimkien ma' sħabi diversi laqgħat u konferenzi. Dan laqqagħni ma' diversi nies u dejjem tgħallimt xi ħaġa. Inħossni kburi li għalkemm il-banda tagħna għadha pjuttost fiż-żgħożija tagħha, fejn jidħol it-tagħlim tal-mużika nħabbtuha sew ma' oħrajn li ilhom ferm iktar minna stabbiliti. Dan kollu mertu tal-impenn li nwettqu aħna tal-Kumitat flimkien mas-Surmast u l-għalliema tagħna.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba u nappellalkom biex jekk tistgħu ssieħbu magħna ħalli flimkien naħdmu għall-ġid tal-banda u tal-festa sabiħa tagħna.

Viva Santa Marija



# JKA Construction Ltd

**17, Triq Dun Frangisk Catania, Rabat – Malta**

Għal kull tip ta' lavur fil-ġebel bħal turgien,
*fireplaces* u dekorazzjonijiet ghad-dar
Nagħmlu ukoll alterazzjonijiet
tal-bini u restawr fuq il-ġebel

Għal stima b'xejn ċempel lil Josef Abela fuq
**99444535, 99844694**

Jew ibgħat emajl fuq
jkaconstruction@hotmail.com
**PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**









CAVETT PLACE

Premium Quality

WE CATER FOR HENS, BACHELORS, STAFF PARTIES, REUNIONS AND OTHER OCCASIONS

79441327



**MENU**

APPETIZERS

FTIRA BIŻ-ŻEJT

PLATTER

(BIGILLA, SALAMI, FETA CHEESE, STUFFED OLIVES, QOFFA GALLETTI)

SPICY CHICKEN WINGS

LIVER IN GRAVY

**MAIN**

SUCKLING PIG €14

RIBEYE €17.50

SPARE RIBS €15

CHICKEN BREAST €12

PORK BELLY (STUFFED) €15.50

(GAMMON, SAUSAGE MEAT, PRUNA)

MALTESE RABBIT €10

2 PIECES OF PORK NECK €12

FRESH FISH €16

KING PRAWNS €16

ALL DISHES SERVED WITH POTATO WEDGES

MEDITERRANEAN ROASTED VEG & FRESH GREEN SALAD

**DESSERT**

ĦELWA TAT-TORK

BETTIEĦ

BIRTHDAY CAKES OR ANY OCCASION ON ORDER

(IT'S ON THE HOUSE)

# VS WHOLESALE

For beers, beverages, wines & spirits

103, Ta' Masrija, Mellieħa

**Mobile: 79603243**





TWANNY ZAMMIT











Labardi, Standardi, Pilandri, Kurazzi eċċ.

Ilbies tar-Rumani, Kurazzi tar-Rumani, Ibbanjar bil-fidda, Tiswija ta' strumenti tar-ram

**2, Mejjilla Street, Qormi – Tel: 21498222 / 99867670**

# Integrat sew u impenjat ruħha bis-sħiħ



**Paul Vella**
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Awwissu reġa' magħna u dan ifisser li reġgħet waslet il-festa ta' raħalna, dik ta' Santa Marija. Nibda dawn il-kelmtejn billi f'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-banda tagħna li għal darb'oħra tana l-opportunità li nwasslu messaġġ f'din l-okkażjoni hekk importanti għalina.

Din is-sena barra li se niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija jaħbat ukoll il-ħames anniversarju mit-twaqqif tal-banda Mġarrija. Din l-għaqda issa bil-mod il-mod integrat sew u impenjat ruħha bis-sħiħ biex tkattar il-kultura mużikali fost l-Imġarrin. Hu ferm inkoraġġanti l-ammont ta' allievi u bandisti li jiffurmawha u l-impenn tagħhom. Issa fi ħdan l-iskola tal-mużika tal-banda tagħna hemm erba' għalliema, kollha kwalifikati, biex flimkien jgħallmu lill-membri ta' din il-banda. Hu ferm inkoraġġanti li issa mhux biss tista' titgħallem iddoqq xi strument iżda anke qed isir tagħlim tat-teorija tal-mużika u diġà kien hemm numru sabiħ ta' allievi li resqu għall-eżamijiet tal-London College of Music u kisbu marki sbieħ. Aħna, bħala Kunsill, nappoġġjaw dan kollu u noffru l-binja tal-Kunsill biex isir it-tagħlim tal-banda kull ġimgħa' Naħseb taqblu miegħi li din l-għaqda qed timpenja ruħha bis-sħiħ u qed tħallas flejjes kbar biex tgħallem il-mużika u tajjeb li jkollha l-appoġġ u s-sostenn mistħoqq.

F'għeluq l-ewwel ħames snin ta' banda fl-Imġarr, is-Soċjetà għamlet CD bl-innijiet u marċi tal-Imġarr. F'dan il-proġett ħa sehem ukoll il-kor tal- Parroċċa, Regina Coeli. Xi ħaġa li l-Imġarrin kien ilhom tant jistennew. Tifkira sabiħa li żgur se tkun ferm apprezzata anke minn ħutna l-emigranti Mġarrin.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd speċjalmet lil dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux igawdu l-festa magħna.

Viva Santa Marija


UniJob

The Shop with The Solution To All Jobs

**Ray Deguara**

*'UniJob' Sir Arthur Barton Street, Mosta*
*Tel: 21 433642 ~ Fax: 21 433642*



# Charlie Galea
## Marble & Granite Works

Mob: (+356) 9949 6709
Tel: (+356) 2141 4090
Email: cgaleamarble@onvol.net






**Opening hours:**

| | |
|---|---|
| Monday | 7:00 - 12:00 & 15:00 19:00 |
| Tuesday | 14:00 - 19:00 |
| Wednesday | 8:30 - 12:30 & 14:00 - 19:00 |
| Thursday | 7:00 - 12:00 & 15:00 - 19:00 |
| Friday | 8:30 - 12:30 & 14:00 - 19:00 |
| Saturday | 14:00 - 16:00 |

**Address:**
Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ, Mġarr

**Telephone:**
21582410

**Website/Email:**
www.mgarrfarmers.com

# TA' SOLDI
RESTAURANT
...the heart of good food!

**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***…our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

# Il-festa ta' kulħadd



**Christian Vella**
*Assistent Segretarju*

Santa Marija waslet ... u l-Imġarrin ninsabu fis-seba' sema għax daqt toħroġ fit-toroq tagħna Santa Marija. L-għaxqa tagħna u Ommna tas-Sema.

Kemm hu sabiħ dan iż-żmien tas-sena, kemm ikun ilna nistennewh. Żmien li jġib ferħ u ċelebrazzjonijiet xierqa. Il-festa tagħna hi partikolari għax minbarra l-ġmiel ta' raħalna, li hu mżejjen is-sena kollha bin-natura, f'dan iż-żmien jilbes il-libsa tal-festa.

Il-festa hi ta' kulħadd, mhux tax-xjuħ u l-anzjani biss. Żgħażagħ hemm bżonn inkunu iktar parteċiepi fil-festa. Il-festa mhux ix-xalar u x-xorb. Is-sabiħ tal-festa hu li tkun involut fl-organizzazzjoni tagħha. Aħna l-Imġarrin għandna għalfejn inkunu kburin għax m'għandniex pika, u tal-banda, tal-armar u tan-nar niftiehmu flimkien. Kemm hu sabiħ li tkun maqgħud u li tgħin lil xulxin. Naħseb Santa Marija dan li trid, l-għaqda u mhux il-pika żejda. Għalhekk aħna għandna festa partikolari għax aħna festa waħda organizzata bejn kulħadd.

Meta tkun involut, tkun ixxurtjat għax tgawdi l-festa s-sena kollha. Aħna d-dilettanti ngħixu l-festa kuljum. Dan kemm fil-ħsieb kif ukoll f'ħidmietna. B'hekk il-ferħ li ġġib il-festa nħossuh dejjem.

Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa u nerġa' nħeġġiġkom biex tipparteċipaw fl-organizzazzjoni tagħha. Flimkien nistgħu nkomplu nsebbħu l-festa.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda tal-Imġarrin.



Mario Calleja
Crane Services
for Hire
Mob: 99265419

# Il-festa ta' barra... Wirja tal-festa li hemm f'qalbi



**Mons. Kalċidon Vassallo**
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

"Għada ntella' l-bandiera s-sabiħa!" qal Lippu lill-mara.

"Hekk għandu jkun. Għada l-festa ta' Santa Marija" qaltlu l-mara.

Lanqas laħaq sebaħ, Lippu tela' fuq il-bejt u tella' l-bandiera sabiħa, li kien għadu kif xtara, mal-arblu twil sittin pied li kellu fuq il-bejt.

Lippu poġġa bilqiegħda fuq l-opramorta, iħares u jitpaxxa b'dak in-"nome di maria" impitter kollu tberfil li kien fiha.

F'nofsinhar, Lippu ntefa' mal-mejda biex jiekol. Kiel bil-ħeffa u reġa' sparixxa. Il-mara straħet ftit u marret il-knisja biex tara lil Santa Marija ħierġa. Kien hemm gost: banda, knisja mżejna, tal-qubbajt, murtali.

Il-purċissjoni ħadet id-dawra tagħha u għal xi l-10.30pm daħlet. Qagħdet għall-barka u marret lejn id-dar.

Għal xi l-11.00pm ħasset il-passi mat-taraġ u tara lil Lippu tagħha dieħel fil-kċina.

"X'festa kellna, kemm ħadt pjaċir!" qaltlu martu. "Ma rajtekx il-knisja, la dalgħodu waqt il-kantata u lanqas illejla waqt il-ħruġ u d-dħul tal-purċissjoni! Fejn kont?"

"Tibdilix bil-prietki!" sploda Lippu. "Ġibli ftit minn dak id-dlik tal-uġigħ u idlikli dilka għonqi."

"Mela xi ġralek?", qaltlu l-mara.

"Intfajt bilqiegħda fuq l-opramorta nħares 'il fuq niggosta l-bandiera l-ġdida, u qlajt għonqi!"

"Ara naqra x'miġnun ta' raġel għandi!!"

Hekk jiġrilu min mingħalih li l-banda biss tagħmel il-festa.

Il-banda biss mhix il-festa. Il-banda ssir biex issebbaħ il-festa u turi x'hemm f'qalbna. . .il-ferħ u l-ammirazzjoni lejn il-patruna tagħna.

Jekk nhar il-festa nqatta' ġurnata sħiħa nħares lejn l-armar u nisma' l-banda, allura nkun qed ninsa lil Marija; inkun qed nibdel lil Marija mal-banda.

Festa ta' veru tfisser li nitpaxxa bil-banda, imma fl-istess ħin nitpaxxa wkoll nara li qalbi armata wkoll bil-ġmiel u l-kuluri tas-sagramenti, speċjalment tal-qrar u t-tqarbin.

Hekk, Marija Assunta tifraħ u tkun kuntenta bija.

Hekk l-armar li nkun żejjint iz-zuntier u l-marċi sbieħ li jferrħu t-toroq ewlenin tal-parroċċa jkunu sinjal kemm għandi qalbi mżejna għax inkun żejjintha bis-sagramenti.

Minn qalbi nixtieq festa ta' veru lill-familji tal-parroċċa kollha.




BANIF
BANK
*The power of believing*

With a Car Loan from Banif Bank, getting behind the wheel has never been easier. And I can sit back and enjoy the ride while Banif secures my current lifestyle. Personal Loans Plus Protection include an insurance cover taken out by the Bank in its name to protect myself and my loved ones in case of unforeseen circumstances.

**banif.com.mt**

*The loan is subject to the Bank's lending criteria. 'Personal Loans Plus Protection' incorporate an insurance cover that protects clients in case of accidental death, temporary or permanent total disablement or redundancy. Banif Bank (Malta) plc shall be the policy holder. Details relating to the policy are available on the Bank's website (banif.com.mt). Banif Bank (Malta) plc is a credit institution licensed to undertake the business of banking by the MFSA in terms of the Banking Act 1994. A typical example is based on a loan of €10,000 repayable through monthly instalments of €126.93 over a period of 8 years at a variable interest rate of 5% p.a. Loan is subject to an administration fee of 4% on the monthly instalment. The total sum payable throughout the term of the loan is €12,672.96, at an APR of 6.57% p.a.

TA' DERNIS
PROPERTIES

# WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS





## APARTMENT 1A 110sqm



## APARTMENT 4A 116sqm



## APARTMENT 6A 116sqm



A | 128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184 W | www.tadernis.com E | info@tadernis.com M | 9986 0983

# Il-Ħidma u d-Dedikazzjoni



**Angela Muscat**
*Assistenta Kaxxiera*

Reġgħet għaddiet sena oħra, sena ta' ħidma kontinwa bl-għan waħdieni illi nkomplu nagħtu ġieħ lil Ommna Marija fil-festa permezz ta' noti mużikali mill-allievi tal-banda tagħna. Dan kollu ma jistax ikun possibbli mingħajr il-ħidma u d-dedikazzjoni tal-allievi flimkien mas-surmastrijiet fi ħdan is-Soċjetà, fejn ġimgħa wara ġimgħa jattendu b'impenn għal-lezzjonijiet tal-mużika ġewwa l-Kunsill Lokali. Minn hawnhekk nerġa' nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Kunsill illi laqa' lill-allievi sabiex ikomplu javvanzaw fl-istudju u fil-prattika tal-istrument.

Nixtieq nieħu wkoll l-okkażjoni illi nirringrazzja lill-poplu Mġarri tas-sostenn illi dejjem jagħti lill-banda tar-raħal u li dejjem jattendi bi ħġaru għall-attivitajiet illi jiġu organizzati mill-banda matul is-sena. Dan jagħtina aktar kuraġġ biex inkomplu naħdmu sabiex il-banda tibqa' tikber u timxi 'l quddiem.

Nawgura lill-Imġarrin kollha festa hienja u ta' għaqda. Viva Santa Marija! Viva l-Banda tagħna!

J.J. IRONMONGERY & HOUSEHOLD
Triq F.M. Ferretti, Qajjenza – Birżebbuġa
• Tel: 21652602



***Hiring of Chairs and Tables***



for all occasions
Engagements, Birthdays, Holy Communion, Hotels, Beach Clubs, Restaurants, Clubs, etc

**We deliver and collect back**
**Tel: 2165 2602, 2165 5034**
**Mobile: 9987 9468 Fax: 2165 2602**

# Napprezzaw immens l-attendenza sabiħa tagħkom



**Maria Vella**
*PRO*

Imġarrin għal darb'oħra nagħtikom merħba. Awwissu reġa' magħna u l-festa waslet ukoll. F'dan iż-żmien tant mistenni l-għaqda tagħna jkollha l-iktar żmien impenjattiv dan għaliex fil-festa nieħdu sehem b'bosta servizzi mużikali. Dawn is-servizzi jkun possibbli li nagħmluhom għax intom tgħinuna matul ix-xhur ta' qabel.

Biżżejjed ngħid li kull meta ddoqq il-banda l-ispiża taqbeż sew l-elf ewro. Dan ifisser li s-servizzi tal-festa jiswew ħafna flus u li kieku ma tkunux intom ma jkunx possibbli li nagħmluhom. Għalhekk nixtieq nirringrazzjakom tas-sapport li tajtuna matul is-sena. Kellna sena mimlija impenji u attivitajiet. Napprezzaw immens l-attendenza sabiħa tagħkom li lilna timliena b'kuraġġ kbir. Nappella lill-ġenituri u l-qraba tal-allievi u l-bandisti tagħna biex jipparteċipaw iktar. It-tagħlim tal-banda hu bla ħlas u dan ikun biss possibbli jekk ikollna sostenn mingħandkom. L-ispejjeż għat-tagħlim huma kbar u dejjem qed jikbru. Illum ma tistax toffri tagħlim tad-dilettanti, it-tagħlim tal-mużika jrid ikun ta' livell għoli u minn għalliema kwalifikati. Inħeġġiġkom biex tiġu intom jew tħajru lil qrabatkom jiġu jitgħallmu l-banda. Minn din is-sena bdejna noffru ukoll it-tagħlim tat-teorija bi prezz issussidjat u b'sodisfazzjon ngħid li diġà kellna l-ewwel studenti li għamlu l-eżamijiet u ġabu marki inkorraġġanti ħafna.

Jien involuta sew f'din l-għaqda. Minbarra li jien il-PRO qiegħda wkoll fil-Bord Editorjali u fis-Sezzjoni Nisa. Taħsbux li jien mhux bħal kull mara tad-dar, ikolli x'nagħmel, imma nħoss li din l-għaqda qed tagħmel ġid kbir lil uliedna u liż-żgħażagħ tagħna u għalhekk nagħmel ħilti kollha biex ngħin. Dan jagħtini sodisfazzjon kbir. Għalhekk inħajjarkom biex intom ukoll tagħmlu bħali. Din hi mingħajr ebda rbit. Kulħadd jgħin kif jista'. Tiddejqux tissieħbu magħna. Il-bidu hu iebes imma meta tipprova tinduna li dawn l-għaqdiet volontarji dejjem għandhom x'joffru u kulħadd hu kapaċi jgħin, min tajjeb f'ħaġa u min f'oħra.

Nawgura lilkom u lill-familji tagħkom festa qaddisa mimlija għaqda u ferħ fil-qlub ta' kull wieħed u waħda minnkom u l-għeżież tagħkom.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema u l-banda tagħha.

Jekk int tixtieq tissieħeb
mas-**Sezzjoni Nisa**
kkuntattja lil xi membru tal-kumitat.



BUFFET
BBQ
DINNER
EVERY FRIDAY
at Les Jardins Terrace & Garden Pool
Adults - € 19.50
Children (6-12 yrs) - € 9.25
including Live Entertainment
All Inclusive Packages also available
MARITIM Antonine Hotel & Spa
George Borg Olivier Street Mellieha MLH 1021
T: (00356) 2289 2000 - E: events@maritim.com.mt
F: maritim.malta - URL: www.maritim.com.mt
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta




The ARCHES
Restaurant & Wine Cellar



*Open Tuesday till Saturday from 19:00 hrs.*



*The Arches Restaurant & Wine Cellar*
*George Borg Olivier Street - Mellieha MLH 1021*
*Tel: 00356 2152 3460 - Mob: 00356 7999 5611*
*E-Mail: info@archesrestaurant.com.mt*
*URL: www.archesrestaurant.com.mt - F: thearchesrestaurant*

# B'edukazzjoni u mill-qalb għall-Imġarrin



**Sandro Muscat**

Is-sajf wasal u miegħu jġib ħafna festi ta' bliet u rħula, u fost dawn hemm ukoll il-festa tagħna l-Imġarrin - Santa Marija. Dan huwa ż-żmien fejn wieħed jagħmel li jista' biex flimkien ma' għaqdiet oħra lkoll ningħaqdu, b'għan wieħed, dak li jkollna festa li l-poplu Mġarri jixraqlu. Aħna min-naħa tagħna bħala kumitat tal-Banda nagħmlu li nistgħu biex dak li nagħmlu, nagħmluh b'edukazzjoni u mill-qalb għall-Imġarrin. Jagħtina sodisfazzjon kbir meta naraw is-sehem li jagħtu dawk it- tfal Imġarrin li qed jieħdu t-tagħlim tal-banda b'serjetà, kif ukoll dawk il-bandisti li diġà ħarġu jdoqqu.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll biex nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu lill-Kumitat, fosthom b'mod speċjali lill-emigranti li jgħixu f'pajjiżi l-bogħod minna, li iżda minkejja dan xorta jgħinu b'xi mod lill-Banda tal-Imġarr. Nixtiqilkom il-festa ta' Santa Marija t-tajba, b' kuntentizza, għaqda u paċi.


CN Mifsud Marble Granite

m: +3569988 5191
e: contact@cnmarbleandgranite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com

Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar

# Extremely proud



**Gordon Fee**
*Member*

Hello my name is Gordon Fee and I have been asked to join the Executive Committee for Banda Mġarr of which I am extremely proud. One of the first tasks that has been asked of me is that I write a short introduction of myself, I assure you I think this will be the most difficult task you could ask of me however I will give it my best shot.



*Gordon and Rosalind*

I was born in Glasgow, Scotland a long long time ago. I moved to Mġarr in January of this year after retiring as Chiropodist. I live in the village with my partner Rosalind. The reason we have come to Malta is I followed my big sister who moved here nearly two years ago. I came on holiday, fell in love with Malta but in particular Mġarr, and within 6 months had retired and moved here.

I have two grown up children, a son and daughter, they are still in Glasgow, but I am sure they will visit me many times. Rosalind also has a daughter so we will not be short of visitors. As anyone who has visited Scotland will know the weather can be cold and wet and that's in the summer.

I have travelled a lot, while I was younger with the Merchant Navy, and then when I lived in Northern Spain for 5 years, but I can honestly say I have never felt so welcomed in a country and most importantly by a community. Therefore I would like to say a huge thanks for this, and I promise I will work hard to make sure you know you have made a good decision.



Nails by Alison

**Mob: 99465229 Tel. 27465229**
Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ. L/O L-Imġarr

Specialising in gel extensions, Pedicures & Manicures
Gelish on hands & Toes

Open by appointment nicleah@hotmail.com

# Ninvestu fil-futur ta' wliedna



**Tancred Grech**
**FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE**
*Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi*
*Sezzjoni tar-Ramm u Perkussjoni,*
*Għalliem tat-teorija*

Nagħtikom merħba,

Reġa' wasal ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tant għażiża tagħna; il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Din kienet sena kemxejn impenjattiva għall-Kumitat u kif ukoll għall-bandisti ta' din is-Soċjetà. Kienet sena li fiha ħdimna u għadna qed naħdmu sabiex ninvestu f'dak li ser ikun il-futur ta' din is-Soċjetà; l-allievi u l-bandisti Mġarrin.

## Tagħlim

Kif semmejt qabel, din is-sena ħdimna u investejna f'dak li nemmnu fih u fl-għan li l-għaqda tagħna prinċipalment ingħaqdet għalih: l-istudenti tagħna, il-mużika, u l-festa. Bdejna billi ħloqna skola tal-mużika fejn investejna f'aktar għalliema u ħloqna struttura fejn m'għadniex nipprovdu biss it-tagħlim tal-mużika b'mod prattiku; imma daħħalna wkoll it-teorija. Barra minn hekk l-istudenti jistgħu jibdew jersqu għall-eżamijiet taħt il-kappa tal-London College of Music biex b' hekk ikunu qed jitgħallmu l-mużika b'mod ħolistiku. B'dan il-pass li ħadna diġà kellna numru sabiħ ta' studenti li bdew jibbenefikaw minn dawn il-lezzjonijiet, u ħafna minnhom diġà għamlu l-ewwel eżami tagħhom. Il-lezzjonijiet qed isiru ġewwa l-Kunsill Lokali, fi klassijiet żgħar sabiex l-għalliem ikun jista' jipprovdi t-tagħlim b' mod individwali.

Kull min ikun interessat mhux bilfors irid ikun qed jitgħallem strument, għalkemm aħna nissuġġerixxu li dan ikun aħjar, biex l-istudent jifhem aktar dak li jkun qed jiġi spjegat lilu. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sindku, is-Sur Paul Vella, tal-koperazzjoni li nsibu mingħandu biex inkunu nistgħu nużaw il-binja tal-Kunsill biex nagħmlu l-lezzjonijiet.

Ma waqafniex hemm, imma bdejna u qed naħdmu biex b' kollaborazzjoni mal-Aġenzija Żgħażagħ nintroduċu lezzjonijiet tal-Music Appreciation. Dawn il-lezzjonijiet huma mmirati biex l-istudent jibda japprezza s-sabiħ tal-arti tal-mużika minn età żgħira. Il-ħsieb hu li dawn il-lezzjonijiet ikunu varji, biex it-tfal, filwaqt li jkunu qed jieħdu gost, ikunu qed jitgħallmu fl-istess ħin.

F'dawn il-klassijiet se jibda jsir taħriġ dwar diversi aspetti tal-mużika, bħal kuntrasti differenti, melodiji, tonalitajiet, temp, u anke informazzjoni dwar l-istrumenti tal-mużika. L-età tal-istudenti li huma interessati għandha tkun bejn il-ħames u s-seba' snin. Dawn il-lezzjonijiet se jibdew ikunu fil-binja tal-kunsill lokali u kull lezzjoni ser tkun twila madwar 30 minuta.

Nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nifraħ lil Matthew Vella tal-marka tajba li ġab fl-ewwel eżami tiegħu fuq it-*trumpet*.

### Il-Banda

Għall-ewwel darba wkoll il-banda ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied, fejn tellajna *home concert* b'siltiet minn għanjiet tal-Milied popolari. Dan il-kunċert kien proprju mmirat biex jieħu sehem kull membru li hemm jitgħallem ġewwa s-Soċjetà tagħna. Ħadu sehem ukoll anke l-allievi, billi dawn, minflok daqqew xi strument, qraw xi ħsibijiet u anke ppreżentaw il-kunċert. Inħoss li kien pass pożittiv kemm għall-bandisti tagħna, għax bħala *performance* marru tajjeb ħafna, imma għax jidher ukoll li l-kunċert niżel tajjeb ferm man-nies.

Kif tafu, din is-sena taħbat il-ħames sena mit-twaqqif tal-banda tagħna u għalhekk ħsibna sabiex niċċelebraw dan billi nagħmlu xi ħaġa li tibqa' tifkira u titgawda matul is-snin li ġejjin. Biex nagħmlu dan għamilna *recording* ta' CD fejn daħħalna numru ta' marċi, innijiet (popolari mal-Imġarrin) u kif ukoll l-**Innu Santa Marija** ta' Mro J. Abela Scolaro li ġie miktub propju għall-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr fl-1965. F'dan ir-*recording*, flimkien mal-banda, ħadu sehem ukoll il-kor tal-parroċċa mmexxi minn Mro Mary Cauchi, is-solisti Marita Bezzina li kantat l-**Innu tal-Banda**, mużika ta' Mro Mario Testa u kliem tal-mibki Kavallier George Bianchi u **Sultana tal-Imġarr**, mużika tiegħi u kliem ta' Joe Julian Farrugia. Ħadet sehem ukoll Michaela Galea li kantat **Infaħħruk Dejjem.** Dan l-innu ħa jiżżanżan għall-ewwel darba din is-sena proprju fil-festa. Il-mużika ta' **Infaħħruk Dejjem** ġiet miktuba minni u kliem minn Joseph Caruana (is-Segretarju Ġenerali). Nemmen li din is-CD ħa tkun ta' suċċess għax fiha hemm element li ġie miktub apposta għal dan ir-raħal. Barra minn hekk ġiet ippreżentata min-nies/ banda tar-raħal stess.

Għat-tielet sena erġajna organizzajna s-serata *Flimkien għall-Banda*, li fiha l-istudenti jippreparaw silta mal-għalliem tagħhom biex tindaqq quddiem l-udjenza bħala solist/a. Is-serata kienet għal darb'oħra ta' benefiċċju għall-istudenti u ta' sodisfazzjon kemm għall-għalliema u kif ukoll għas-Soċjetà. Nemmen li serati bħal dawn isaħħu l-għaqda tal-allievi/ bandisti u kif ukoll tippreparahom biex 'il quddiem ikunu mużiċisti.

### Għeluq

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-Soċjetà tkompli tikber. Grazzi b'mod speċjali tmur lis-Segretarju, is-Sur Joseph Caruana, is-Sinjura Rose Apap Bologna, u lis-Sinjura Maria Vella tal-paċenzja li jieħdu bija kull ġimgħa. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-Kumitat Ċentrali kollu għall-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja u nifraħ lil Mro Mauro Spiteri tal-ħatra bħala Assistent Surmast u nirringrazzjah tal-koperazzjoni li sibt mingħandu matul din is-sena, kif ukoll lill-għalliema, is-Sinjorina Beatrix Calleja u s-Sur Henry Fenech tax-xogħol siewi li qed jagħmlu fi ħdan l-iskola tal-mużika.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba, u jalla jkollna festa sabiħa kif tixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

# It-tagħlim mużikali



**Mauro Spiteri**
**A(Mus)LCM, ALCM**
***Assistent Surmast u Għalliem tat-teorija***

**It-tagħlim mużikali ... Għalfejn?**

Insellmilkom. F'dan l-artiklu tiegħi nixtieq inwasslilkom xi informazzjoni dwar il-vantaġġi li studenti li jistudjaw il-mużika jkollhom fuq studenti li ma jistudjawx il-mużika. Dan mhux qed ngħidu biss minħabba li min jitgħallem il-mużika jkollu passatemp ieħor, jew saħansitra xogħol primarju/sekondarju, jew ikun jista' jesegwixxi xi siltiet, jew għax ikollu strument ileqq....iżda dan għaliex il-mużika hija importanti fl-iżvilupp tal-individwu u għajnuna kbira f'xi suġġetti oħra skolastiċi.

**Xjenza**

Bħax-xjenza, il-mużika hija preċiża, speċifika u titlob akustika perfetta. Fil-karti jew ktejjeb li jkollu s-Surmast waqt eżekuzzjoni tal-mużika, ikun fihom mużika li fix-xjenza nistgħu nqabbluha ma' *chart*/*graph*. Dawn iċ-*charts*/*graphs* jindikaw frekwenzi, intensità, tibdil fil-volum, melodija u armonija f'daqqa, u *speeds*.

**Matematika**

Il-mużika hija ritmikament ibbażata fuq taqsim ta' noti fi *fractions*. Dan it-taqsim iseħħ fl-istess waqt li l-istudenti jkunu qegħdin idoqqu u b'hekk it-taqsim irid iseħħ spontanjament mingħajr l-ebda ċans ta' ħafna ħsieb u wisq inqas mingħajr ċans ta' kitba. Dan jgħin fl-iżvilupp tal-matematika mentali.

**Lingwi Barranin**

In-notazzjoni mużikali hija universali. Mużiċisti mill-Orjent jifhmu l-istess mużika li jifhmu l-Ewropej, l-Awstraljani, l-Amerikani u l-kumplament tad-dinja. Se nieqaf mad-dinja tagħna, imma min jaf....forsi anki l-aljeni jifhmuha wkoll. Dan għaliex il-mużika hija lingwa komuni. Xi kitba bl-alfabett ma tonqosx. Apparti t-titli, ismijiet ta' kompożituri jew arranġaturi, kopjisti, eċċ... insibu kitba ferm importanti miżjuda mal-mużika. Din hija kitba li tindika espressjonijiet, teknika, u xi informazzjoni oħra li min ikun ikkompona l-mużika jkun irid iwassal lill-mużiċist. Din il-kitba tinkiteb bi tliet lingwi primarji, Taljan, Ġermaniż u Franċiż. Iva, sorpriża, l-Ingliż li llum hija lingwa mitkellma minn numru kbir ta' nies madwar id-dinja mhix lingwa komuni li nsibu mal-mużika. B'hekk l-istudenti tagħna jkollhom l-opportunità li jitgħallmu kliem f'dawn il-lingwi barranin li għalina l-Ewropej huma ta' importanza strateġika u ġeografika.

**Edukazzjoni Fiżika**

Id-daqq tal-istrumenti (speċjalment dawk tan-nifs) jitlob kordinazzjoni sħiħa ta' partijiet

differenti mill-ġisem tagħna, insemmi fosthom is-swaba', l-idejn, ix-xufftejn, il-muskoli ta' madwar il-ħalq, id-dajaframma, id-dahar, l-istonku, u l-muskoli tas-sider. In-nifs, il-moviment tas-swaba'/idejn u l-qari tal-mużika jridu jkunu jaħdmu f'sintonija perfetta.

### Arti

L-iżjed suġġett assoċjat mal-mużika huwa l-arti, infatti l-mużika hija meqjusa bħala suġġett taħt il-kappa tal-arti. Il-mużika tagħti ċ-ċans lil min idoqqha biex jesprimi l-emozzjonijiet imfakkra jew dawk momentarji. Eżempju ċar huwa meta kompożitur jikteb marċ brijuż biex ifakkar avveniment importanti f'ħajtu bħal pereżempju twelid ġdid fil-familja.

Nispera li l-informazzjoni li wassaltilkom sibtuha interessanti. Nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija lill-President u l-Kumitat tal-Banda tagħna, lis-Surmast u l-għalliema sħabi, lill-istudenti u l-familjari tagħhom, u lilkom Imġarrin kollha li mingħajr is-sostenn tagħkom ma nkunux nistgħu noperaw il-banda kif mixtieq.



# L-ewwel sena tiegħi mal-banda tal-Imġarr

**Beatrix Calleja**
**DipLCM, ALCM, BMusLSM**
*Għalliema strumenti tal-qasba*



Il-festa qaddisa ta' Marija Mtellgħa s-Sema reġgħet magħna, u għalhekk tajjeb nirriflettu fuq l-attivitajiet li saru matul l-aħħar sena sabiex napprezzaw il-ħdima li kien hemm wara dawn l-avvenimenti.

Din hija l-ewwel sena tiegħi li ngħaqadt mas-Soċjetà bħala għalliema tal-istrumenti tal-fjat. Bdejt f'Settembru fejn l-allievi bdew jiġu għandi darba fil-ġimgħa għal-lezzjoni – kemm dawk li diġà ħarġu jdoqqu mal-banda kif ukoll dawk li għadhom fil-bidu tal-vjaġġ mużikali tagħhom.

Minn Ottubru bdejna nippreparaw għall-kunċert tal-Milied fejn daqqew flimkien bħala banda l-allievi kollha xi siltiet popolari tal-Milied taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tancred Grech. Dawn is-siltiet l-ewwel tgħallimniehom waħedna sakemm tellajna l-livell, imbagħad għaqqadthom gruppi żgħar biex jidraw jisimgħu lil xulxin, u fl-aħħar kellna provi bħala banda sħiħa biex stajna nagħtu dan il-kunċert. It-tfal ħadu gost idoqqu ma' xulxin u din is-serata żiditilhom il-motivazzjoni biex ikomplu jitgħallmu sabiex ikunu jistgħu jdoqqu mal-baned.

F'Ġunju tellajna kunċert ieħor imma din id-darba fuq bażi iktar individwali. Hawnhekk l-allievi ma daqqewx bħala banda iżda daqqew bħala solisti. Ħallejt f'idejhom biex jagħżlu silta għal qalbhom. Kien hemm min daqq waħdu, min akkumpanjajtu bil-pjanu u wkoll min xtaq ikun akkumpanjat bil-klarinet. Kelli wkoll il-pjaċir li nakkumpanja mhux biss l-istudenti tiegħi iżda wkoll xi studenti tas-Surmast li jdoqqu r-ramm u l-*percussion*. Ħadmu ħafna l-allievi fuq is-siltiet tagħhom u dan kien jidher ċar meta taw serata mill-isbaħ fejn saħħru lil kull min semagħhom.

Bdejna mbagħad fis-sajf nippreparaw b'entużjażmu għall-programm tal-festa. Għaddejna s-siltiet tal-programm biex b'hekk l-allievi kienu ppreparati għall-kunċerti ġenerali u naturalment għall-programm innifsu.

F'din is-sena li kelli l-pjaċir ngħallem dawn l-istudenti tant bravi u ħabrieka rajthom imxew 'il quddiem fil-mixja mużikali tagħhom. Nixtieq nawguralhom minn qalbi l-festa t-tajba. Nixtieq ukoll nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-ġenituri tas-sapport u koperazzjoni kontinwa li sibt mingħandhom biex flimkien stajna ngħinu lil dawn l-allievi tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema jkomplu jkattru t-talent mużikali tagħhom. Grazzi.

# Din l-għaqda hija ffukata fuq it-tagħlim tal-mużika



**Henry Fenech**
**ALCM Dip(musc)LCM**
*Għalliem tas-Sezzjoni tal-Qasba*

Għeżież ħbieb,

Hija l-ewwel darba li qiegħed nikteb f'dan il-ktejjeb. Huwa ta' unur u pjaċir kbir għalija li nagħmel parti minn din il-banda żagħżugħa. Il-banda tagħna għalkemm hija żgħira fl-età imma hija ta' qalb kbira u enerġetika.

Nibda billi ngħid grazzi kbira lill-membri tal-Kumitat u lis-Surmast bravu, Mro Tancred Grech, tal-fiduċja kbira li wrew fija. Jien ngħallem lill-allievi s-solveġġ u l-istrumenti li ngħidulhom tal-qasba. Meta ġejt magħżul, min-naħa tiegħi, kienet deċiżjoni naturali peress li din il-Għaqda hija ffukata fuq it-tagħlim tal-mużika.

Il-maġġoranza tal-istudenti tiegħi huma entużjasti ħafna biex jitgħallmu, u juruk kemm iridu jitgħallmu meta jiġu għal-lezzjonijiet, u b'dan lili jimlewni bil-kuraġġ. Il-banda tagħna toffri t-tagħlim kemm tal-istrument, u anke din is-sena bdejna ngħallmu t-teorija mill- Assistent Surmast Mauro Spiteri. It-tagħlim tat-teorija jien nirrakkomandah ħafna, peress li l-istudent japprezza u jifhem ħafna aktar dak li jkun qiegħed jitgħallem. Ir-raħal tal-Imġarr għandu jkun kburi li qiegħed isir dan it-tagħlim fil-lokal tiegħu stess!

Sfortunatament il-baned Maltin ibatu ħafna, bħal ngħidu aħna tabù li l-każini qegħdin hemm biex isir xorb u xi logħob biss, u ta' dan il-ġenituri jippreferu jibagħtu lit-tfal tagħhom privatijiet, u jħallsu sew, milli jġibuhom fil-każini biex jitgħallmu l-mużika. Dawn l-aħħar snin il-baned Maltin ħadmu fuq li ħadmu biex tinbidel din il-mentalità fost il-Maltin. Il-Banda tagħna ma qagħditx lura minn dawn l-affarijiet, il-banda għandha għalliema tajbin u stabbiliti, is-Surmast u l-assistent, u anke l-kollega u ħabiba tiegħi Beatrix. Hawnhekk inħeġġeġ lill-ġenituri biex iġibu lit-tfal tagħhom u jibdew it-tagħlim tal-mużika, qatt ma huwa tard għat-tagħlim u jekk jaraw li t-tfal tagħhom qegħdin juru x-xewqa m'għandhiex tiġi miċħuda.

Din is-sena l-banda tagħna għamlet *recording* ta'cd b'innijiet u marċijiet u fuq kollox fiha l-Innu l-Kbir tal-mibki Mro Joseph Abela Scolaro li nirrakkomandalkom li jkollkom fil-kollezzjoni tagħkom. Għall-futur hemm ħafna proġetti maħsuba però dan jiddependi ħafna minnkom il-membri, ħbieb u partitarji tal-Għaqda. Kif tafu l-baned huma mmexxija volontarjament minn nies dedikati, u li jiċċaħħdu minn xi *part-time* jew *over-time* u saħansitra mill-ħin għażiż mal-familjari tagħhom, u ġieli minn fuq jieħdu ħafna kritika minn nies li ma jkunux jafu x'tirrekjedi li tkun fil-kumitat. Intom tistgħu tgħinu b'diversi modi billi tidħlu membri u tħajru nies oħra, twiegħbu għas-sejħiet meta l-Għaqda torganizza xi attivitajiet jew anke tkunu membri attivi fis-Soċjetà. Dawn l-affarijiet huma importanti li jsiru minn issa biex b'hekk is-Soċjetà tkun mibnija fuq sisien sodi għall-futur.

L-aħħar appell tiegħi, inħeġġeġ lilkom biex tersqu lejn l-Għaqda tagħna, u anke tressqu lil uliedkom minn età żgħira lejn il-mużika. Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lilkom ilkoll b'mod speċjali lill-membri u partitarji tal-Għaqda mużikali, Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema.


Modern Butcher
for fresh / frozen meat
& marinated products
Kurat Chetcuti Street, Imġarr Tel: 21577490 Mob: 79577490


CUTS, BLOW DRIES, COLOURS, LIGHTS, UP STYLES,
PERMS, STRAIGHTENINGS, HAIR TREATMENTS
Blink Unisex Hair Salon
By AnnMarie
3, Triq Kurat Chetcuti, Mġarr
Tel: 2158 4492 / 7909 3569


Mgarr Farmers
Snack Bar
& Bennej Restaurant
Home Made Food!
Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta
Tel: 2157 1328, 7959 4938



# Ħdimna flimkien u mill-qalb



**Odette Muscat**
*President Sezzjoni Nisa*

Għeżież Imġarrin,

Reġgħet waslet il-festa tant mistennija minna lkoll. Nixtieq nibda billi nirringrazza lill-Kumitat Sezzjoni Nisa li ħdimna flimkien u mill-qalb, ħdimna għas-suċċessi li kellna f'kull attività li organizzajna għalikom l-Imġarrin. Nixtieq ngħid grazzi kbira lilkom, talli tiġu għal kull attività u tagħmlulna kuraġġ permezz tal-kummenti pożittivi li tgħaddulna.

Fost dawn l-attivitajiet kollha nsibu tliet festini sbieħ għat-tfal li jinkludu dawk tal- Halloween, tal-Milied u tal-Karnival. Għan-nisa, organizzajnielhom diversi *coffee mornings* li dejjem kienu ta' suċċess. Nixtieq nirringrazzja lill-ħwienet li għenu mhux ftit b'għotjiet ta' diversi rigali sbieħ li aħna nużawwaqt l-attivitajiet li norganizzaw. Din is-sena, għall-ewwel darba organizzajna żewġ attivitajiet filgħaxija, fejn dawn ukoll kienu ta' suċċess. Dan għaliex laħqu lil dawk in-nies li filgħodu jaħdmu u ma jkunux jistgħu jiġu għall-attivitajiet li norganizzaw filgħodu. B'hekk permezz ta' dawn l-attivitajiet ta' filgħaxija, jkunu jistgħu jiġu għalihom u jieħdu gost magħna.

Bil-fondi ta' dawn l-attivitajiet, din is-sena, inxtara *sound system* professjonali fejn se jiġi użajt fl-attivitajiet futuri tagħna, kif ukoll f'avvenimenti organizzati mill-Kumitat Eżekuttiv .

Fl-aħħar, nixtieq ngħid grazzi lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja u l-appoġġ li dejjem tana matul dawn l-aħħar snin, kif ukoll lil sħabi tal-Kumitat, li permezz tal-ħidma kontinwa tagħhom inkunu nistgħu ningħaqdu flimkien sabiex niċċellebraw festa xierqa lill-patruna tagħna Santa Marija.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nawgura l-isbaħ xewqat lill-Imġarrin kollha, u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq.

Viva Santa Marija !




*Mix-xellug:*
*Maria Vella (Kaxxiera), Marbeck Muscat (Segretarja), Odette Muscat (President) u Joyce Gauci*

# Sehem tal-kleru, tal-baned u l-mixja kostituzzjonali

**Kitba ta' J.C. Azzopardi**
**Dip. Pol. St.**
*Segretarju Għaqda Każini tal-banda*



Mill-bidu tal-2017 sa tmiem is-sena ta' wara, f'Malta se jkollna avvenimenti importanti li jkunu qed iseħħu jew jiġu ċelebrati. Se jkun żmien interessanti għax se jiġu mfakkra avvenimenti ta' portata nazzjonali imma wkoll politiċi li seħħew mill-bidu tal-preżenza Ingliża f'Malta biex illum ingawdu demokrazija parlamentari; fejn illum il-poplu hu ragħaj tiegħu nnifsu billi matul is-snin kienu ħafna dawk li ħadmu biex, b'sens patrijottiku, stinkaw ħalli jseħħ żvilupp kostituzzjonali f'pajjiżna, li permezz tiegħu lbisna libsa ta' nazzjon kburi bil-kisbiet tiegħu.

Dan hu suġġett vast ħafna li ma tistax tittrattah f'artiklu ta' ktieb ta' festa. U allura waqt li jrid jiġi mfakkar li s-sena d-dieħla l-Għaqda Każini tal-Banda se tkun qed tfakkar is-70 sena mit-twaqqif tagħha, u ta' min isellem lill-fundaturi u dawk kollha li matul is-snin żammewha attiva, importanti iktar minn hekk wieħed ma jistax jinsa li fl-avvenimenti politiċi u l-mixjiet li saru fil-qasam kostituzzjonali, il-baned kellhom sehem ewlieni. Ħafna każini għandhom ritratti ta' laqgħat kbar barra l-Bieb tal-Bombi, fejn id-diriġenti tal-każini qajmu aġitazzjoni u fervur politiku biex jinkisbu drittijiet politiċi għal Maltin. Fl-1901 barra l-Bombi ġie mlaqqa' dak li kien jissejjaħ il-*Gran Comizio* biex diversi għaqdiet, inkluż baned, għaddew riżoluzzjoni kontra l-impożizzjoni ta' taxxi ġodda fuq il-poplu Malti mill-Gvern Ingliż.

Kien hemm il-każ tal-1919 biex twaqqfet l-Assemblea Nazzjonali għal gvern verament rappreżentattiv, u oħra fl-1945 għall-istess għan. Fl-1888 ħdax—il banda ħadu sehem f'dimostrazzjoni mill-Furjana sal-Belt wara l-ħatra ta' membri ġodda tal-Kunsill tal-Gvern ta' dak iż-żmien. Waqt li bosta każini kienu jipprojbixxu statutorjament dibattiti jew diskorsi politiċi fis-sede tagħhom, biex tirrenja armonija bejn l-imseħbin, fl-istess ħin, bħala soċjetajiet, kienu jappoġġjaw korpi li kienu qed jimmilitaw għal żviluppi kostituzzjonali.

Insemmu xi ftit minnhom għal benefiċċju tal-istorja. F'Ħal Qormi nsibu li fl-isfond tal-kwistjoni dwar il-legati taż-żwiġijiet fl-1893 bejn il-Kunsill tal-Gvern u l-Kurja, Sigismondo Savona, f'*meeting* li kien sar, kien favur it-teżi tal-Knisja Maltija, waqt li l-partitarji tal-Każin tal-Banda Pinto kienu kontra li jidħlu fil-kwistjoni. Seħħet firda u twaqqfet il-Banda San Ġorġ.

U kull fejn kien jagħmel *meeting* Savona, kienet iddoqq il-banda San Ġorġ. It-tort tal-firda kien is-Segretarju tal-Isqof li ried jinqeda b'attività tal-Banda Pinto waqt festa f'ġieħ San Massimo, biex jitkellem kontra l-Kunsill tal-Gvern u jorganizza dimostrazzjoni fl-istess okkażjoni. Il-Kumitat tal-Każin Pinto ma qabilx li jservi ta' forċina.

Tajjeb nagħmlu referenza għal-Komunità Dumnikana fil-Birgu għas-sehem ewlieni tagħha meta ndaqq għall-ewwel darba l-INNU MALTI waqt serata mużikali u letterarja organizzata mill-Għaqda Kittieba tal-Malti fit-23 ta' Frar tal-1923. Dak iż-żmien l-isem

tal-Banda kien Orkestra Mandolinistika Melita, bid-direttur jkun Mro Ġuż. Frendo, mill-Birgu.

Fl-ambitu ta' dan kollu li ktibna dwaru, ma naqasx is-sehem influwenti li kellu dak iż-żmien il-kleru Malti, li biex iżomm post ewlieni fil-ħajja Maltija kien jinsisti mal-Gvern Ingliż biex f'kull tibdil politiku kostituzzjonali li jsir, jiġu salvagwardjati l-interessi tagħhom.

Apparti li sal-Kostituzzjoni tal-1939 (Macdonald Constitution) il-kleru kien jista' joħroġ għall-Elezzjoni tal-Assemblea jew tas-Senat, huma kienu jisħqu li jkun hemm provvedimenti għall-ħarsien tal-libertà tal-kuxjenza u libertà reliġjuża. Malli ġiet fis-seħħ din il-kostituzzjoni, ħadd mill-kleru ma kien tħalla aktar joħroġ għall-Elezzjoni.

Dan kien ifisser li bdiet tonqos l-influwenza tal-kleru fuq it-tmexxija tal-pajjiż u fuq moħħ il-poplu, u kellhom jibdew iħejju strateġija differenti kif se jkomplu jiddominaw l-imħuħ tal-poplu, li kien għadu nieqes sew mil-lat edukattiv u dipendenti ħafna fuqhom.

Bla ma nidħlu *per se* fihom, ma ninsewx li kemm il-kriżi politiko-reliġjuża tal-1928-31 u iktar viċin tagħna fis-Sittinijiet tas-seklu li għadda, l-epoki ta' Strickland u ta' Mintoff kienu karatterizzati minn sehem iktar minn attiv tal-kleru Malti ta' dak iż-żmien, u fuq quddiem kien hemm l-Arċisqfijiet Caruana u Gonzi.

Skont ma jidher fil-Kostituzzjoni tal-1921 il-kleru ma kienx ġie eliminat, kif xtaqu l-Ingliżi, milli joħroġ għall-elezzjonijiet. Iżda dan ma kienx il-każ wara l-1939 u ħadd mill-kleru ma kien jista' jikkontesta elezzjoni.

Huwa opportun għalhekk li fix-xhur li ġejjin meta nkunu qed infakkru l-anniversarji li għamilt referenza għalihom, ma ninsewx ukoll li kienu bosta dawk li ħadmu biex illum, dak li kien fid-dikjarazzjoni tad-Drittijiet tal-Maltin tal-1802, meta taw il-Gżejjer tagħna lis-Sovran Ingliż għall-protezzjoni, jinsab salvagwardjat fil-kostituzzjoni attwali. L-aqwa fost id-drittijiet hija li kull persuna f'Malta hija ħielsa li tappartieni liema reliġjon tħossha komda fiha waqt li kull twemmin huwa tolerat.

Il-każini, li għad baqgħalhom għeruq sodi f'kull belt u raħal, minkejja l-problemi finanzjarji ta' wħud minnhom, xorta għad baqa' lok li huma jkomplu jagħtu l-kontribut kulturali mużikali tagħhom fis-snin li ġejjin, ħalli l-arti tradizzjonali li ilha fostna sa aktar minn mija u ħamsin sena tibqa' timla vojt li jkun hemm mingħajrhom fil-qasam soċjali u reliġjuż ta' kull raħal f'Malta u Għawdex.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.




# Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa Mġarr

**Edward Germani**
*Segretarju*

Daqq ta' qniepen, logħob tan-nar, marċi fit-toroq, armar ma' kullimkien u tiżjin u l-funzjonijiet fil-knisja huma l-ingridjenti ewlenien li jsawru l-festa. L-Għaqda tagħna qiegħda taħdem kemm tiflaħ biex l-armar fit-toroq tar-raħal tagħna jiżdied. Din is-sena se nżidu l-armar fi Triq Dun Edgar. Bdejna narmaw is-siġar ta' fuq iz-zuntier bid-dawl.

Se narmaw ukoll Triq iż-Żebbiegħ u anki r-*roundabout*. Armar ieħor jinkludi ħdejn il-Kunsill Lokali u fi Triq Ħaġrat fejn se jkun hemm is-sede tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Kif wieħed seta' jara, matul is-sena z-zuntier qiegħed ikun armat għal festi żgħar. Semmejna Triq Ħaġrat. Għal din it-triq, metas-Sede tal-Banda tkun inawgurata, l-Għaqda se tagħmel armar ġdid.

Nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lejn is-Soċjetà għall-impenn tagħha fl-organizzazzjoni tal-festa u t-tagħlim tal-mużika liż-żgħażagħ tagħna. Nifirħu u nixtiequ kull suċċess lis-Soċjetà bis-CD ġdid bil-parteċipazzjoni tal-banda u elementi oħra Mġarrin.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

**MICHAEL GALEA & SONS LTD.**
Sir Harry Luke Street, Imgarr MGR1501, Malta
Tel 21574752, 99844308, 99869987

Importers of agricultural machinery, gensets &water pumps. Agricultural sprayers.
Diesel engines for agricultural & industrial use. Hand tillers to tractors at competitive prices.

Sales of tractor implements such as;
flail mowers, cultivators, slashers, ploughs, carry boxes, trailers and front loaders.




*Guaranteed after sales service & parts*

# From our friends of Hosley Park Community Social Group Australia

**Theresa Quattromani (tal-Berqu)**
**and Josephine Borg (ta' Saqqafi)**
*co-ordinators*

Our group has been organizing trips every month since May 2000. We have also progressed to organizing weekends away and also have taken groups to Tasmania, New Zealand and cruised to the Pacific Islands. We also hold Melbourne Cup functions every first Tuesday in November where we dress up, have a champagne lunch, and watch the horse race together and enjoy a fashion parade and musical entertainment.



*Lejla Mġarrija at Hosley Park*



*Imġarr decorations during the Lejla Mġarrija 2016*

Thirteen years ago we began fundraising for the Cancer Council by holding an Australia's Biggest Morning Tea. This event has been so successful that it attracts approximately 300 members of our community and is especially popular with the Maltese Community. Over the years we have now raised over $200,000.00 for the Cancer Council.

We are always trying to find different ways to fundraise and four years ago Theresa came up with the idea of holding a "Lejla Mġarrija" for the Mġarrin in the community and our friends. Jubbu ta' Wensu lent us many agricultural items that he has collected over the years and an "għonella". We displayed his mother's wedding dress that was 84 years old and we also have a large photograph of Santa Marija that is carried in procession on the night. Our musicians are from Mġarr and we also had the flag of Mġarr and also that of Santa Marija. This has also become very popular with the Mġarrin in our community and the surrounding suburbs.

This year we had been advised that the Mġarr local band was in the process of recording a CD with the hymns of Mġarr and it was the desire of members of our community to support you in this regard. An extra special collection was made on the night and we raised a total of $500.00 which we are very pleased to give to your committee.

Over the years we have supported our local parish church community. We belong to the parish of Our Lady of Victories – our parish is predominantly people from Mellieħa and Mġarr as well as many Italians. We have also supported many missions, our local schools, bush fire appeals and we have also supported Puttinu Cares Foundation in Malta.

On behalf of the Mġarrin of our community, we wish the village of Mġarr a wonderful feast day. Viva Santa Marija!


Mateja Camilleri
Mobile: 99262576
www.mateja.com.mt
BEST MAKE UP ARTIST 2013 / 2014
MALTA NATIONAL FASHION AWARDS


sunripe
A farmers-owned trade of
Maltese traditional delicacies
Quality
Tradition
Culinary Heritage
St. Peter Street, Mġarr, Malta
T: 21583269 M: 79261490/79252339
Email:msunripe@maltanet.net
Website: www.maltasunripe.com

## *Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta*

# Spettaklu ta' nar li jpaxxi l-għajnejn

Għeżież Imġarrin,

Għaddiet sena oħra u qrobna għall-festa ta' Santa Marija. Il-festa li għalina l-Imġarrin hi tant għal qalbna. Bħala Soċjetà kellna sena impenjattiva u mimlija tlajja u nżul. Ħdimna qatiegħ sabiex għal sena oħra ntellgħu spettaklu ta' nar li jpaxxi l-għajnejn ta' kull min isegwih, biex b'hekk nagħtu ġieħ lill-patruna tagħna Santa Marija. Din hija s-sitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Spettaklu u nistgħu ngħidu li sena wara sena, grazzi għall-appoġġ tagħkom l-Imġarrin, dejjem irnexxielna niġbru somma sostanzjali ta' fondi li bihom inkunu nistgħu naħdmu għall-għan waħdieni tagħna. Dan għamilnieh permezz tad-diversi ikliet li jsiru matul is-sena kif ukoll il-ġbir ta' *envelopes*, fejn sibna koperazzjoni kontinwa mill-familji tar-raħal tagħna. Għalhekk nirringrazzjawkom minn qalbna, u nħeġġukom biex meta jkollna xi attività tiġu bi ħġarkom.

Jalla jkollna festa sabiħa fil-paċi u l-għaqda ta' bejnietna.

Viva Santa Marija!

# IKLA

**b'risq in-nar tal-festa organizzata mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta Mġarr**

**Il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu, 2016**
**Ħin:** 8.00 pm 'il quddiem
**Post:** Is-Santi
**Prezz:** Adulti €16
**Tfal taħt l-10 snin:** €8
**Tfal taħt il-5 snin** *(meta akkumpanjati mill-ġenituri)*: b'xejn

**Ikel:**
*Appetizers*
Għaġin il-forn
Majjal/Tiġieġ/Ħut
*Burgers* għat-tfal
Deżerta

*Bookings* u dettalji mingħand il-membri tal-Kumitat

# Bejn festa u oħra

Kitba ta' Joseph Caruana

Il-festa reġgħet magħna u dan ifisser li wasal iż-żmien li tant ikun ilna naħdmu għalih. Iż-żmien tal-festa tal-patruna tagħna Santa Marija Mtellgħa fis-Sema bir-ruħ u bil-ġisem. Issa sar appuntament annwali li f'din il-pubblikazzjoni, li s-Soċjetà tagħna toħroġ f'dan iż-żmien, jien nikteb dan l-artiklu li fih nagħti rendikont ta' dak kollu li seħħ fi ħdan l-għaqda tagħna mill-festa tas-sena l-oħra sal-lum. Bejn festa u oħra…










L-attivitajiet soċjali huma potenzjal qawwi fl-introjtu tagħna. Nista' ngħid li, flimkien mad-donazzjonijiet, huma d-dħul ewlieni. Matul dawn it-tnax-il xahar organizzajna diversi attivitajiet. Kien proprju jumejn wara l-festa 2015, iġifieri nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu, li organizzajna l-ewwel attività soċjali - ġita ta' ġurnata lejn Sqallija. Saret tradizzjoni li jumejn wara l-festa norganizzaw ġita lejn Sqallija. Dakinhar żorna Marzamemi, kantina tal-inbid, u kellna ikla b'ikel tipiku Sqalli flimkien ma' ftit *shopping* minn ċentru kummerċjali. Matul dan il-perjodu li qed nilħaq, minbarra din il-ġita organizzajna 3 oħra, f'Diċembru morna ġurnata *shopping*, fid-19 ta' Marzu żorna Taormina, Acicastello u Auchan, fl-4 ta' Ġunju imbagħad morna Ispica, Katanja, Acitrezza u Noto. Issa għall-għaxar darba se

nerġgħu nagħmlu ġita ta’ ġurnata, u għal darb’oħra se tkun jumejn fuq il-festa tagħna. Issa se mmorru Katanja, il-muntanja Etna u Centro Sicilia, u wara, kif dejjem nagħmlu meta norganizzaw mawriet lejn Sqallija, se mmorru sa Lungo Mare ta’ Pozzallo fejn se jkollna ħin nixtru xi kannolli u ħlewwiet oħra biex innizżluhom magħna. Filwaqt li minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li jiġu magħna, u nirringrazzjahom tar-reklam li jagħmlulna, inħeġġiġkom titħajru tiġu magħna u tkunu qed tgħinu lis-Soċjetà.
















L-ikliet jibqgħu s-sinsla tal-attivitajiet soċjali li norganizzaw. Nista’ ngħid li organizzajna ikla kważi kull xahar. L-attendenza dejjem qed tiżdied u dan jimliena b’kuraġġ filwaqt li hu sinjal li dawn l-ikliet ikunu tajbin. Aħna kemm jista’ jkun nagħmlu ħilitna biex kulħadd ikun sodisfatt









u kuntent b'dak li qed jieħu għall-prezz li jħallas. Hawn ma nistax ma nsemmix lill-gruppi tal-Line Dancing tal-Imġarr u ta' Ħ'Attard li attendew għal żewġ ikliet li organizzajna. Ma nistax ma nsemmix ukoll il-ħidma fejjieda tal-Kumitat Eżekuttiv u s-Sezzjoni Nisa li jkunu ferm importanti f'dawn l-attivitajiet. Nixtieq nirringrazzja



wkoll lill- ħabib tagħna Sam Gatt li f'Settembru li għadda, ftit jiem qabel reġa' mar l-Awstralja, fejn joqgħod mal-familja, ħa ħsieb it-tisjir fil-Pasta Night li organizzajna nhar is-Sibt 12 ta' Awwissu. Apprezzament ukoll lill-Imġarr Farmer's Snack Bar li għinuna fit-tisjir fl-ikla li għamilna wara l-kunċert 'Il-Milied mal-banda' nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru, 2015. Nirringrazzja wkoll lil Nazju Schembri li ħa ħsieb it-tisjir waqt il-BBQ li għamilna nhar is-Sibt 16 ta' Lulju, 2016. Ma nistax ma nsemmix lil dawk kollha li tawna xi rigal għar-*raffle* li għamilna fl-ikliet. Issa jmiss l-ikbar waħda, l-ikla tal-festa. Din se tkun nhar il-Ġimgħa 12 ta' Awwissu. Għal darb'oħra erġajna stedinna lill-kantant popolari Renato biex flimkien mal-kantanta Mġarrija Michela Galea u Rachel Lowell jallegraw lil dawk kollha preżenti. Inħeġġiġkom tattendu u tħajru lil qrabatkom jiġu huma wkoll. Dawn l-attivitajiet fihom ħafna xogħol u kull min jista' jagħti daqqa t'id m'għandux joqgħod lura. Hu ta' sodisfazzjon li naħdmu flimkien għall-ġid tal-banda ta' raħalna.



Is-Sezzjoni Nisa hi l-forċina tagħna. Dawn jorganizzaw bosta attivitajiet. Minbarra l-Coffee Morning ta' kull xahar, għamlu diversi attivitajiet filgħaxija biex jilħqu lil dawk li jkunu xogħol matul il-jum. Ħadu ħsieb, ukoll għall-Halloween, jagħmlu kemm *disco* għaż-żgħażagħ kif ukoll *party* għat-tfal, u għal dawn l-istess żgħar tagħna wkoll ieħor fil-Milied. Fiż-żmien il-Karnival ħadu ħsieb jorganizzaw festin għat-tfal bil-kostum. L-attendenza għal



















dawn l-attivitajiet dejjem kienet tajba u l-kummenti kienu sodisfaċenti. B'dawn l-attivitajiet huma ħadu ħsieb jixtru PA System u rregalawha lis-Soċjetà, b'hekk qed niffrankaw l-ispejjeż biex nikru sistema ta' *sound* fl-attivitajiet.






It-tagħlim tal-mużika u l-banda jibqgħu l-għan ewlieni u kif xieraq jingħataw l-iktar importanza. Ftit jiem wara l-festa, minħabba n-numru sabiħ ta' allievi li jitgħallmu strumenti tal-qasba, inħasset il-ħtieġa li nżiedu għalliem ieħor. Għalhekk ħtarna lil Beatrix Calleja biex timla din il-kariga. Lejn l-aħħar tas-sena ddeċidejna li nwaqqfu skola tal-mużika. Din id-deċiżjoni ġabet magħha wkoll xi tibdil fl-għalliema. Fil-fatt il-Kumitat iddeċieda li jwaqqaf lill-Assistent Surmast Neville Pace mill-kariga tiegħu u minfloku ħatar lil Mro Mauro Spiteri. Mro Henry Fenech inħatar




ukoll għalliem fi ħdan l-għaqda. Bit-twaqqif tal-iskola tal-mużika bdejna noffru t-tagħlim tat-teorija tal-mużika taħt il-kappa tal-London College of Music. Mela biex ma nfixklu lil ħadd, Mro Tancred Grech baqa' Surmast Direttur tal-banda u għalliem tal-istrumenti tar-ramm u teorija, Mro Mauro Spiteri beda jgħallem it-teorija filwaqt li Mro Henry Fenech u Beatrix Calleja huma responsabbli mit-tagħlim tal-istrumenti tal-qasba.Tim ta' għalliema kwalifikati u ħabrieka, kollha ffokati biex jagħtu dak kollu li jistgħu għall-ġid tal-banda tagħna.




Il-banda baqgħet tagħmel numru sabiħ ta' servizzi mużikali. L-ewwel impenn mużikali tal-banda kien fil-5 ta' Diċembru, 2015 meta għall-ewwel darba għamilna s-serata 'Il-Milied mal-Banda'. F'din il-pubblikazzjoni hemm artiklu ieħor li hu ddedikat lil din l-attività b'iktar dettalji. Bażikament din tikkonsisti f'kunċert mill-banda u wara ikla flimkien biex nibdew iż-żmien sabiħ tal-Milied flimkien. Serata li ntlaqgħet tajjeb ħafna u li din is-sena se nerġgħu nagħmluha. Nhar is-Sibt 2 ta' April kien jum speċjali għalina. Dan għaliex dakinhar sar ir-*recording* tal-ewwel CD tagħna. Din tinkludi l-innijiet li jindaqqu fil-festa. Flimkien mal-banda ħadu sehem il-kor tal-parroċċa tagħna Regina Coeli, taħt it-tmexxija



ta' Mro Mary Cauchi, u s-solisti Marita Bezzina u Michela Galea. Din is-CD se tkun għall-bejgħ fil-jiem li ġejjin. Inħeġġiġkom takkwistaw kopja. Wara l-banda ħadet sehem fit-tifkira tal-vittmi tal-gwerra nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju. Ftit jiem wara, nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju, kellna s-serata annwali "Flimkien għall-Banda". L-aħħar ġimgħa ta' Lulju u l-bidu t'Awwissu huma impenjattivi ferm għall-banda tagħna. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li għat-tielet sena konsekuttiva nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju se nagħmlu marċ brijuż fl-okkażjoni tal-festa ta' Kristu Salvatur ċelebrata f'Ħal Lija, erbat ijiem wara, il-Ħadd 31 ta' Lulju filgħaxija ġejna mistiedna mill-Banda ta' Sant'Anna Wied il-Għajn biex indoqqu fil-festa titulari tal-Iskalin, dik dedikata lil Sant'Anna. Imbagħad se jkollna żewġ servizzi wara xulxin. Nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu, għall-ewwel darba fl-istorja tagħna, il-banda se ddoqq fil-Belt kapitali tagħna Valletta. Dan billi fuq stedina tal-kumitat tal-festa, se nagħmlu marċ brijuż fil-festa ta' San Duminku. L-għada, il-Ġimgħa 5 t'Awwissu jibdew l-impenji tal-festa tagħna. Dakinhar se nieħdu sehem bil-banda fiċ-ċelebrazzjoni innovattiva tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Imbagħad is-servizzi jissokktaw billi nhar is-Sibt 13 ta' Awwissu, fil-knisja parrokkjali, il-banda tesegwixxi programm ta' mużika sagra, bis-sehem tal-kor tal-parroċċa u s-solisti Pauline Vella, Michela Galea u s-sopran Marita Bezzina. Jippreżenta s-serata Mario Sant. Dan se jkun avveniment importanti għalina għax waqt dan il-programm se jiżżanżan l-Innu Popolari l-ġdid, dan l-innu li ssemma "Infaħħruk Dejjem" għandu mużika tas-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech u l-versi ħadt ħsiebhom jien. L-innu se jitkanta mill-Imġarrija Michela Galea. Waqt dan il-programm se tiġi mnedija s-CD 'Infaħħruk Dejjem', tifkira sabiħa liu kulħadd għandu jkollu kopja. Fil-festa tat-tfal, li se tkun nhar it-Tlieta 16 t'Awwissu, il-banda se tieħu sehem waqt il-quddiesa, li se ssir fi Triq Dun Edgar, b'daqq ta' innijiet Marjani. Nhar il-Ġimgħa 19 t'Awwissu nagħmlu l-marċ brijuż tal-aħħar tat-Tridu. F'lejlet il-festa wara l-quddiesa tat-Translazzjoni, il-banda tagħmel marċ qasir u wara tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Flimkien mal-banda se jkantaw it-tenur Georg Zammit, is-sopran Marita Bezzina u l-kantanta Michela Galea. Se tippreżenta s-serata s-sinjorina Claudine Muscat. F'jum il-festa, il-banda tagħna se tagħmel marċ mat-toroq prinċipali qabel il-ħruġ tal-purċissjoni, imbagħad wara ddoqq fuq il-planċier "L-Innu l-Kbir lil Santa Marija". Il-kor Regina Coeli se jakkumpanja lill-banda. Imbagħad nakkumpanjaw il-purċissjoni.




F'Ottubru, fix-xahar li fih niċċelebraw il-5 anniversarju mit-twaqqif, il-banda se tieħu sehem fil-quddiesa li tikkomemora dan l-avveniment nhar it-13 t'Ottubru. Minbarra dan se tkun impenjata f'żewġ programmi mużikali, wieħed fl-Imġarr u l-ieħor f'Birżebbuġa. Dawn huma parti minn proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ li permess tiegħu ngħatajna fondi biex fost l-oħrajn nixtru apparat li jintuża waqt it-tagħlim tat-teorija u *music appreciation*.

Il-bandisti tagħna Matthew Vella, bil-kurunetta, u Mariah Muscat, bil-klarinett, resqu għall-eżamijiet tal-prattika grad 1 u kisbu *distinction*. Grupp sabiħ ta' allievi għamlu l-eżamijiet tat-teorija u lkoll kisbu marki tajbin ħafna. Dan kollu jirifletti s-serjetà li biha noffru t-tagħlim tal-mużika. Għalkemm għadna nibdew bħala banda, għamilna avvanzi kbar u diġà bdejna naħsdu l-frott. Fatt ta' min isemmi wkoll huwa li permezz ta' ftehim li lħaqna

mal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba din is-sena numru ta' bandisti tagħna marru jdoqqu ma' din il-banda, filwaqt li bandisti tagħhom ġew idoqqu magħna. Dan il-ġemellaġġ ta opportunità oħra lill-bandisti tagħna biex ikomplu jtejbu u jgħollu l-livell tagħhom. Prosit!

Il-proġett tal-każin, għalkemm bil-mod fl-aħħar bdejna. Issa iktar minn qatt qabel nappellalkom biex tiġu tagħtu daqqa t'id ħalli ma jdumx ma jkollna d-dar tagħna bħal kull Soċjetà mużikali oħra.



Ftit jiem oħra, permezz tal-proġett Look Forward, se ningħataw is-somma ta' 5,000 ewro mill-Fond tal-Kawżi Ġusti. B'dawn il-fondi se jinxtara sett tnabar timpani. Dan l-istrument jintuża ħafna mill-banda, l-iktar waqt il-programmi mużikali.




Naħseb ilkoll qed taraw kemm ħdimna matul is-sena. Dan kollu jkun possibbli grazzi għalikom u l-ġenerożità tagħkom. Minn din is-sena ddeċidejna li l-*envelopes* tal-ġbir tad-donazzjonijiet jitqassmu darba biss. Fil-fatt dan sar fil-bidu ta' Lulju. Dawk kollha li tawna donazzjoni ta' 5 ewro, jew iktar, ingħataw pakkett b'10 *postcards* b'konnessjoni mal-Imġarr u l-festa. Dawn ir-ritratti ttieħdu mill-fotografi Mġarrin Raymond Muscat u Fredrick Muscat. Minn qalbi nirringrazzjahom tal-għajnuna tagħhom. Kif tistgħu timmaġinaw, flimkien mal-attivitajiet soċjali, id-donazzjonijiet huma importanti biex inkomplu nwettqu l-proġetti tagħna.

Din il-pubblikazzjoni li għandkom f'idejkom tirrikjedi ħafna ħin. Li kieku mhux għax nafu li intom tapprezzawha kieku żgur ma nagħmlux kuraġġ biex nippubblikaw ktieb ta' dan il-livell, li kif tafu jitqassam f'kull residenza. Inħeġġiġkom biex kull min ikun jixtieq jikteb xi artiklu f'dan il-ktieb annwali jikkuntattjana ħalli sena oħra l-artiklu tiegħu, jew tagħha, ikun wieħed minn dawk ippubblikati f'din l-pubblikazzjonji popolari.



Pass pass wasalt biex nagħlaq dan l-artiklu li nispera sibtuh interessanti. Żgur li dak kollu li semmejt kontu lkoll tafu bih għax dan l-artiklu jirrakonta dwar dak li intom stess diġà rajtuh iseħħ. Iżda naħseb li kien mezz tajjeb biex erġajt fakkartkom f'dak li ġara. Issa wasal l-ikbar impenn tagħna, is-sehem fil-festa titulari ta' raħalna, dik dedikata lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, l-istess titlu li bih għammidna lill-banda tagħna. Bil-għajnuna tagħha se nagħlqu ħames snin imwaqqfin. Kienu żminijiet sbieħ, għalkemm xi drabi diffiċli, iżda flimkien irnexxielna naslu u bdejna niktbu l-istorja tagħna. Storja li tagħmlilna ġieħ u li timliena b'kuraġġ kbir għall-futur sabiħ li għandna quddiemna.

*Profil*

# Mauro Spiteri

## A(Mus)LCM, ALCM

## *Assistent Surmast u Għalliem tat-teorija*

Mauro Spiteri beda l-istudju mużikali tiegħu bl-Althorn taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ray Sciberras. Dan kien il-bidu sabiex jitħajjar ikompli l-istudju tiegħu b'iktar impenn u għalhekk studja t-Teorija, l-Armonija, l-Istorja, l-Kuntrapunt, u l-Arranġamenti mal-istess Surmast, u l-istudju bl-istrument mas-Surmast Pawlu Borg. Kiseb id-Diplomi ALCM u AMusLCM rispettivament.



*Mauro Spiteri jdoqq waqt kunċert mal-Windmill Brass Quartet fil-Kavallier ta' San Ġakbu*

Ipparteċipa, daqq f'seminars taħt id-direzzjoni ta' Ian Davies, trumbunista u *lecturer* professjonali. Jieħu sehem f'ħafna kunċerti ma' baned Maltin u Għawdxin u ta s-sehem tiegħu fl-attivitajiet marbuta mal-memorji tal-eks Presidenti tar-Repubblika Guido DeMarco u Anton Buttigieg. Huwa daqq ma' kwartett għal diversi snin fi swali u knejjes prominenti f'pajjiżna fosthom fil-proġett ta' restawr tal-Knisja Santa Katerina tal-Italja fil-Belt Valletta u fil-proġett ta' restawr tal-orgni tal-Knisja tal-Balluta.



*Mro Mauro Spiteri jidderieġi l-Banda Paola tal-Għaqda Mużikali Kristu Sultan fil-Kunċert Annwali 2012*

F'Ottubru tal-2009 ħa l-kariga ta' Surmast Direttur mal-Għaqda Soċjali u Mużikali Kristu Sultan, Banda Paola, liema kariga għadu jokkupa sal-lum il-ġurnata. Jgħallem is-solveġġ, it-teorija, l-istrumenti tar-ramm, il-perkussjoni u jagħti kors lil tfal żgħar dwar apprezzament mużikali mal-istess Għaqda. Jgħallem ukoll mal-Għaqda Korali Orkestrali Marija Bambina l-Mellieħa u f'Jannar ta' din is-sena ngħata l-kariga ta' Assistent Surmast mal-Banda tagħna fejn, apparti li jassisti lis-Surmast f'dak li jkun hemm bżonn, jgħallem it-tejorija.

Ikkompona diversi marċi brijużi u f'Ġunju tal-2009 kellu x-xogħol orkestrali Antifona tal-Madonna jiġi esegwit għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-festa Qalb Bla Tebgħa ta' Marija f'Burmarrad.

Huwa jaħdem bħala Project & Operations Manager ma' kumpanija privata tal-IT. Huwa miżżewweġ lil Violet u għandhom żewġt itfal, Giosue u Martina, u jgħixu n-Naxxar.




p.d. **Security** installations

*Sales & Service for:*
Intruder Alarms, Fire Alarms, Hall porters, Tel. Systems, C.C. T.V. Systems, Gate & Door Automation.

Main Street, Mosta, Malta
Tel: 21 419275
Mob: 9944 5356

P.D.

*Profil*

# Henry Fenech

**ALCM Dip(musc)LCM**

## *Għalliem tal-Allievi Sezzjoni Strumenti tal-qasba*

Henry Fenech mill-Ħamrun twieled fl-20 ta' Lulju 1980. Beda jitgħallem mal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu Ħamrun fl-1989 u ħareġ idoqq bil-klarinett fl-1992. Tgħallem taħt is-surmastijiet Mro Ray Sciberras u Mro Joe Camilleri. Kompla t-tagħlim tat-teorija taħt Mro Paul Buttigieg u Mro Ray Sciberras fejn gradwa u ġab id-diploma Dip(mus) LCM fit-teorija, u d-diploma fit-teorija u l-klarinett l-ALCM, tgħallem taħt diversi surmastijiet oħra matul iż-żminijiet. Fl-2008 Henry kellu l-opportunità li jmur Milan u jagħmel *master class* bil-klarinett mal-klarinettista tal-orkestra tat-teatru La Scala, Paolo Gavelli. Minn Ġunju 2015 jokkupa l-kariga t'Assistent Surmast mal-Għaqda tal-Mużika Lourdes Qrendi u jgħallem it-teorija mal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu Ħamrun minn Ottubru 2015. Kellu diversi karigi fl-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu bħal arkivista u amministratur tal-Banda. Henry kien jagħmel parti mill-Malta Youth Orchestra.



*Henry Fenech idoqq solo mal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun fil-Ġimgħa Mqaddsa 2014*



*Henry Fenech jiggradwa ALCM fis-sena 2010*


**MECHANICAL WORKS & SPARES**

***JOE ABELA***



**MARINA GARAGE**
**Barbara Street, Mgarr**
**MGR 1330, Malta**
**Tel/Fax: 21574662**


RESIDENTIAL
COMMERCIAL
Gozo
MOST ADVANCED UP & OVER GARAGE DOORS
RESIDENTIAL, INDUSTRIAL & COMMERCIAL
UPWARD DOOR SYSTEMS LTD. (UDS)
GARAGE DOORS / SERVICE / INSTALLATION / PARTS
INDUSTRIAL ESTATE, XEWKIJA, VCT 110 GOZO, MALTA, EUROPE
TEL: 356 - 2156 4456 , FAX: 356 - 2156 4457, MOB: 356 - 9942 7391
E-MAIL: uds@maltanet.net WEBSITE: www.udsmalta.com
UDS Malta's Leading Garage Door Fabricator
Upward Door Systems Ltd Distributor of Upwardor Corporation
products of Canada, leading garage door manufacturers in North America.
UPWARDOR


LJ GATT
FOR HIRE
MINI DUMPER
MINI CRANE
MINI CONCRETE MIXER
Lawrence
Mob: 9949 5753 - 9986 9976

*Profil*

# Beatrix Calleja

## DipLCM, ALCM, BMusLSM

## *Għalliema tal-Allievi Sezzjoni Strumenti tal-qasba*

Beatrix għandha dsatax-il sena. Hija ħadet l-edukazzjoni tagħha fl-iskola ta' San Anton u wara fil-kunvent tas-Sacred Heart. Hija gradwat bl-unuri minn San Alwiġi fil-qasam tal-kummerċ u ssokktat l-istudji tagħha fil- G.F. Abela Junior College fl-isfera tax-xjenza.



*Beatrix iddoqq bħala solista bil-pjanu waqt serata kulturali f'Ħ'Attard*

Beatrix bdiet titgħallem il-pjanu ta' tmien snin taħt id-direzzjoni ta' Maria Dolores Amodio. Fil-Grade 7 rebħet il-*board prize* tal-ABRSM. Ta' tnax-il sena telgħet tippartecipa fir-raba' Concorso Pianistico Internazionale "Wolfgang Amadeus Mozart" fi Trapani, Sqallija fejn ġiet ikklassifikata fit-tieni post. Kompliet l-istudji tagħha tal-pjanu ma' Dr Veronque Vella fejn kisbet id-diploma tal-pjanu.



*Beatrix iddoqq solo bil-klarinett fil-Malta Cultural Institute*

Kisbet BMusLSM fit-teorija tal-mużika taħt id-direzzjoni ta' Stephanie Quintano Lauri.

Bdiet l-istudji tagħha tal-klarinett ma' Mro Reno Busuttil. Kisbet ALCM fil-klarinett taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Pirotta. Għadha kemm rebħet borża ta' studju biex tissokkta it-tagħlim mużikali tagħha għall-erba' snin li ġejjin f'Edinburgh.

Beatrix hija profiċjenti kemm fil-klarinett in B flat, kif ukoll in E flat. Iffurmat parti mill-Clarinet Ensemble tal-Johann Strauss School of Music. Hija daqqet bħala solista kemm bil-pjanu kif ukoll bil-klarinett f'diversi lokalitajiet fosthom il-Bażilika ta' San Ġakbu f'Għawdex, waqt il-Lunchtime Concerts ġewwa -Saint James Cavallier, kif ukoll fil-Malta Cultural Institute.



*Beatrix Calleja tiggradwa ALCM Clarinet Performance*

Il-passatempi ta' Beatrix jinkludu ċ-ċess; fil-fatt hija kienet rebħet Best Female fil-kampjonat taċ-ċess tal-BOV fil-kategorija tal-Under 16. Hija tħobb ukoll tagħmel xogħol volontarju fis-santwarji tal-annimali.

F'Settembru tas-sena 2015 Beatrix bdiet tgħallem l-istrumenti tal-qasba fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

# Żewġ kunċerti mingħandna "Il-Milied mal-Banda" u "Flimkien għall-banda"

**Kitba ta' Joseph Caruana**
*Delegat tal-banda*

Wara li fis-sena 2014 konna bdejna ntellgħu s-serata "Flimkien għall-banda", mis-sena li għaddiet bdejna wkoll nagħmlu s-serata "Il-Milied mal-Banda". B'hekk issa l-banda tagħna fil-kalendarju mużikali tagħha għandha żewġ *Home Concerts*. L-għan ta' dawn il-kunċerti hu li permezz tagħhom tittrawwem kunfidenza fost l-allievi u l-bandisti tagħna u fl-istess waqt dawn jingħataw opportunitajiet ġodda.

Is-serata "Flimkien għall-banda", illum l-ġurnata popolari sew magħkom għax issa diġà saret tliet darbiet. F'din l-attività annwali l-allievi u l-bandisti tagħna jdoqqu quddiem l-udjenza siltiet li jkunu studjaw mal-għalliema tagħhom. Huma jdoqqu dawn is-siltiet waħedhom jew akkumpanjati minn xi strument ieħor. Ikun hemm min jagħżel li jdoqq fi dwett. Kull sena l-livell dejjem qed jogħla u l-udjenza dejjem tikber. Il-kummenti li nirċievu mingħand il-parteċipanti u anke minn dawk preżenti jimlewna b'kuraġġ kbir.

Filwaqt li fis-serata "Flimkien għall-banda", il-parteċipanti jdoqqu bħala solisti jew *duets*, fis-serata "Il-Milied mal-banda", il-kunċert jieħu forma ta' *piccola banda*. Hawn il-bandisti u allievi tagħna jieħdu sehem flimkien ma' bandisti oħra. L-iskop ewlieni hu li jibdew minn żmien bikri jittrawmu fil-kunċett ta' banda.

F'dawn iż-żewġ kunċerti jieħdu sehem anke allievi li għadhom ma ħarġux idoqqu. Barra minn hekk dawk li għadhom qed jitgħallmu s-solveġġ jipparteċipaw billi jew jippreżentaw is-serata jew jaqraw xi poeżija .

Filwaqt li s-serata "Flimkien għall-banda" isir fil-bidu ta' Ġunju, "Il-Milied mal-banda" jittella' fil-bidu ta' Diċembru. Dan il-programm hu maħsub biex nibdew il-festi tat-twelid tal-iben t'Alla flimkien. Kif diġà semmejt dan sar l-ewwel darba f'Diċembru li għadda u ngħoġob tassew.

Wara ż-żewġ kunċerti jkun hemm ikla. L-għan ta' din l-ikla hu biex filwaqt li nissoċjalizzaw flimkien tkun opportunità oħra biex jinġabru fondi għall-banda. Liema fondi jmorru biex it-tagħlim jibqa' jiġi offrut bla ħlas.

## Il-Milied mal-Banda 2015

L-ewwel darba li sar dan il-kunċert kien propju s-Sibt 5 ta' Diċembru, 2015. Il-post magħżul ikun il-maħżen taħt il-knisja parrokkjali. L-attendenza kienet numeruża tant li fl-aħħar kien hemm persuni li xtaqu jiġu u minħabba nuqqas ta' spazju baqgħu diżappuntati.

L-attività bdiet b'purċissjoni bi xbieha ta' Ġesù Bambin mill-allievi li għadhom ma bdewx jipprattikaw bl-istrument. Wara segwa programm ta' innijiet u *carols* tal-Milied. Fil-bidu saret ċajta ħelwa lill-għalliema tal-allievi Beatrix Calleja fejn għidnielha li minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontrol fuqhom is-Surmast kellu jmur sad-dar u se jasal tard u għalhehkk se jkollha tibda tidderieġi l-programm hi. Ta' min jgħid li għad li kulma kien hemm ftit minuti Beatrix għamlet xogħolha tajjeb. Waqt li waħda mill-allievi Kasey Muscat għamlet il-prietka tal-Milied u ieħor ħa ħsieb il-preżentazzjoni tas-serata, kien hemm oħrajn li qraw siltiet u poeżiji tal-Milied.

F'nofs il-kunċert intwera *feature* dwar il-ħidma tal-banda. Dan inħadem mill-allievi Nicholas Apap Bologna. Xogħol veru sabiħ u impenjattiv. Nicholas ħadem ukoll programm għall-okkażjoni.

Wara l-kunċert saret ikla. Il-bandisti barranin li ħadu sehem tawna dan is-servizz bla ħlas u wara qagħdu jieklu magħna. Serata veru sabiħa u ta' livell tajjeb kemm f'dak mużikali kif ukoll fl-organizzazzjoni.

Grazzi lill-parteċipanti kollha u lil sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv, Sezzjoni Nisa u Kummissjoni Banda tal-impenn tagħhom.

Din is-sena dan il-kunċert se jerġa' jkun fl-istess post nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru, 2016. Aħsbu kmieni biex ma tibqgħux diżappuntati.

**Flimkien għall-banda 2016.**

It-tielet edizzjoni tas-serata "Flimkien għall-banda" ittellgħet nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju, 2016 fil-maħżen. Peress li kull sena l-attendenza qed tikber dis-sena s-serata saret fil-maħżen flok fil-kunsill. Il-post hu ikbar però għal din is-serata partikulari naħseb li s-sala tal-kunsill hi ferm iktar addattata peress li l-allievi u l-bandisti jdoqqu individwali.

Din is-sena ħafna mill-allievi għażlu li jdoqqu flimkien mal-pjanu. Kien hemm min ipprefera li jiġi akkumpanjat mill-klarinett. L-għażla tas-silta tkun f'idejhom stess naturalment bil-parir tal-għalliema tagħhom.

Għal darb'oħra s-serata ġiet ippreżentata minn żewġ allievi tagħna.

Kif saret id-drawwa f'nofs il-kunċerti ntwera *feature*, din id-darba dwar is-servizzi mużikali tal-banda matul is-sena li għaddiet. Dan inħadem mis-Sur Roberto Apap Bologna. Kien *feature* ħelu u li rrikjeda ħafna xogħol biex sar. Grazzi tal-għajnuna.

Il-parteċipanti kollha ngħataw ċertifikat tal-parteċipazzjoni. IS-Surmast Direttur, l-Assistent Surmast u l-għalliema ngħataw pjanta bħala rikonoxximent tal-ħidma taghhom.

Inħadem programm ta' tifkira minn Michael Apap Bologna li tqassam waqt is-serata.

Wara l-kunċert kien hemm ikla għal dawk preżenti.

Għal darb'oħra din l-attività kienet sponsorjata mill-Banif Bank u Music Link.

Kif tistgħu taraw l-impenn għat-tkattir tal-arti mużikali hu kbir, Minbarra li dan hu l-għan prinċipali tas-Soċjetà tagħna, aħna nemmnu li dan hu investiment għall-futur. Iktar ma jkollna mużiċisti tajbin iktar nimxu 'l quddiem. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina li propju f'din is-sena tal-ħames anniversarju mit-twaqqif tal-banda tagħna, numru sabiħ ta' bandisti tal-post ġew msejħa biex idoqqu bi ħlas ma' bosta baned lokali. Dan minbarra li jagħtihom esperjenza ġdida jimliehom b'kuraġġ.

**P.L & R Excavations** (Tal-Palmier)

*General Excavation & Demolition works*
*Supplies of beams & old building stones*

Mobile: **79472898, 99498688, 99473250**

# Il-Milied mal-Banda 2015





# Flimkien għall-Banda 2016



# Servizzi Mużikali għas-sena 2016 mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 15 ta' Mejju, 2016 | Tifkira vittmi tal-gwerra | L-Imġarr |
| 6 ta' Ġunju, 2016 | Flimkien għall-banda | L-Imġarr |
| 27 ta' Lulju, 2016 | Festa Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 31 ta' Lulju, 2016 | Festa Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 4 ta' Awwissu, 2016 | Festa San Duminku | Valletta |
| 5 ta' Awwissu, 2016 | Ħruġ tal-vara Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 t'Awwissu, 2016 | Programm Mużika Sagra Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 16 t'Awwissu, 2016 | Jum it-tfal Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 t'Awwissu, 2016 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 20 t'Awwissu, 2016 | Marċ u Programm Vokali u Strumentali Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 21 t'Awwissu, 2016 | Purċissjoni u Programm Mużikali Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 13 t'Ottubru, 2016 | 5 snin anniversarju tal-banda | L-Imġarr |
| Ottubru, 2016 | Programm Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| Ottubru, 2016 | Programm Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 3 ta' Diċembru, 2016 | Il-Milied mal-banda | L-Imġarr |

It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura
għalhekk ħajjar lil uliedek
jitgħallmu strument
mal-Banda Marija Mtellgħa s-sema
tal-Imġarr

# Marċi Brijużi

## *Li se jindaqqu mill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" fil-festa ta' Santa Marija 2016*

| | |
|---|---|
| Matthias | Tancred Grech |
| Zenga | Neville Pace |
| Kumitat 2011-2012 | Mario Testa |
| Echo of the Emeralds | Luigi Bongailas |
| Pablito | Archibald Mizzi |
| Il-Famuża Koppla | Willie Attard |
| Tal-Qalba | Joseph Busuttil |
| Munchengladbach | David Caruana |
| Leona | David Caruana |
| Nigel | Mario Testa |
| Sorrento | Orazio Cachia |
| The King | Archibald Mizzi |
| Nicole | Neville Pace |
| Allegro con fuoco | Victor Vella |
| Santiego de Cuba | Joseph Abela Scolaro |
| Il-Ħbieb | Hector Dalli |
| Martina | Peter Cini |
| Come on the Stripes | Maġ. Anthony Aquilina |
| Chinese Rose | Joseph Azzopardi |
| Appasionata | Joseph Abela Scolaro |
| Blue Banner | Luigi Bongailas |
| Nathan il-King | Tancred Grech |
| Kumissjoni Banda | Ray Sciberras |
| It-Two | Michael Bugelli |
| Agrigento | Andrew Coleiro |
| Cardenia | Hector Dalli |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| L.I.F.E. | Julius Tanti |
| Santos | David Agius |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| St Petersburgh | David Caruana |
| Victory | Vincenzo Ciappara |
| Golden Jubilee | Emanuel Bugeja |
| Charlotte | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| Ġillu | Ray Fenech |
| Martina | Mauro Spiteri |
| Katya | Tancred Grech |

# Programm ta' Mużika Sagra

**mtella' mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**
**fil-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr**
***nhar is-Sibt 13 ta'Awwissu, 2016 fit-8.30pm***

| | | |
|---|---|---|
| Silta | Toccata In D Minor | J.S. Bach<br>Arr. Jan van Kraeydonck |
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija<br>Kor Reġina Coeli | Mużika:Vincenzo Ciappara<br>Versi: Ġanni A.Cilia |
| Innu Popolari | Infaħħruk Dejjem<br>Solista: Michela Galea | Mużika:Tancred Grech<br>Versi: Joseph Caruana |
| Ballade | To Believe<br>Solista: Pauline Vella | Matthew Evancho<br>Arr. Ray Sciberras |
| Talba | Ave Maria<br>Solista: Georg Zammit | Joseph Fenech |
| Talba | Magnificat<br>Solista: Marita Bezzina | Ray Sciberras |
| Klassika | Bells Across The Meadows | A. W. Ketelbey |
| Silta | La Califfa<br>Solista: Marita Bezzina | Ennio Morricone<br>Arr. John Glenesk Mortimer |
| Innu l-Kbir | Lil Santa Marija Mġarr<br>Kor Reġina Coeli | Mużika:Joseph Abela Scolaro<br>Versi: Dun Orazio Vella |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr<br>Solista: Marita Bezzina | Mużika:Tancred Grech<br>Versi: Joe Julian Farruġia |

Surmast Direttur: Mro. Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Il-kor tal-parroċċa Regina Coeli se jkun taħt it-tmexxija ta' Mro. Mary Cauchi BA(Hons) L.MusLCM,ALCM
Jippreżenta l-programm is-Sur Mario Sant
Kulħadd huwa mitlub ikun f'postu fit-8.15pm.













# Programm Vokali u Strumentali

mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr
taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech
fuq il-pjanċier f'Wesgħat il-Ġublew l-Imġarr
nhar is-Sibt 20 ta'Awwissu, 2016









| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija<br>Ikanta: Kor Regina Coeli | Mużika:Vincenzo Ciappara<br>Lirika:Ġanni Cilia |
| Innu Popolari | Infaħħruk Dejjem<br>Tkanta: Michela Galea | Mużika:Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Marċ trijonfali | Aida | Giuseppe Verdi |
| Medley | Tijuana Brass in Concert | Arr. Ted Ricketts<br>Jidderieġi l-Assistent Surmast Mauro Spiteri |
| Soul | One Moment in Time<br>Tkanta: Michela Galea | Arr. Andrew Calleja |
| Ballade | Ballade Pour Adeline | Arr. Scott Richards<br>(Pjanista: Beatrix Calleja) |
| Silta | Majestia | James Swearingen |
| Silta | March With Me<br>Tkanta: Marita Bezzina | Vangelis<br>Arr. Alfred Farrugia |
| Waltz | Waltz no. 2 | Dmitri Shostakovich |
| Pop | I'm Alive<br>Tkanta: Michela Galea | Arr. Jan van Kraeydonck |
| Silta | Invincible | Arr. Young |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr<br>Tkanta: Marita Bezzina | Mużika:Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu tal-Banda | Marija Mtellgħa s-Sema<br>Tkanta: Marita Bezzina | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |

Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat

Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed jkun jista' jsegwi l-programm

Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-9.15pm



# ST. MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**

Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm- 7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

**Family Doctor in daily attendance**

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

# Marlene's Daily Fresh Fish
**For daily fresh fish contact us on 77994377**






Find us on: facebook

Visit us on facebook
**(Marlene's Daily Fresh Fish)**
for latest information and offers

# Innijiet u Marċi Proċessjonali

## *li se jindaqqu mill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" fil-festa ta' Santa Marija 2016*

Innu tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" ........................................ Mużika: Mario Testa
Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi

Innu Popolari "Infaħħruk Dejjem"................................................Mużika: Tancred Grech
Lirika: Joseph Caruana

Innu Popolari "L-Imġarr Iben Marija" ....................................Mużika: Vincenzo Ciappara
Lirika: Ġanni Cilia

Innu Marċ "Sultana tal-Imġarr".....................................................Mużika: Tancred Grech
Lirika: Joe Julian Farrugia

Innu Marċ "F'Jum il-festa"..................................Mużika: Mary Cauchi Arr.Victor Zammit
Lirika: Joe Sammut

Auxilium Christianorum ...........................................................................Neville Pace

Marcia Processionale No 1 ..................................................................... Ray Sciberras

Marcia Processionale No 2 .....................................................................Ray Sciberras

F'Dik Ħarstek Ħanina ........................................................................ Arr. Ray Sciberras

Fil-Ħlewwa ta' Mejju .........................................................................  Arr. Ray Sciberras

Fis-Santwarju tal-Madonna ...............................................................Arr. Ronnie Debattista

Innu ta' Fatima ................................................................................. Arr. Ray Sciberras

Ismagħha l-Għanja ...........................................................................Arr. Ronnie Debattista

Lil Marija Regina .............................................................................. Arr. Ray Sciberras

Madonna Sbejħa Tagħna ...................................................................  Arr. Ray Sciberras

Oh Kemm Nixtieq Naraha ..................................................................Arr. Ronnie Debattista

Angelus ............................................................................................ Arr. Ray Sciberras

Ave Maria ....................................................................................... Arr. Ronnie Debattista

# FTIRA MENU

**FTIRA MARGHERITA: €6.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA INĊOVA: €6.50**
Caponata, Tuna, Anchovies, Sliced Green Olives, Capers, Onions, Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA TAX-XIKEL: €7.50**
Chopped Gammon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Curry Onions, Garlic, Garlic Butter, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAL-BIDWI: €7.50**
Tomato Sauce, Aubergines (brunġiel), Marrows (qarabali), Mixed Peppers, Onions, Garlic, Cheeselets (ġbejniet friski), Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs

**FTIRA GĦONNELLA: €8.00**
Tomato Sauce, Maltese Sausage, Ġbejniet Friski, Potatoes, Onions, Funnel Seeds, Sesame Seeds, Mixed Herbs

**FTIRA TAS-SAJJIED: €8.50**
Tomato Sauce, Smoked Salmon, Fresh Cheeselets (ġbejniet friski), Shrimps, Curry Onions, Parsley, Garlic, Black Olives, Capers, Fresh Tomatoes, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA CAPRICCIOSA: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Mushrooms, Eggs, Gammon, Black Olives, Onions, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAL-LAĦAM: €8.50**
Tomato Sauce, Mozzarella, Onions, Minced Meat, Eggs, Carrots, Peas, Potatoes, Garlic, Mixed Herbs, Sesame Seeds

**FTIRA TAT-TIĠIEĠ: €9.00**
Tomato Sauce, Mushtoom, Chicken, Eggs, BBQ Sauce, Mozarella, Mixed Herbs, Garlic, Onions, Sesame Seeds

**FTIRA PARMA HAM: €9.00**
Tomato Sauce, Mozzarella, Parma Ham, Rucola, Onions, Mixed Herbs, Sesame Seeds

Gormina, Mosta Road, St. Paul's Bay, Malta - ORDER YOUR FTIRA NOW
Tel: 27 585 786, 21 585 786 www.gormina.com

Find us on facebook.

# GORMINA
BAKERY & CONFECTIONERY

**ORDER YOUR FTIRA: 27 585 786**



FTIRA TAX-XIKEL



FTIRA TAL-BIDWI



FTIRA GĦONNELLA



FTIRA INĊOVA


GREEN ENERGY
saver
(PROP MARK VELLA)
INSPIRED FOR ENERGY SAVINGS
$
BILLS
HATE YOUR
ELECTRICAL BILLS?
WE CAN HELP WITH:
• LESS ENERGY & POWER
• LESS ELECTRICAL BILLS
• 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT
SUITABLE FOR:
• RESIDENTIAL
• COMMERCIAL
• & INDUSTRIAL PREMISES
INFO @ 9942 9644
Money Back Guaranteed



# All in One Bazaar

Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr

**Mob.79898045**

We offer dry cleaning services,
clothes alterations & shoe repair.

Also available clothes,shoes, underwear, bedsheets,
gifts,bags,towels,crafts items etc.

*Kulleġġ San Nikola kinder uniform*
*by Eagle Knitwear is available*

# Treecake

## Confectionery

**Caterers for all Occasions**

Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060

# Eclipse
## Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys & Gifts*
*Photocopy Service*
*Binding & Book Covering Service, etc.*





**ACCOUNTS**
**PRIVATE**
**TUITION**





**COURSES STARTING SOON**

- ORDINARY LEVEL
- INTERMEDIATE LEVEL
- ADVANCED LEVEL
- OTHERS

Individual attention
Small groups
Course notes provided

Ms F. Borg B. Accty (Hons.), MIA, CPA

Mob No: 7909 2845



# Vassallo Self Service

**Variety of Fruit, Veg,**
**Groceries and Delicatessen**

Main Street, L-Imġarr, Malta
Tel: 21579357
7905 3790
7961 9291

## Pullicin Skip Hire

99427324
99477324

**We are a Skip Hire, Mini Skip Hire & Commercial Waste Disposal Company. Mini Skip Hire, Waste Disposal, Rubbish Removal Service & Commercial Waste Disposal**

**Bargain Prices guaranteed!**



Find us on facebook



## AutOmax

PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Gudja Industrial Estate,
Tarxien Road,
Gudja

**Tel: 2166 1149**

**Mob: 9947 2196**

Għall-10 darba "tal-banda"
se jorganizzaw

# ĠURNATA SQALLIJA

**It-Tlieta 23 ta' Awwissu, 2016**

**Suq ta' Catania – Mt. Etna – Centro Sicilia**







**PREZZIJIET:**

**Adulti** €129

**Żgħażagħ**
minn 14 sa 24 sena €90

**Tfal** minn 4 sa 13-il sena €50

**Taħt l-4 snin b'xejn**

## Prezz jinkludi:

Vjaġġ bil-katamaran lejn Pozzallo u lura

**Tluq minn Malta fil-05.00** u tluq minn **Pozzallo fid-21.30**

Transfers minn Pozzallo lejn Catania, Mt. Etna, Centro Sicilia u lura lejn Pozzallo

***Tour leader*** ta' Micallef Joe Travel

Taxxi inklużi fil-prezz

*Bookings* u dettalji fuq **79674678**

Kull min ġie magħna ħa pjaċir u reġa' ġie.













**Din id-darba ejja magħna int ukoll**

# Meta l-Madonna interċediet għall-Maltin

Kitba ta' Chev. Mario Coleiro OSJ



Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-istorja jsib diversi okkażjonijiet fejn il-poplu tagħna kien ħeles minn xi saram u dan kien attribwijt għal intervent divin. Jekk inħarsu fil-Medju Evu naraw li kien hemm assedju fuq l-Imdina li ntrebaħ mill-Maltin. Dakinhar il-Maltin iġġieldu waħedhom u mingħajr l-għajnuna ta' ħadd u minkejja dan kollu xorta rnexxielhom jirbħu. Din ir-rebħa kienet attribwita għall-intervent ta' San Pawl, San Ġorġ u Sant' Agata. Assedju ieħor li ntrabat ma' intervent divin kien dak li seħħ fuq l-Imdina fl-1551. Dakinhar it-Torok kienu ħarbu meta fuq is-swar ta' dik il-belt tpoġġiet l-istatwa ta' Sant' Agata.

Iżda l-iktar interventi divini li baqgħu msemmija huma dawk marbutin mal-Madonna. Nibdew biex insemmu waqt l-Assedju l-Kbir tal-1565. Il-bliet tal-Birgu u tal-Isla kienu għaddejin minn attakki kontinwi u kienu jinsabu marsusin fil-morsa bejn il-qawwiet Ottomani. Il-Gran Mastru u ta' madwaru kienu jinsabu inkwetati kemm setgħu jżommu iktar għall-kolpi tal-għadu. Il-poplu kien fl-estrem tal-forzi tiegħu u bil-kemm seta' jirreżisti iktar l-assalti tat-Torok. Kulħadd kien jirrikorri għat-talb u dan jidher li ntlaqa' għax kien proprju nhar il-festa tat-twelid tal-Madonna meta t-Torok ħarbu u ċedew. Dakinhar kien it-8 ta' Settembru u minn dakinhar din il-festa bdiet tissejjaħ il-Vitorja. Fl-istess data tat-8 ta' Settembru l-poplu Malti kien ħeles minn saram ieħor meta fil-1800 l-Franċiżi, li kienu imblukkati fil-Belt Valletta u l-Kottonera għal kważi sentejn, ċedew u taw ruħhom b'mirbuħa.

Dan l-imblokk kien daħħal lill-poplu għal gwerra interna ta' sentejn li ġabet ġuħ u faqar kbir. Meta l-Franċiżi ċedew il-poplu reġa' attribwixxa din ir-rebħa għall-intervent divin tal-Madonna fil-festa tat-twelid tagħha. Hekk reġa' ġara fit-Tieni Gwerra Dinjija meta nhar it-8 ta' Settembru 1943 l-Italja ċediet u għalhekk dan kien ifisser li l-Gwerra kienet spiċċat għal Malta. Il-poplu kien għal darb' oħra reġa' ħeles minn saram kbir u dan seħħ propju fil-festa tat-twelid tal-Madonna, b'hekk din il-ħaġa kienet ukoll attribwita lill-intervent ta' Marija Santissima li interċediet għall-Maltin li kienu batuti ħafna.

Iżda l-iktar okkażjoni li tissemma bħala intervent dirett mill-Madonna biex ittaffi t-tbatija tal-poplu Malti kien meta fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinija daħal il-konvoj ta' Santa Marija. Dan il-konvoj kien telaq min Ġibiltà u kellu missjoni diretta li jwassal kemm jista' vapuri mgħobbija b'dak kollu li kellha bżonn Malta. Il-poplu kien fl-estrem u l-ikel kien spiċċa għalkollox. Il-munizzjon għad-



*Il-Konvoj ta' Santa Marija*

difiża kien spiċċa wkoll u Malta kien fadlilha biss ftit jiem biex iċċedi. Kulħadd kien jittama li dan il-konvoj jasal għax kieku Malta kellha ċċedi l-eżodu tal-Gwerra kien ikun differenti minn kif nafuh illum. Il-poplu rrikorra għat-talb lil Marija Santissima biex din tinterċedi għalih u ssalvah mill-madmad li kien lest għalih kieku Malta kellha ċċedi. B'kollox minn Ġibiltà telqu erbatax-il bastiment merkantili mgħobbija b'dak kollu li kellha bżonn Malta. Biex jipproteġuhom kellhom 45 bastimenti tal-gwerra fosthom 4 *air craft carriers*, 2 *battle ships*, 7 *cruisers* u 32 *destroyer*.

Minn dawn il-vapuri kollha waslu f'Malta ħames vapuri merkantili u ftit bastimenti tal-gwerra. Biex dan il-konvoj wasal kienu ħafna dawk il-baħrin abbord dawn il-vapuri li ħallew ħajjithom biex isalvaw lil Malta. Il-qofol tal-konvoj daħal fil-Port il-Kbir meta wasal it-tanker Ohio nhar il-15 ta' Awwissu 1942. Minn dakinhar dan il-konvoj issemma bħala dak ta' Santa Marija u l-poplu dar lejn il-Madonna, li għal darba oħra kienet interċediet, u fil-festa tal-Assunzjoni tagħha fis-sema salvat lill-Maltin minn saram kbir. Minn dakinhar din il-festa saret waħda mill-aqwa festi Marjani li niċċelebraw f'pajjiżna.



*Ohio 1*




Nawguraw il-festa t-tajba
lill-familji kollha tal-Mġarr

Deputat Laburista
**Tony Agius Decelis**
& **Josette Agius Decelis**

Jekk tixtiequ tagħmlu kuntatt
magħna kkuntatjawna hawnhekk

**79702248**

**tony4mp@gmail.com**

## J. BONAVIA & NEPHEWS Ltd

**St Francis, Triq Il-Fortizza, Mosta MST 4000**
**Tel: 21 422 624/5 • Fax: 21 423 084 • Mob: 99 490 877**

J. Bonavia & Nephews Ltd. provides both engineering works and waste management services. The following is a list of our services in relation to each respective field:

**Civil Engineering Works:**
- Demolition of Buildings
- Excavation Works
- Trenching Works
- Plant Hire – Earth Moving Machines Services
- Supply of Aggregate and Sand

**Waste Management Services:**
- Open Skip Services
- Skip on Wheels Services
- Waste Services
- Shredding Services





# VELLA WHOLESALERS

**Groceries, Toiletries, Detergents and Petshop**






'St.Michael', Sir Temi Zammit Str, Zebbiegh

Tel – 21 522 805 Mob – 99 837 837

whiskas ROYAL CANIN IAMS Life's Better Miglior cane Eukanuba Make a Good Dog Great



Fida Feeds
A Guarantee of Nutrition & Well-Being
Horse, Pig, Sheep
Layers, Dog Food
& a wide range of
Rabbit feeds
MANGIMI
LEONE
Indri Psaila street,Handaq, Qormi QRM 4000
Tel +356 21494694 Fax +356 21441799 Mobile +356 79797757
Email info@fidafeeds.com Web www.fidafeeds.com

# Fl-aħħar waslet...

**Kitba ta' Joseph Caruana**

Tul dawn l-aħħar snin bosta drabi waqqfuni u ċempluli nies biex jitolbuni CD bl-innijiet tal-Imġarr. Min biex jibgħatha barra lil qrabatu msiefrin, u min biex jeħodha miegħu fil-post li snin ilu emigra. Oħrajn biex idoqquha huma, u anke bosta DJs u preżentaturi ta' stazzjonijiet tar-radju biex idoqquha fil-jiem tal-festa. Dejjem kont ngħidilhom li s'issa għadu ma sar ebda *recording* bl-innijiet tal-Imġarr.

Meta ninsabu fuq l-għatba tal-ħames sena minn meta wettaqna l-ħolma li raħalna jkollu l-banda tiegħu, il-Kumitat Eżekuttiv xtaq li jikkommemora dan l-avveniment importanti billi jagħmel xi ħaġa li tant ilha mixtieqa u li tkompli tkabbar l-isem u s-suċċessi tal-għaqda tagħna. Għalhekk kienet għażla naturali li l-Kumitat Eżekuttiv iddeċieda li jagħmel *recording* professjonali tal-innijiet li jindaqqu fil-festa tal-Imġarr flimkien ma' xi marċi brijużi li wkoll jindaqqu fil-festa. Għalkemm kienet deċiżjoni naturali kienet waħda responsabbli għax l-ispiża għal dan ir-*recording* kienet waħda sostanzjali tant li qabżet l-elfejn ewro. Flejjes li bħalissa li bdejna l-proġett tal-każin żgur li għandna fejn nutilizzawhom. Imma għax nemmnu li dejjem sibna sapport u sostenn mingħandkom dħalna għal din l-ambizzjoni.

## Preparamenti

Wara li ġie deċiż li nidħlu għal dan l-impenn bdew il-preparamenti. Mhux se ngħid li nġibu l-istimi għax dawk saru fil-fażi plenarja meta riedna niddeċiedu u nagħżlu x'se nagħmlu. L-istudjo kien diġà ntgħażel fil-fażi preċedenti. Hawnhekk iddeċidejna li nirrekordjaw għand l-*iSkylight Studios* Ħal Lija, studjo ġdid tant li kienet l-banda tagħna li żanżnet dan il-post sabiħ u ferm attrezzat. Il-persuna responsabbli mir-*recording* kien is-Sur Alec Massa li żgur ma għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni f'dan il-qasam. Bniedem li kull meta kellna xi programm mużikali dejjem użajna s-servizzi tiegħu u għalhekk nafu sew lil xulxin u dan kien ta' għajnuna kbira għalina. Wara li ftehmna fuq id-data tar-*recording* tal-banda, dik tas-Sibt 2 ta'April, 2016 wara nofsinhar, qlajna lill-bandisti.



*Alec Massa waqt ir-recording*

Sadanittant saret l-għażla tal-innijiet u l-marċi brijużi li kienu se jiġu rrekordjati. Ħadna ħsieb nagħmlu l-kopji tal-partituri. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lis-Surmast tagħna Tancred Grech u lill-Assistent Surmast Mauro Spiteri tal-ħidma fejjieda li wettqu.

Peress li l-innijiet ġew irrekordjati bil-

kant, il-kor tal-parroċċa tagħna Regina Coeli taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi beda wkoll bit-tħejjijiet tiegħu.

### Finanzjament

Il-Kumitat ħaseb li jorganizza attività b'risq dan il-proġett. Bil-kollaborazzjoni tal-grupp tal-*line dancing* tal-Imġarr u ta' Ħ'Attard saret ikla fil-maħżen tal-knisja tal-Imġarr nhar is-Sibt 20 ta' Frar, 2016. Il-qligħ kollu li sar dakinhar mar għal dan il-għan.

Il-partitarju tagħna Sam Gatt, emigrant fl-Awstralja, ħa ħsieb biex flimkien mal-kordinaturi tal-*Hosley Park Community Social Group,* is-Sinjura Theresa Quattromani (tal-Berqu) u Josephine Borg (ta' Saqqafi) waqt il-Lejla Mġarrija li organizza dan il-grupp saret ġabra biex tingħata donazzjoni għar-*recording*. Fil-fatt inġabret is-somma ta' ħamest mitt dollaru Awstraljan li jiġu madwar tliet mija u tletin ewro. Għajnuna oħra waslet mingħand is-Sinjuri Jimmy u Maria Vella, id-diretturi tad-Dine West Bar & Restaurant u d-diretturi ta' Vella Mechanical Services. F'isem sħabi tal-Kumitat nirringrazzjahom tal-ġenerożità tagħhom.



Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt ir-recording

### Ir-recording

Il-jum tat-2 ta'April, 2016 wasal u f'nofsinhar jien flimkien mas-surmast u xi membri oħra tal-Kumitat u kummissjoni banda ltqajna fl-istudjo biex naraw din il-ħolma sseħħ quddiem għajnejna. Ma damux wisq biex bdew jinġabru l-bandisti u f'kemm ilni ngħid l-istudjo mtella' bil-mużiċisti tal-banda tagħna. Wara li orjentaw ruħhom f'dan il-post saru l-provi tas-*sound* meħtieġa u beda r-*recording*. L-ewwel innu li ġie rrekordjat kien proprju l-Innu Popolari "Infaħħruk Dejjem". Dan l-innu kif se taraw iktar 'il quddiem huwa lirika tiegħi u kompożizzjoni tas-Surmast Direttur Tancred Grech. Dan se jiżżanżan din is-sena fil-jiem tal-festa. Is-CD ingħata propju l-istess isem *Infaħħruk Dejjem* għax wieħed mill-għanijiet tal-għaqda tagħna hu li dejjem infaħħru lil Ommna Marija Santissima.



Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt l-ewwel recording tagħha

Wara dan l-innu segwew l-innijiet u l-marċi l-oħra. Mingħajr ebda dubju l-iktar biċċa xogħol impenjattiva kienet l-"Innu l-Kbir lil Santa Marija, Mġarr" li għandu versi tal-eks Kappillan Dun Oraz Vella u mużika tas-surmast Joseph Abela Scolaro. Għall-ħabta tal-5 pm konna lesti minn din l-ewwel parti ta' dan ir-*recording*.

Is-Surmast mar bosta drabi għand is-Sur Alec Massa biex isir l-editjar neċessarju tal-mużika li ġiet rekordjata. Malli dawn kienu lesti kien imiss li navvanzaw għal stadju ieħor, dak li nirrekordjaw il-vuċijiet tal-kor u tas-solisti. Nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju, 2016 fil-knisja



*Mro Tancred Grech u Alec Massa jiddiskutu waqt ir-recording*

parrokkjali tal-Imġarr il-kor taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi għamel l-aħħar tħejjijiet tiegħu.

Il-jum tat-Tlieta 31 ta' Mejju, 2016 kien jum ieħor impenjattiv. Fil-fatt għall-ħabta tal-4.30 pm sar ir-*recording* tal-parti tat-*tubular bells*. Eżatt wara, għall-ħabta tal-5.30 pm, sar ir-*recording* tal-kliem tal-Innu "Infaħħruk Dejjem" mill-kantanta Mġarrija Michela Galea. Fis-6.30 pm beda jiġi rekordjat il-kor. B'kollox il-kor kellu tliet innijiet, l-innu "L-Imġarr Iben Marija", "F'Jum il-Festa" u "L-Innu l-Kbir lil Santa Marija, Mġarr".

Kien imbagħad jonqos li tiġi rrekordjata l-vuċi tal-innu marċ "Sultana tal-Imġarr" u l-Innu tal-Banda, "Marija Mtellgħa s-Sema". Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn is-soprano Marita Bezzina. Ir-*recording* tagħhom sar nhar l-Erbgħa 15 ta' Ġunju filgħaxija.

Wara saru l-aħħar irtokki u editjar mis-Sur Alec Massa u s-Surmast Direttur biex dan ir-*recording* ġie komplut. Fil-fatt dan ix-xogħol ġie rrekordjat fuq CD li se tkun għall-bejgħ fi żmien il-festa u l-jiem ta' wara għall-prezz ta' €10. Nappellawlkom biex takkwistaw kopja u tibagħtu kopja lil qrabatkom u lil ħutna Mġarrin li jinsabu msiefrin.

Din is-CD se tiġi mnedija nhar is-Sibt 13 ta' Awwissu, 2016 waqt il-programm ta' mużika sagra li l-Banda tagħna se tesegwixxi fil-knisja.

### Ħajr

L-ewwel nett ma nistax ma nirringrazzjax lill-patruna tagħna Santa Marija li żgur kienet dejjem magħna tul dan ix-xogħol. Li kieku ma tkunx hi għalina ninsab ċert li ma nagħmlu xejn.

Ħajr ieħor imur lejn il-Banda Birżebbuġa li sellfulna t-timpani u lill-Banda San Piju X ta' Ħal Lija li ġentilment sellfulna t-*tubular bells*.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sinjuri Colin Falzon, Stephen Farrugia u Nazzareno Attard tas-servizz tat-trasport.

Lil dawk kollha li attendew għall-attivitajiet li saru b'risq din l-inizjattiva u lil kull min ta, jew se jagħti, donazzjoni għall-ispejjeż.

Fl-aħħar, u żgur mhux l-inqas, lis-Sur Alec Massa u lis-Surmast Direttur Tancred Grech tal-paċenzja kbira li ħadu biex il-prodott finali jkun tal-ogħla livell.

Nisperaw li dak li ħejjejna għalikom jogħġobkom.

**X'ġie rrekordjat...**

| | | |
|---|---|---|
| | L-ewwel parti -vokali | |
| Innu Popolari | Infaħħruk Dejjem | Versi: Joseph Caruana<br>Mużika: Tancred Grech<br>Tkanta: Michaela Galea |
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija | Versi: Gianni A.Cilia<br>Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Ikanta: Il-kor Regina Coeli |
| L-Innu l-Kbir Lil Santa Marija | | Versi: Dun Orazio Vella<br>Mużika: Joseph Abela Scolaro<br>Ikanta: Il-kor Regina Coeli |
| Innu Marċ | F'Jum il-Festa | Versi: Joe Sammut<br>Mużika: Mro.Mary Cauchi BA (Hons) L.MusLCM,ALCM,<br>Arr.Mro.Victor Zammit<br>Ikanta: Il-kor Regina Coeli |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr | Versi: Joe Julian Farrugia<br>Mużika: Tancred Grech<br>Tkanta: Marita Bezzina |
| Innu tal-Banda | "Marija Mtellgħa s-Sema" | Versi: Kav. Ġorġ Bianchi<br>Mużika: Mario Testa<br>Tkanta: Marita Bezzina |
| | It-tieni parti - Strumentali | |
| Innu Popolari | Infaħħruk Dejjem | Versi: Joseph Caruana<br>Mużika: Tancred Grech |
| Innu Popolari | L-Imġarr Iben Marija | Versi: Gianni A.Cilia<br>Mużika: Vincenzo Ciappara |
| Marċ Brijuż | Katya | Tancred Grech |
| Marċ Brijuż | Martina | Mauro Spiteri |
| Marċ Brijuż | Nathan il-King | Tancred Grech |
| Innu Marċ | F'Jum il-Festa | Versi: Joe Sammut<br>Mużika: Mary Cauchi/Victor Zammit |
| Innu Marċ | Sultana tal-Imġarr | Versi: Joe Julian Farrugia<br>Mużika: Tancred Grech |
| Innu tal-Banda | "Marija Mtellgħa s-Sema" | Versi: Kav. Ġorġ Bianchi<br>Mużika: Mario Testa |


Horace
Enterprises Ltd.
Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler
Triq Raymond Caruana, Gudja
Tel: 21696302 Mob: 99420346
Fax: 21693397
email: horacenltd@link.net.mt
www.horace-ent.com


SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net

# Amministrazzjoni tul il-5 snin tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema"

## *Dawk li kienu parti mill-amministrazzjoni tas-Soċjetà mit-twaqqif sal-lum*

**President**
Giovanni Gatt .................................... 2011-

**Segretarju**
Joseph Caruana ................................. 2011-

**Kaxxiera**
Mary Abela ................................ 2011-2015
Rose Apap Bologna............................ 2015-



*Giovanni Gatt*



*Joseph Caruana*



*Mary Abela*



*Rose Apap Bologna*



*Kumitat Eżekuttiv 2011-2013*



*Kumitat Eżekuttiv 2013-2014*



*Kumitat Eżekuttiv 2014-2015*



*Kumitat Eżekuttiv 2015-2016*



*Kumitat Eżekuttiv 2016-2017*

**2011-2016**

**Membri**

Clayton Gauci ............................ 2011-2014
Victor Mifsud ............................ 2011-2012
Paul Said .................................. 2011-2012
Angela Muscat ............................ 2011-
Maria Vella ................................ 2012-
Christian Vella ............................ 2011-
Sandro Muscat ............................ 2013-
Jesmond Muscat ......................... 2013-2015
Chris Abela ................................ 2013
Ġorġ Debrincat ........................... 2015
Colin Falzon ............................... 2013-
Rose Apap Bologna ...................... 2013-2015
Roberto Apap Bologna .................. 2016
Gordon Fee ................................ 2016-

U dawk li għallmu lill-allievi tagħna…

**Surmast Direttur**

Mario Testa ............................... 2011-2012
Nicholas Vella ............................ 2012-2014
Tancred Grech ............................. 2014-

**Assistent Surmast**

Nicholas Vella ............................. 2012
Tancred Grech ............................. 2012-2014
Neville Pace ................................ 2014-2015
Mauro Spiteri .............................. 2016-

**Għalliema tal-allievi**

Beatrix Calleja ............................. 2015-
Henry Fenech .............................. 2016-



*Mro. Mario Testa*



*Mro. Nicholas Vella*



*Mro. Tancred Grech*



*Mro. Neville Pace*



*Mro. Mauro Spiteri*



*Mro. Henry Fenech*



*Beatrix Calleja*




MICHAEL AGIUS

Agricultural Machinery
Sales & Services

10, Triq l-Iskavi cr. Triq il-Banjijiet
Rumani, L-Imgarr Malta

Tel: 21583262

Mob: 99875035

Email: michael.agius@gmail.com



# L-Innu Popolari "Infaħħruk Dejjem"

**Kitba ta' Joseph Caruana**

Kont ilni nixtieq li xi darba nikteb il-versi ta' innu ta' tifħir lil Ommna Marija. Hekk kif matul din is-sena se nibdew niċċelebraw il-ħames sena mit-twaqqif tal-banda, il-Kumitat Eżekuttiv ddeċieda li jagħmel *recording* tal-innijiet u l-marċi li jindaqqu fil-festa titulari tagħna. Din l-inizjattiva iktar kompliet tħeġġiġni biex inwettaq ix-xewqa li kelli. Għalhekk avviċinajt lis-Surmast tagħna Tancred Grech u fakkartu li kien wegħdni li nagħmlu innu flimkien. Issa li konna se nagħmlu CD għedtlu biex nagħmlu mezz biex dan l-innu jkun lest qabel ir-*recording* biex ninkluduh. Is-Surmast mill-ewwel aċċetta u beda jaħdem fuqu. Xi jiem wara bagħatli *file* bil-melodija biex inkun naf minn fejn se nitilqu.



Wara li smajt il-melodija għal diversi drabi bdejt inħażżeż xi ħaġa. Mhux se ngħid kemm il-frażi biddilt sakemm wasalna fil-final imma naċċertakom li dan kollu għamiltu mill-qalb. Wara li lestejt il-lirika ta' dan l-innu li jien stess semmejt "Infaħħruk Dejjem", wrejtu lil xi ħbieb tiegħi u sintendi lil tal-familja biex nara l-opinjoni tagħhom. Ir-rispons li rċevejt kien sodisfaċenti u l-pariri li ngħatajt ilqajthom b'umiltà. Is-Surmast min-naħa tiegħu wkoll għaddih lil xi ħbieb u familjari biex jgħidulna l-opinjoni tagħhom. Issa kif għamlu dawn tistgħu tagħmlu intom ukoll bid-differenza li issa ma nistgħux nagħmlu iktar tibdiliet!

Iddeċidejt li nsemmi l-innu "Infaħħruk Dejjem" għax hi tassew xewqa tiegħi li kull ħin u kuljum infaħħru lill-Madonna b'dak kollu li nagħmlu. Lill-Madonna ma nfaħruhiex biss bil-kliem u l-kant u d-daqq tal-banda imma anke bl-imġiba tajba tagħna u bl-eżempji li nagħtu.

F'dan l-innu l-lirika tiegħu hi waħda sempliċi u mexxejja. Qgħadt attent li ma nużax kliem tqil u li ma jiftihemx għax l-iskop ewlieni hu li jsir tifħir lil Santa Marija. Għalkemm ma fih ebda ripetizzjoni l-innu mhux twil u faċilment kulħadd jista' jitgħallmu bl-amment. Il-melodija li fih hi tal-widna u mexxejja. Il-fatt li t-temp tiegħu hu kajman ikompli jgħin biex il-kliem ikun miftiehem tajjeb u anke jindara.

Dan l-innu filwaqt li permess tal-versi tiegħu qed infaħħru lill-Madonna fl-istess waqt qed nitolbuha. Qed nitolbuha biex iżżommna b'uliedha, nitolbuha tagħtina l-grazzja li nżommuha f'qalbna, li dejjem inħobbuha u saħansitra biex filwaqt li ma twarrabna qatt, wara din id-dinja mmorru ingawduha għal dejjem fil-Ġenna ma' binha Ġesù Feddej.

It-tifħir hu predominanti f'dan l-innu u f'kull paragrafu hemm frażi ta' tifħir. Ħadt ħsieb ukoll li nsemmi diversi titli li ngħatat matul iż-żmien il-Madonna bħal "Int li ġejt fis-Sema

mgħollija", "Imnissla bla ebda ħtija", "Sultana tas-sema u l-art", "Omm id-dinja Nisranija", "L-għaxqa tal-Imġarrin"

**Il-lirika tal-innu**

Infaħħruk Dejjem, Sliem Marija,
B'uliedek żommna bħall-Bambin,
Int li ġejt fis-sema mgħollija,
Patruna tagħna Imġarrin.

Sliem għalik, Ommna Marija,
Minn qalbna qed nitolbuk,
Imnissla bla ebda ħtija,
Agħmel li dejjem inħobbuk.

Ave, Ave Verġni Marija,
Sultana tas-sema u l-art,
Int Omm id-dinja Nisranija,
Ibqa' magħna twarrabna qatt.

Tina Omm Ġesù Feddej,
Grazzja li f'qalbna nżommuk,
Biex mas-sejħa tal-Mulej,
Fil-Ġenn' għal dejjem ingawduk.

Int l-għaxqa tal-Imġarrin,
Ħarisna w ieqaf magħna
Flimkien m'ibnek żommna magħqudin,
O ħelwa Patruna tagħna

Ix-xjuħ tagħna bik issaħħru,
Sa mill-eqdem żminijiet,
Bi tjubitek huma ftaħru,
Int ġejt mtella' fis-smewwiet.

Dan l-innu se jiżżanżan fil-jiem tal-festa. Il-vuċi sabiħa tal-kantanta Mġarrija Michaela Galea żgur li se ssaħħar dan l-innu ħlejju. Nispera li dan l-innu jogħġob lilkom ukoll u jkun mezz ieħor biex inkomplu ngħollu l-isem ta' Ommna Marija.





WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt
5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT




DR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI
U L-FAMILJA TIEGĦU JAWGURAW
IL-FESTA T-TAJBA
M 7947 4143 E stefan@zrinzo.info

# Il-Figura ta' Marija fl-Innoloġija Maltija

**Kitba ta' Christopher Bonnici**
*B.A.(Hons); M.A.*

Il-kobor ta' Ommna Marija ma jidhirx biss fil-Liturġija u fil-festi li niċċelebrawlha, imma anke f'kitbiet illi nkitbu matul is-snin, kemm f'innijiet reliġjużi kif ukoll f'kitbiet aktar profani. Huma bosta attribwiti li jingħataw lil Ommna Marija, fosthom Omm Alla, Ommna l-Bnedmin, Omm il-Faraġ, is-Sultana, u oħrajn. F'dan l-ewwel artiklu se nislet xi wħud minn dawn l-attribwiti u niddiskutuhom b'eżempji mil-letteratura Maltija:


*Marija Omm Alla*

**Omm Alla**

Is-Solennità ta' Marija Omm Alla, jew il-Maternità ta' Marija Verġni niċċelebrawha fl-Ewwel Jum tas-Sena, meta niċċelebraw ukoll Jum il-Paċi. Taħbat ukoll l-Ottava tal-Milied. Jekk nieħdu l-eżempju mill-innu ta' Dun Karm Psaila "Fil-Ħlewwa ta' Mejju", inkantaw:

Int l-Omm ta' min Ħalqek

Vers illi juri mhux biss illi Marija hija Omm, imma l-pożizzjoni li għandha hija l-Omm ta' Dak stess illi ħalaqha.

Hekk ukoll meta nkunu qegħdin nitolbu l-Ave Maria, ngħidu:

Sancta Maria, Mater Dei;

u bil-Malti:

Qaddisa Marija, Omm Alla.

Fl-Oratorju "Marija fil-Qalb Maltija", Alfred Massa wkoll, fl-innu tal-għeluq jikteb:
Is-Sliem għalik, Omm Alla tagħna;

Hekk ukoll fl-Angelus:

Lilek, Omm Alla, b'għaxqa nsellmulek.

Fl-Innu lill-Madonna taċ-Ċintura miktub għall-parroċċa ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta, fir-ritornell, l-awtur jagħmel pass iktar, għax lil Marija mhux biss isejħilha bħala Omm Alla, imma:

Sliem għalik, Verġni Marija
l-Omm Ħelwa ta' Kristu l-Feddej.

F'dan il-każ, Christopher Bonnici jsejjaħ lil Ommna Marija mhux biss bħala Omm Alla, imma Omm Alla magħmul bniedem illi ġie biex jifdina. Barra minn hekk, juża wkoll aġġettiv kwalifikattiv: juri li l-Verġni Marija hija Omm Ħelwa. Dan l-aġġettiv juri li Ommna Marija hija persuna ammirabbli u bi kwalitajiet sbieħ.

Fl-innu "L-Imġarr Iben Marija", il-poeta jikteb hekk:
kbira w ħelwa Ommna Marija

## Omm il-Bnedmin

Taħt is-Salib ta' Binha, fl-aktar mument fejn emozzjonalment kienet debboli, aċċettat il-missjoni l-ġdida li Binha moribond talab minnha, dik illi tieħu lil Ġwanni għandha u ssir Omm il-Ħlejjaq kollha ta' kull żmien. Din il-ħaġa nkantawha fl-innu "Quddiem id-Duluri" miktub minn Dun Pawl Genovese:

Int sirt Ommna f'riġlejn is-Salib

Fl-innu "Bl-Akbar Qima" wkoll, Dun Frans Camilleri jikteb:

Tikseb kollox met' inti twassallu,
Kulma wliedek jgħidulek fit-talb.

Mela bħala Omm li tħobb, Ommna Marija tikseb dak illi tinterċedi għalih Hi quddiem il-Ħallieq. B'hekk, Camilleri juri kemm hija setgħana Ommna Marija quddiem Alla l-Imbierek.


*Marija Addolorata taħt is-salib ta' binha Ġesù*

"Fis-Santwarju tal-Madonna", miktuba minn David Azzopardi hija talba f'forma ta' karba mingħand midneb, mifni u batut taħt is-slaleb tal-ħajja, illi mar quddiem Marija jiftaħ qalbu magħha, u fir-ritornell jistqarr:

u qaluli, Madonna
li ssebbaħ il-ġonna;
u għaliex inti ommna
taħt ħarstek iżżommna;
u aħna, Madonna,
bħal ommna nżommuk.

Fl-innu tant għal qalb l-Imġarrin, Marija wkoll tidher illi hija Ommna l-Bnedmin:
lilek Ommna nqimu

## Marija li Tgħinna Nsalvaw

Ommna Marija nistqarru li hija l-Ko-Redentriċi, u għalhekk tgħinna nsalvaw. F'pajjiżna, bħala pajjiż Kristjan norbtu bosta rebħiet storiċi ma' intervent Divin, speċjalment Marjan. Biżżejjed insemmu t-8 ta' Settembru, illi aktar milli l-festa tat-Twelid ta' Ommna Marija sar magħruf bħala "Jum ir-Rebħa", "Jum il-Vittorja". Tajjeb nirrimarkaw illi dakinhar ir-rebħa ma waslitx biss fl-Assedju l-Kbir tal-1565 iżda anke billi fl-1943 ċediet l-Italja fit-Tieni Gwerra Dinjija. Tajjeb insemmu wkoll il-"Konvoj ta' Santa Marija" marbut mad-data tal-15 t'Awwissu 1942. Dwar dan, Oliver Friggieri jikteb:

Kien jum il-festa tagħha, meta konvoj
Mimli bl-ikel daħal fil-Port tagħna.

Fir-ritornell ta' "L-Imġarr Iben Marija" wkoll ninnutaw illi Ommna Marija tista' ssalvana, imma din il-ħaġa tista' sseħħ bl-għajnuna tagħha u b'dawn il-modi:
wassal faraġ f'ruħna;
żommna sħaħ fil-Fidi;
rażżan drawwiet artna.

**Marija Sultana**

Ġimgħa wara t-Tlugħ fis-Sema tagħha bir-Ruħ u l-Ġisem, preċiżament nhar it-22 ta' Awwissu nfakkru fil-Liturġija l-Inkurunazzjoni ta' Ommna Marija mit-Trinità Qaddisa bħala s-Sultana tas-Sema u tal-Art. Bosta kitbiet inkitbu għal dan il-għan. Nibda b'Dun Pawl Genovese, illi fl-innu "Quddiem id-Duluri" jikteb:
Sliem għalik, ja Sultana tal-Martri


*Marija Sultana*

Fl-innu "Infaħħru lil Marija", il-poeta jsejjaħ lil Marija:
Sultana isellmulek
Bi ġmielek imgħaxxqin.

Hekk ukoll fl-innu "Lil Marija Reġina":
l-Art u s-Sema ifaħħruk,
ġieħ u qima ta' Reġina
bl-akbar ferħ it-tnejn jagħtuk.

Fi tmiem ir-ritornell tal-innu popolari "L-Imġarr Iben Marija", l-awtur mhux biss isejħilha sultana, imma jitlobha sabiex tkun Hi s-Sultana tal-Imġarrin kollha:
ħelwa saltan fuqna;
issa w għal dejjem.

Għal din is-sena naħseb sabiex nieqaf hawn hekk. Ippruvajt inħallat kemm innijiet illi nkantawhom ħafna drabi, kif ukoll lirika oħra li ma tantx niltaqgħu magħha. L-għan huwa li meta nkantaw anke xi innu popolari, hu x'inhu, mhux biss inkantawh għax drajnieh bl-amment, imma nifhmu dak illi nkunu qegħdin nistqarru fih. Nixtieq insellem lill-Imġarrin kollha u nawguralhom l-isbaħ xewqat għal festa sabiħa li tagħti Glorja lil Alla l-Imbierek u ġieħ xieraq lil Ommna Marija Assunta.


*It-tlugħ ta' Marija fis-sema*

# Santa Marija fl-irħula tal-Gudja u Ħal Għaxaq

Kitba ta' Alex Azzopardi

Fil-gżejjer Maltin jiġu ċċelebrati għaxar festi titulari ta' Santa Marija. Sebgħa minnhom isiru kull nhar il-ħmistax t'Awwissu f'Ħal Għaxaq, il-Gudja, l-Imqabba, l-Qrendi, Ħ'Attard, il-Mosta u r-Rabat, Għawdex, filwaqt li tlieta oħra jiġu ċċelebrati fil-Ħdud ta' wara fl-Imġarr, Ħad Dingli u ż-Żebbuġ, Għawdex. Dawn l-għaxar lokalitajiet jiċċelebraw bl-ikbar pompa u għozza dawn il-festi tant għal qalb il-poplu Malti kollu. Il-knejjes ikunu armati kif jixraq b'tiżjin lussuż, damask, fided u b'dawk it-teżori li l-poplu Malti żejjen lit-tempji tiegħu bihom b'ġenerożità kbira matul iż-żminijiet. Jispikkaw il-vari artistiċi u devoti ta' Santa Marija li jkunu fiċ-ċentru tal-attenzjoni ta' dawk kollha li jżuru l-knejjes fil-ġranet tal-festa. Ħafna mil-lokalitajiet dedikati lill-Assunta huma ġirien ta' xulxin, u dawn bħal donnhom xerrdu u għaddew il-kult Marjan minn raħal għall-ieħor. Fost dawn insibu żewġ irħula tassew antiki li jinsabu tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minn xulxin - Ħal Għaxaq u l-Gudja.

## Il-Gudja



*L-emblema tal-Kunsill Lokali tal-Gudja*

**Parroċċa:** L-uniċi żewġ parroċċi li kien hawn f'Malta fi żmien ferm bikri, jiġifieri l-Kattidral tal-Imdina u l-Birgu, nafu li ma baqgħux aktar waħedhom sa qabel is-sena 1436. Dan għaliex fl-1436, l-Isqof Senatore De Mello għamel lista tal-kappelli parrokkjali li kienu mxerrdin fil-kampanja Maltija u fost dawn tissemma dik ta' Bir Miftuħ, li llum hija parti mill-parroċċa tal-Gudja. Din il-parroċċa tissejjaħ Arċimatriċi għaliex minnha ħarġu diversi parroċċi, u minn dawn il-parroċċi ħarġu oħrajn ġodda. Bħala eżempju nistgħu nġibu li fl-1592 Ħal Tarxien inqata' minn Bir Miftuħ u sar parroċċa għalih. Minn Ħal Tarxien ħarġu Raħal Ġdid, Santa Luċija u l-Fgura, filwaqt li mir-Raħal Ġdid aktar tard ħarġet parroċċa oħra dedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Bir-raġun il-motto tal-Gudja huwa *Pluribus Parens* – Omm ta' bosta wlied. Il-popolazzjoni tal-Gudja llum hija ta' madwar 3000 ruħ. Apparti l-festa titulari ta' Santa Marija fil-Gudja jiġu ċċelebrati wkoll il-festi tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Madonna taċ-Ċintura.

**Il-Knisja:** Fl-1656 beda x-xogħol fuq knisja ġdida li tlestiet fl-1666 taħt is-superviżjoni tal-Perit Tumas Dingli. Il-knisja għandha forma ta' salib Latin u fiha nsibu għaxar artali. Il-kwadru titulari huwa xogħol il-Pittur Pietro Gagliardi u nħadem f'Ruma fl-1880. Fil-bidu tas-seklu għoxrin rat il-bidu tagħha l-faċċata l-ġdida. Din inbniet mill-imgħallem Anġlu Dalli fuq disinn ta' Karlu Farrugia, it-tnejn Gudjani. Il-knisja tal-Gudja għandha tliet kampnari, tnejn mal-faċċata u ieħor irtirat iktar lura fuq in-naħa tal-lemin, li kien inbena fl-1858 fuq disinn tal-Perit William Baker.

**Statwa:** L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Gudja nħadmet fl-1807 mill-iskultur Vincenzo Dimech. Dimech twieled il-Belt Valletta fl-1768 u miet fis-sena 1831. Nota interessanti hija, li



*Il-Knisja tal-Gudja*



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Gudja*

kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, mill-injam li kien għad fadallu, ħadem il-bust tal-Ecce Homo li jinsab f'niċċa quddiem il-pulptu. Il-vara ta' Santa Marija hija minquxa fl-injam u tħallset mis-saċerdot Gudjan Dun Tumas Zammit. Il-pedistal inħadem fl-1932 minn Emmanuel Buhagiar u l-erba' statwetti li nsibu fil-faċċati nħadmu minn Wistin Camilleri. Din hija l-eqdem vara titulari ta' Santa Marija li nsibu fil-gżejjer Maltin.

**Każini tal-Banda**: Fejn jidħlu l-festi, ir-raħal tal-Gudja għandu l-partikolarijiet tiegħu. Infatti hawn insibu żewġ każini tal-banda li apparti l-festa titulari, għandhom il-festa tagħhom: is- Società Filarmonica La Stella li tieħu sehem fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju, u l-Għaqda Mużikali Marija Assunta, li tieħu sehem fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Għall-festa titulari ta' Santa Marija li ssir fil-ħmistax t'Awwissu jieħdu sehem iż-żewġ baned bi programmi mużikali u anki marċi brijużi. Il-Banda La Stella ġiet imwaqqfa fl-1919 bl-isem ta' Circolo Musicale La Stella. L-istatwa tal-Fratellanza tar-Rużarju nħadmet fl-1922 mill-Gudjan Anġlu Dalli. Fil-1919 twaqqfet ukoll il-Banda bl-isem ta' Our Lady of Consolation. Dan l-isem ġie mibdul għall-Għaqda Mużikali Marija Assunta nhar it-13 ta' Ġunju 1992 waqt Laqgħa Ġenerali miżmuma apposta. L-istatwa tal-Fratellanza taċ-Ċintura nħadmet f'Marsilja fl-1892. Il-logħob tan-nar fil-Gudja għandu popolarità qawwija tant li ż-żewġ każini għandhom il-kamra tan-nar tagħhom.



*L-emblema tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq*

## Ħal Għaxaq

**Parroċċa:** Fl-1511 il-ftit nies li kienu jabitaw fir-raħal kwiet ta' Ħal Għaxaq, li ħafna minnhom kienu bdiewa jew sajjieda, ħasbu biex jibnu knisja żgħira u jiddedikawha lil Santa Marija. Madankollu xorta waħda baqgħu jiddependu kollox fuq il-parroċċa taż-Żejtun għaliex f'Ħal Għaxaq ma kienx hemm qassisin. Minkejja l-faqar, il-poplu Għaxqi insista li jkollu l-parroċċa tiegħu iżda sab oppożizzjoni mill-Kappillan taż-Żejtun Dun Mattew Burlò. It-talba tal-Għaxqin fl-aħħar intlaqgħet mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, li fis-sena 1626 firdu lil Ħal Għaxaq minn maż-Żejtun. Dan sar fi żmien l-Isqof Baldassere Cagliares. L-ewwel kappillan kien Dun Mattew Sciriha u l-popolazzjoni f'dak iż-żmien kienet tgħodd bejn erba' u ħames mitt ruħ. Illum il-popolazzjoni ta' Ħal Għaxaq tlaħħaq 'il fuq minn 4,500. Il-motto huwa *Laeta Sustineo* li jfisser Hienja Nżomm.

**Il-Knisja:** L-ewwel ġebla tal-Knisja li naraw illum tbierket mill-Isqof Paolo Alpheran De Bussan fl-20 ta' Diċembru 1733. L-imgħallem tal-bini kien Mastru Giovanni Bonavia u damet iktar minn 20 sena biex tlestiet. Minkejja l-problemi finanzjarji li kien ikollu jħabbat wiċċu magħhom ta' kuljum, il-poplu fqajjar Għaxqi rnexxielu jibni din il-knisja maestuża li għal dawk iż-żminijiet kienet meqjusa bħala waħda mill-kbar ta' Malta. Il-Knisja ġiet ikkonsagrata fit-2 ta' Mejju 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini. Interessanti naraw li f'dawk iż-żminijiet, f'Ħal Għaxaq kien hemm 17—il qassis u ħames kjeriċi għal popolazzjoni ta' madwar 1000 ruħ. Il-kwadru titulari huwa attribwit lil Francesco Zahra u tpitter fl-1745. Il-knisja ta' Ħal Għaxaq hija mogħnija b'diversi xogħlijiet ta' artisti kbar, bħalma huma Ġużeppi D'Arena u Rokku Buhagiar. Fil-15 t'Awwissu 1965 inkixfet il-pittura tas-saqaf, li kienet għadha kif tlestiet, mill-artist Emvin Cremona. It-tliet kwadri prinċipali juru t-twelid tal-Madonna, l-Annunzjata u ż-żjara lil Santa Eliżabetta.



*Il-Knisja ta' Ħal Għaxaq dedikata lill-Assunta*



*Il-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq*

**Statwa:** L-istatwa ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq hija minquxa fl-injam minn wieħed mill-aqwa skulturi Maltin, Marjanu Gerada, li skolpixxa din il-ġawhra fis-sena 1808. Marjanu Gerada kien minn Bormla u għex bejn 1766 u 1823. Fost xogħlijiet rinomati oħra ta' Marjanu Gerada ta' min isemmi l-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż Żabbar u Santa Katerina taż-Żurrieq. L-istatwa ta' Santa Marija ġiet tiswa 800 skud u ħallas għaliha Giovanni Marija Farrugia. Għalkemm l-istatwi kollha ta' Santa Marija huma verament sbieħ, din ta' Ħal Għaxaq hija meqjusa fost l-isbaħ.

**Każini tal-Banda:** Fil-festa ta' Santa Marija tieħu sehem attiv l-Għaqda Mużikali Santa Marija, li hija waħda minn żewġ baned f'din il-lokalità. Bħala fondazzjoni din il-banda ġġib is-sena 1873 meta kien twaqqaf iċ-Circolo La Stella. Il-banda l-oħra ta' Ħal Għaxaq hija l-Għaqda Mużikali San Ġużepp li ġiet imwaqqfa fl-1874 u tieħu sehem fil-festa sekondarja ta' San Ġużepp li ssir fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Dawn iż-żewġ baned jieħdu sehem ukoll fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li ssir f'Ħadd il-Palm, u li f'dawn l-aħħar snin ingħatat spinta kbira 'l quddiem b'vari ġodda u għadd ta' persunaġġi bibbliċi u suldati. Dawn il-każini għandhom il-kamra tan-nar tagħhom fejn bla dubju, ir-raħal ta' Ħal Għaxaq, minkejja ċ-ċokon tiegħu, huwa magħruf għall-ispettakli pirotekniċi li jtella' fiż-żewġ festi, kif ukoll għall- kaxxi infernali li jakkumpanjaw il-ħruġ kemm tal-vara ta' San Ġużepp kif ukoll ta' Santa Marija.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema

# Theotokos – Il-mara li ġarret ’l Alla f’ġufha



**Kitba ta’ Max Farrugia**
**Dip. LIS**

Fil-15 ta’ Awwissu l-Knisja Kattolika, il-Griegi Ortodossi u l-Insara Kattolici tal-Lvant jiċċelebraw ir-raqda ta’ dejjem ta’ Ommna l-Verġni Marija, li kif nafu ġarret lil Alla f’ġufha sa ma twieled. Nafu li kull min pitter din il-ġrajja għamel dan skont it-tradizzjoni qaddisa u xejn aktar minħabba li ma nsibu mkien dokumentazzjoni ta’ dak li ġara. It-tradizzjoni tal-Knisja hija li Ommna Marija mietet mewta naturali kif imut kulħadd u mhux volontarjament kif miet Binha Ġesù għas-salvazzjoni tad-dinja. Skont it-tradizzjoni, l-arkanġlu Gabrijel kien deher lill-Verġni Marija, waqt li kienet qed titlob fl-inħawi tal-Golgota, u qalilha li fi żmien tlett ijiem hija tidħol fil-mistrieħ ta’ dejjem. Ommna Marija ħadet din l-aħbar b’ferħ kbir u minnufih bdiet tirringrazzja ’l Alla li f’qasir żmien kienet se tingħaqad ma’ Binha Ġesù.



*Pittura li turi l-mewt tal-Madonna mdawra bl-appostli*

It-tradizzjoni tkompli li l-appostli nġabru madwarha fuq is-sodda tal-mewt u baqgħu hemm sakemm raqdet għal dejjem. Aktar ’il quddiem, l-appostli kantaw innijiet spiritwali u segwew il-purċissjoni tal-funeral sal-qabar li kien hemm ippreparat fil-Ġetsemani. Bl-għajnuna tal-providenza Divina l-appostlu Tumas mar fejn il-qabar, fejn kienet midfuna, tlett ijiem wara u talab permess sabiex jagħti ġieħ lill-ġisem mejjet ta’ Marija. Imma b’għaġeb ta’ kulħadd il-fdalijiet tal-Verġni Marija ma kinux fil-qabar.

Il-festa ta’ din il-ġrajja li wkoll tissejjaħ l-Assunzjoni ta’ Marija fis-Sema tfakkar il-mewt, il-qawmien u l-glorifikazzjoni ta’ Omm Kristu. Hija proklamata li Marija telgħet is-Sema fir-Renju tal-Ħallieq bir-ruħ u l-ġisem. Ir-reliġjonijiet Kattoliċi, kif ukoll l-Ortodossi jgħallmuna li Marija kienet mingħajr id-dnub oriġinali u fil-festi liturġiċi tal-Knisja dejjem tgħallimna li Ommna Marija riedet tiġi salvata bħal kull persuna oħra minn kull prova, sofferenza u l-mewt ta’ din id-dinja, u għalhekk ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, li kif jgħidilna San Luqa stess fil-Vanġelu, meta jitkellem dwar l-ispirtu mniġġes iħabbat il-bniedem, jgħid hekk “ Waħda mara għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: “Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt. Iżda hu qalilha ‘Imma tassew ngħidlek aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta’ Alla u jħarsuha’”. ( Kap 11 vers 27-28)

Bit-tlugħ ta’ Marija fis-Sema, li hija wkoll magħrufa bħala Omm il-Ħajja, inkunu qegħdin niċċelebraw id-daħla trijonfali tagħha fir-renju ta’ Binha Ġesù. Tant li fil-vġili tal-

festa f'ħafna knejjes nisimgħu wkoll dak li kiteb San Luqa meta kkwota l-Innu ta' tifħir lil Alla minn Marija. Dan il-vers jgħid hekk, " Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax huwa xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. (Luqa, Kap 1 Versi 47-48) Dwar għaliex l-Assunta tissejjaħ Omm il-Ħajja nikkwota x'qal San Pawl fl-ittra lill-Filippini, li wkoll tinqara fil-vġili tal-festa. (Fil. Kap 2 Vrus 5-11) F'innu magħruf bħala Troparion, li huwa ta' stanza waħda nsibu miktub hekk: "*In giving birth, you preserved your virginity. In falling asleep you did not forsake the world, O Theotokos. You were translated to life, O Mother of Life, and by your prayers, you deliver our souls from death.*"

U biex inkomplu nsaħħu dan l-argument, nikkwota minn Kontakion li huwa kant Biżantin popolari ħafna fil-Knisja Kattolika tal-Lvant u dik Ortodossa li jgħid hekk "*Neither the tomb, nor death, could hold the Theotokos, who is constant in prayer and our firm hope in her intercessions. For being the Mother of Life, she was translated to life, by the One who dwelt in her virginal womb.*

Ma nistax ma nitkellimx dwar l-aktar talba antika dedikata lit-Tlugħ tal-Madonna fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Din instabet fuq biċċa *papyrus*, werqa minn siġra pproċessata f'karta, li tmur lura sas-sena 250 W.K. Din it-talba, ħafna studjużi jirreferu għaliha bħala t-talba għal *Theotokos* ( li bil-Grieg tfisser dik li ġarret fiha lil Alla).

Dan id-dokument storiku llum il-ġurnata jinsab fil-belt ta' Manchester, fil-librerija John Rylands, tal-Università ta' Manchester. It-talba kienet instabet fost numru kbir ta' biċċiet tal-*papyrus* bil-kitba fuqhom xi snin ilu u li sar ħafna studju fuqhom. Studju li sar fuq din il-biċċa *papyrus* jindika li din it-talba partikulari hija miktuba bil-Grieg antik. Jirriżulta wkoll li din kienet talba li kienet tingħad l-aktar mill-Kopti u kienet parti mil-liturġija, jew vespri, ta' żmien il-Milied. Minn informazzjoni li bagħtitli persuna, li rat fuq l-*facebook wall* tiegħi dettalji dwar il-pittura li għadha kemm ġiet restawrata li tinsab fis-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, jirriżulta li din it-talba għadha tiġi kantata mill-Ortodossi Griegi matul il-vespri fir-Randan. L-istess informazzjoni tindika wkoll li f'xi knejjes Kattoliċi, inkluż anki dawk Orjentali din it-talba għadha tingħad sal-lum. L-istudju li sar fuq din il-biċċa *papyrus* jindika li din hija kopja ta' talba li xi ħadd kiteb għall-użu tiegħu personali.

| THE PAPYRUS READS: | ENGLISH TRANSLATION: |
|---|---|
| 1 ΥΠΟ ΤΗΝ CΗΝ | 1 BENEATH YOUR |
| 2 ΕΥCΠΛΑΓΧΝΙΑΝ | 2 COMPASSION |
| 3 ΚΑΤΑΦΕΥΓΟΜΕΝ | 3 WE TAKE REFUGE |
| 4 ΘΕΟΤΟΚΕ ΤΑC ΗΜΩΝ | 4 THEOTOKOS OUR |
| 5 ΙΚΕCΙΑC ΜΗ ΠΑ | 5 PETITIONS DO NOT DE- |
| 6 ΡΙΔΗC ΕΜ ΠΕΡΙCΤΑCΕΙ | 6 SPISE IN TIME OF TROUBLE |
| 7 ΑΛΛ' ΕΚ ΚΙΝΔΥΝΟΥ | 7 BUT FROM DANGER |
| 8 ΡΥCΑΙ ΗΜΑC | 8 RESCUE US |
| 9 ΜΟΝΗ ΑΓΝΗ, ΜΟΝ | 9 ONLY HOLY ON- |
| 10 Η ΕΥΛΟΓΗΜΕΝΗ | 10 LY BLESSED |

*Kopja tat-talba li rċevejt biż-żewġ lingwi*

L-aktar ħaġa interessanti dwar din is-sejba daqshekk importanti hija d-data ta' meta kienet diġà qed tingħad din it-talba jiġifieri fis-sena 250 W.K. Fost ir-raġunijiet tal-importanza hemm indikazzjoni ċara li t-terminoloġija *Theotokos* ma kinitx biss kunċett teoloġiku li ddefendew numru ta' teologi matul it-Tielet Konċilju Ekumeniku tal-431 W.K., imma diġà popolari ħafna u magħrufa fost l-Insara għerixen ta' snin ferm qabel l-ereżija Nestorjana.

Insibu li San Gregorju Nażijanżenu fl-379 W.K. kien kiteb hekk "Jekk xi ħadd ma jemminx li l-Madonna hija *Theotokos (*dik li ġarret 'l Alla fiha) huwa 'l bogħod mid-divinità. L-ewwel Insara kienu jirrikonoxxu lil *Theotokos* bħala interċessura ta' saħħa kbira għal dawk li jkunu qed ibatu u għandhom bżonn il-protezzjoni. Ħafna kienu jfittxu l-interċessjoni



Il-papyrus li fuqha hemm din it-talba

tagħha sa mill-ewwel snin tal-Kristjaneżmu, u għadhom jagħmlu l-istess sal-lum eluf ta' snin wara.

Il-kelma *Theotokos (*dik li ġarret 'l Alla fiha) meta jagħmlu traduzzjoni tagħha mill-Grieg diversi huma dawk li jiżbaljaw meta jgħidu Omm Alla, imma minflok iridu jgħidu dik li ġarret 'l Alla fiha. Filwaqt li t-tradizzjoni Latina hija *dei genetrix* u mhux *Mater Dei*.

Din it-talba fuq il-*papyrus* hija miktuba f'għaxar versi u t-tradizzjoni li rċevejt bl-Ingliż tinqara hekk : *Beneath thy compassion, We take refuge, O Mother of God: do not despise our petitions in time of trouble, but rescue us from dangers, only pure one, only blessed one*.

Fi ftit kliem it-talba tgħid; Taħt il-kompassjoni tiegħek aħna nsibu r-refuġju Omm ta' Alla. Tittrattax it-talba tagħna fi żmien l-inkwiet, imma eħlisna mill-periklu, l-unika waħda Immakulata, u l-unika waħda Mbierka.

Talba qasira ħafna imma meta wieħed jirrifletti fuq dan il-kliem fiha ħafna x'wieħed jixtarr.




BOV CARDS

New BOV Cardholders can win one of ten sets of BOV MasterCard Prepaid Cards worth €375 each.

Terms and conditions apply.

2131 2020 | bov.com

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV Bank of Valletta

# Ġużeppi Mercieca - il-bniedem li sofra fis-skiet

**Kitba ta' Rev. Dr. Edgar Vella**

Is-sena 2016 żgur tibqa' mfakkra u mmarkata bit-telfa ta' saċerdot li ħalla impatt qawwi fl-istorja ta' gżiritna; bniedem ta' Alla u missier spiritwali tal-Maltin. L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca twieled Victoria Għawdex nhar il-11 ta' Novembru 1928. Tgħallem fis-Seminarju t'Għawdex u kompla l-istudju fl-universitajiet tal-Gregorjana u l-Lateran f'Ruma. Ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu 1952.

Il-Papa Pawlu VI appuntah Imħallef tas-Sacra Romana Rota bejn l-1959 u l-1969. Dan hu qorti tal-appell f'każi riferuti lis-Santa Sede. Huwa magħruf l-iżjed għall- kompetenza u deċiżjonijiet f'każi li jittrattaw il-validità taż-żwiġijiet.

Kien ukoll konsulent tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u l-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi.

Mons. Mercieca kien appuntat Isqof Awżiljarju fis-27 ta' Lulju 1974 u xahrejn wara ġie kkonsagrat Isqof minn Mons. Emeritus Mikiel Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

Fit-12 ta' Diċembru 1976, Mons. Mercieca ġie maħtur Arċisqof ta' Malta fejn serva bħala kap tad-djoċesi ta' Malta għal tletin sena. Kien propju f'din is-sena meta ltqajt l-ewwel darba miegħu meta kien ġie l-Imġarr imexxi l-griżma lit-tfal tar-raħal. Kont għadni abbati u niftakru jkellimni b'dik it-tbissima tipika tiegħu meta konna fis-sagristija. Minn dak l-ewwel kuntatt personali 'l quddiem kelli ħafna esperjenzi sbieħ u inkoraġġanti. Niftakar il-konferenzi li kien jagħmlilna fid-Dar tal-Kleru, fejn kien joqgħod, fl-1978 u l-messaġġ li kitibli fl-*autograph book* "Kunu sinċieri magħkom infuskom".

Matul it-taħriġ fis-Seminarju kienu ħafna dawk l-okkażjonijiet fejn kien jiġi biex jiltaqa' magħna personalment…dejjem b'dawk il-pariri siewja u b'dik it-tbissima ta' missier komprensiv. Kien hu li ordnani saċerdot fl-1988 u qatt ma ħalliena weħidna u fejn kien meħtieġ kien jibgħat għalik u jkellmek personalment b'tant ħlewwa u kura ta' ragħaj spiritwali.

Mons. Mercieca jibqa' mfakkar bħala l-bniedem li sofra fis-skiet, saċerdot umli, prudenti u sod li wettaq id-dmirijiet tiegħu mhux biss bħala kap tal-Knisja f'Malta imma wkoll bħala ċittadin. Don kbir li kellu jibqa' żgur il-mod paċifiku u għaqli biex jittratta każi ta' kriżi nazzjonali, fejn fittex l-ewwel u qabel kollox l-għaqda fost il-Maltin u l-ftehim bejn il-politiċi. Kien saċerdot li dejjem fittex il-qalb muġugħa u mnikkta; fit-telfa tal-membri għeżież tagħna kien jiġi personalment jew jagħmel telefonata fejn jissieħeb fis-sogħba u d-dieqa.

Kienu fl-aġenda tiegħu ż-żjajjar regolari fl-isptar fejn kien iqawwi qalb il-marid, niftakru ċar daqs il-kristall b'dik il-ħarsa ħosbiena għall-aħħar meta dħalt fl-emerġenza wara inċident li kelli u ż-żjajjar li għamilli fl-Isptar San Luqa. Kien bniedem ta' karitajiet kbar imma dejjem fis-silenzju wara li jkun ra l-ħtieġa ta' persuni u familji fil-bżonn.

Baqa' jaqdi d-dmirijiet tiegħu anke wara li rtira fl-2006, u ħalla l-post għas-suċċessur tiegħu Mons. Pawlu Cremona. Mal-medda tas-snin saħħtu bdiet iċċedi u beda jidher pubblikament f'okkażjonijiet partikulari.


*Fr Edgar flimkien mal-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca fir-residenza tal-Imdina*

Niftakar il-preżenza tiegħu ħdejja meta kont qiegħed nagħmel l-inventarju tal-palazz tal-Mdina; kemm kien jirrakkuntali stejjer u esperjenzi u jistaqsini fuq l-arti u l-istorja. Dejjem attent li l-kikkra tat-te u xi ħaġa tajba ma tfallix u anke xi platt tajjeb għal nofsinhar.

Meta s-saħħa naqset sew kont immur inqarbnu d-dar meta jmiss il-ġurnata tiegħi, esperjenza li nibqa' niftakar u ngħożż għall-mod umli u rassenjat tiegħu quddiem il-mard.

Imbagħad sebaħ il-jum tal-21 ta' Marzu meta xterdet l-aħbar tal-mewt tal-Isqof Emeritus Mercieca, aħbar li ħasdet lil dawk li kienu jafuh u nisslet dieqa għat-telfa tiegħu, però fl-istess ħin aħbar li qawwiet qalb il-komunità Kristjana Maltija, li r-Ragħaj li tant ħadem u bata għall-merħla tiegħu, issa qiegħed ikompli l-liturġija fis-Sema fi ħdan il-Ħallieq.


# FALZON
## Butcher Shop
48, Sir Harry Luke Street, L-Imġarr
**Mob: 99498139**




# Merżuq dawl fuq ta' Ħaġrat u Skorba

Kitba ta' Mario Vassallo

## Daħla

Fost il-ħafna fdalijiet ta' żmien il-qedem fl-inħawi tal-Imġarr insibu ż-żewġ siti ta' wirt dinji; Ta' Ħaġrat u Skorba. Minħabba li dawn is-siti ġew żviluppati fi żmien preistoriku, jiġifieri qabel kien hawn il-kitba, ma nistgħux insibu dokumenti dwar il-kif u l-għaliex inbnew. Imma la qegħdin hemm u jeżistu tassew ifisser li xi ħadd għal xi raġuni jew oħra għamilhom u l-bniedem tal-lum qiegħed jipprova jagħti xi forma ta' raġuni (fuq il-fdalijiet li baqa') ta' x'seta' wassal għal dan l-iżvilupp.

Għal dan l-istudju hemm ix-xogħol tal-arkeologu li b'mod xjentifiku u permezz ta' tqabbil ma' kulturi tal-istess żminijiet nistgħu nsiru nafu dwar iż-żmien ta' meta nbnew, kif inbnew, min għamilhom, xi bniedem kien li għamilhom, x'kien jiekol, xi klima kien hemm dak iż-żmien u ħafna affarijiet oħra. Però minbarra dawn l-istudji hemm oħrajn, li jissejħu ipotesi, dwar kurżitajiet li ma tantx tista' tasal għalihom b'mod xjentifiku, bħal pereżempju kif ġew magħmulin il-*cart ruts* u l-użu tagħhom jew inkella l-għala jew x'seta' wassal biex il-binjiet Neolitiċi tal-gżejjer Maltin iħarsu lejn naħa u mhux lejn oħra. Din il-kitba hija frott ta' riċerka[1] li kont għamilt madwar għoxrin sena ilu, u titratta dwar waħda mill-iktar ipotesi qawwija li ġiet studjata f'dawn l-aħħar ħamsin sena, jiġifieri il-konnessjoni ta' dawn il-binjiet tal-qedem max-xemx, il-qamar u l-kwiekeb.

## Kwadru naturali

Meta wieħed jasal wasla sa dawn is-siti Neolitiċi, naħseb li għandu jibda jiżdied xi ftit tal-interess u forsi jibdew iqumu xi mistoqsijiet dwar dawn il-fdalijiet ta' binjiet monumentali. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li dawn il-binjiet megalitiċi ma sarux ilbieraħ imma twaqqfu eluf ta' snin ilu. X'ifisser dan? Dan ifisser li ma kienx hawn it-teknoloġija li dehret f'dawn l-aħħar ħamsin sena (satelliti, mobiles, telephones, televisions, radjijiet, eċċ.). Ifisser ukoll li ma kienx hawn it-traffiku tal-art, tal-baħar u tal-ajru li hawn illum (karozzi u trakkijiet, krejnijiet u gafef, ajruplani ta' kull tip, vapuri tal-passiġġieri, tas-sajd, laneċ u jottijiet). Lanqas ma kien hawn dawl elettriku la fit-toroq u lanqas fid-djar



*Ħjiel ta' kwadru naturali*

jew ilma fil-vit u fil-funtani. U minħabba li qegħdin nitkellmu dwar l-eqdem binjiet li ġew imwaqqfa minn ftit mijiet ta' nies li kienu joqogħdu f'dawn il-gżejjer nistgħu ngħidu li lanqas kien hawn il-bliet u l-irħula u t-toroq li jgħaqqduhom li naraw illum. Kulma kien hawn kienet natura dawramejt, jiġifieri għoljiet u widien, irqajja' ta' ħamrija u xagħri, sisien u pjanuri, irdumijiet u bajjiet kennin mal-kosta u ilma ġieri li jagħti l-ħajja ħiereġ minn ġol-blat.

Ma' dawn il-ħsibijiet wieħed għandu jżid il-mod li jimxi l-ordni naturali jew ċikli naturali li llum ftit nagħtu kashom. Hekk insemmu ċ-ċiklu ta' kuljum, iż-żerniq, il-mixja tax-xemx fis-smewwiet u l-għabex biex imbagħad taqa' d-dalma tal-lejl. Fid-dalma tal-lejl jista' jkun hemm id-dawl fiddieni tal-qamar li fuq ċiklu ta' 28 jew 29 jum jibda minn felli, jikber għall-kwinta, meta jkun tond sabiħ jew mimli, jerġa' jiġi felli u jispiċċa ma jidhirx, magħruf bħala qamar ġdid. Hemm imbagħad iċ-ċiklu (mifrux fuq sena) tal-kwiekeb li malli l-jum jasal fi tmiemu jibdew ifiġġu fi rqajja' u forom differenti fis-smewwiet sa ma jerġa' jibda jżernaq l-għada filgħodu u l-aħħar kwiekeb qawwija jintilfu fid-dawl tal-jum.

Fl-aħħar insemmu ċ-ċiklu (mifrux fuq sena) tal-istaġuni li hu affettwat mill-mixja tax-xemx. Ilkoll nafu kif fix-xitwa x-xemx tkun dgħajfa u tgħaddi baxx fis-smewwiet iżda fis-sajf tkun qawwija u tgħaddi fil-għoli, kważi fuq rasna, tant li ftit ikun hemm dellijiet. Dan it-tibdil fil-qawwa tax-xemx jaffettwa t-temp ta' matul is-sena u allura jkollna l-istaġuni, dak xitwi li jkun kiesaħ u bix-xita li ssaqqi l-art kollha, tar-rebbiegħa meta l-arja tibda tisħon xi ftit u n-natura tibda tieħu r-ruħ u jkun hawn ir-riproduzzjoni tal-pjanti, għasafar u annimali, l-istaġun tas-sajf bi ġranet twal u ljieli qosra u b'xemx qawwija, u nixfa kullimkien, u dak tal-ħarifa meta s-sħana terġa' tonqos bil-mod, it-tkabbir tas-siġar u l-pjanti u ż-żrieragħ ikunu mmaturaw u jkun inġabar il-frott kollu ta' dik-is-sena biex imbagħad terġa' tasal ix-xitwa.

Hekk insibu li f'nofs dan il-kwadru totalment naturali ġie l-bniedem b'xi ftit annimali minn Sqallija madwar is-sena 5200 Q.K.u għammar f'dawn il-gżejjer. Għall-ewwel mar jistkenn ġol-għerien sakemm beda jitgħallem ipoġġi ġebla fuq ġebla u beda b'xi mod jibni l-għerejjex żgħar fejn joqgħod. Għaddew mijiet ta' snin u beda jinduna bl-ordni naturali ta' madwaru sakemm fettillu jibni strutturi b'ġebel kbir jew megalitiku biex ġo dawn l-ispazji monumentali jagħti qima u joffri sagrifiċċji t'annimali lill-Mexxej tal-Ordni Naturali.

U hawn tiġi weħidha l-mistoqsija. Tgħid dawk il-binjiet monumentali li aħna nsejħulhom tempji ġew mibnija bl-addoċċ jew kien hemm ħsieb profond fil-pjanta u t-twaqqif tagħhom?



Il-fdalijiet tat-tempji Neolitiċi f'Ta' Ħaġrat

Kien minħabba ritratt għall-kompetizzjoni tal-fotografija meta f'Diċembru tal-1997 fettilli nara jekk l-ewwel imrieżaq ta' tlugħ ix-xemx jgħaddux minn ġol-bieb ewlieni f'Ta' Ħaġrat. Il-mod li bih id-dawl tax-xemx beda jolqot ċertu partijiet tat-tempju qajmuli l-kurżità jekk din il-ħaġa kinitx qiegħda sseħħ b'kumbinazzjoni jew inkella kienx il-pjan tal-bniedem tal-qedem li fassal il-binja monumentali b'konnessjoni xemx u forsi qamar u kwiekeb.

### Osservazzjoni tas-smewwiet

Ta' min jgħid li dik il-ħabta li l-bniedem Neolitiku wasal f'dawn il-gżejjer u anke fiż-żmien ta' wara, kien hawn kulturi madwar id-dinja li kienu jibnu strutturi b'konnessjoni prinċipali max-xemx kif ukoll mal-qamar u mal-kwiekeb. Fost l-iktar magħrufin insemmu l-monument ta' Stonehenge fl-Ingilterra, Newgrange fl-Irlanda, il-piramidi fl-Eġittu u l-piramidi tal-Amerika Ċentrali. Mill-istudji li kienu saru fis-snin tmenin kien irriżulta li anke f'Malta Neolitika kien hawn dan l-interess. It-tempju tan-nofsinhar fl-Imnajdra jidher li seta' kien imfassal u mibni biex jimmarka l-bidu tal-istaġuni.[2]


*Tlugħ ix-xemx tas-sajf fi Stonehenge, l-Ingilterra*

Biex tibni struttura b'konnessjoni max-xemx, qamar jew kwiekeb, l-ewwel trid tkun ilek tagħmel osservazzjonijiet fuqhom biex tara eżattament kif jaħdmu. Hekk, il-bniedem induna li x-xemx ma titlax dejjem mill-istess post imma tbiddel postha ftit kuljum matul is-sena. Fix-xitwa din titla' fid-direzzjoni bejn il-lvant u x-xlokk, fir-rebbiegħa titla' fil-lvant eżatt, filwaqt li fis-sajf titla' bejn il-lvant u l-grigal, biex imbagħad tibdel triqitha lura u nsibu li fil-ħarifa titla' mil-lvant eżatt u tibqa' sejra sax-xitwa meta titla' mil-lvant ix-xlokk. Fil-kulturi tal-qedem kienu jemmnu li sakemm tlugħ ix-xemx iseħħ kuljum naqra differenti dan kien ifisser li tkun b'saħħitha f'mixjietha imma meta tiġi biex tbiddel id-direzzjoni, kemm fil-bidu tas-sajf u kemm fil-bidu tax-xitwa, dawn kienu jemmnu li x-xemx iddgħajfet għax din titla' għal xi jiem mill-istess post. Biex jgħinu lix-xemx tqum mid-dgħufija tagħha, speċjalment fix-xitwa meta x-xemx tkun baxxa u kienu jibżgħu li ser tmut, kienu jqabbdu nirien kbar biex issaħħuha u jħeġġuha tkompli triqitha. Dawn id-drawwiet baqgħu jintirtu matul iż-żmien tant li l-imperu Ruman kellu l-arma bix-xemx u kien iqabbel l-imperu mat-'Twelid tax-Xemx' u max-'Xemx Qatt Mirbuħa'. Ir-Rumani kienu jagħmlu festi kbar fil-bidu tax-xitwa għal dan il-għan. Meta ġie Kristu fid-dinja u qal li hu d-Dawl tad-Dinja, l-ewwel komunitajiet Insara poġġew it-twelid ta' Kristu propju f'nofs dawn il-festi, li kien jaħbat il-25 ta' Diċembru, filwaqt li t-twelid ta' Ġwanni l-Battista poġġewh f'nofs il-festi tal-bidu tas-sajf, jiġifieri fl-24 ta' Ġunju. Dawk magħrufin bħala l-ħġejjeġ ta' San Ġwann fil-fatt għadhom ġejjin minn żmien il-qedem.

### It-tfassil tat-tempji

Mir-riċerka rriżulta li fil-gżejjer Maltin hawn mhux inqas minn seba' tempji li ġew imfassla b'konnessjoni max-xemx tax-xitwa partikulari. Dawn jinkludu Ta' Ħaġrat u Skorba fl-Imġarr, il-Ġgantija tax-Xagħra, Għawdex, żewġ tempji tal-Imnajdra u Ħaġar Qim tal-Qrendi. Il-bini tat-tempju kien jibda billi l-ewwel titqiegħed l-għatba tal-bieb ewlieni, naturalment wara li jkun intgħażel il-post. F'Ta' Ħaġrat, Skorba u l-Ġgantija hemm toqob fl-għetiebi li setgħu faċilment servew biex iżommu xi zokk wieqaf. It-tul taz-zokk kien ikun daqs l-għoli tal-bieb li jkun għadu ser jinbena. Il-perit u l-bennej Neolitiku kienu jistudjaw id-dell li jagħmel dan iz-zokk. Id-dell kien jikxef eżatt id-direzzjoni tad-dawl tax-xemx. Minn kif jidher huma kienu l-aktar interessati fit-tlugħ ix-xemx tax-xitwa u f'dawk il-ġranet setgħu jimmarkaw it-tul u d-direzzjoni tad-dell. Dan ix-xogħol ta' immarkar kien

importanti minħabba li x-xemx tbiddel il-pożizzjoni kull ħin u kuljum. B'dan il-mod kien jibni l-bieb maestuż tat-tempju u wara li josserva d-direzzjoni u t-tul tad-dawl dirett tax-xemx li jgħaddi minnu, kien jista' jfassal il-passaġġ ċentrali. Fl-aħħar kien jippjanta u jibni l-apsidi. Din is-sekwenza fil-bini tat-tempju, jiġifieri bieb, passaġġ u fl-aħħar l-apsidi jaqblu magħha anke l-periti wara studji bir-reqqa li kienu saru.[3]



*Tlugħ ix-xemx tax-xitwa kif tidher minn ta' Ħaġrat, l-Imġarr*

Kemm f'Ta Ħaġrat u kemm fi Skorba l-ewwel imrieżaq tax-xemx tax-xitwa jgħaddu mill-bieb ewlieni, idawlu n-naħa tax-xellug tal-passaġġ ċentrali u jibqgħu deħlin fl-apsida ċentrali. Dan ifisser li tlugħ ix-xemx minn fuq ix-xefaq tal-faċċata tat-tempju, l-għoli u d-direzzjoni tal-bieb u t-tul tat-tempju kienu konnessi flimkien. Wara ftit minuti nsibu li x-xemx imxiet ftit u ġiet bi dritt il-passaġġ ċentrali. L-għoli tal-bieb, il-pożizzjoni tax-xemx u l-pjanta tat-tempju issa jippermettu li d-dawl tax-xemx jasal sal-bidu tal-apsida ċentrali. Wara ftit minuti oħra nsibu li dawl tax-xemx issa wasal fir-rokna tal-lemin tal-passaġġ ċentrali.



*Oriġinarjament dak il-ħajt imdawwal ma kienx hemm. Id-dawl dirett tax-xemx kien jibqa' dieħel it-tul kollu tat-tempju*



*Id-dawl dirett tax-xemx jasal sal-bidu tal-apsida ċentrali meta x-xemx tkun bi dritt il-passaġġ ċentrali tat-tempju*



*Id-dawl dirett tax-xemx fir-rokna tal-passaġġ ċentrali*

## Bdil fil-ħsieb

Jidher li maż-żmien sar bdil fil-ħsieb tal-bini tat-tempji. Forsi minħabba li ried aktar wisa' fit-tempju, minn binja bi tliet apsidi issa beda jibni tempji b'erba' apsidi, tnejn fuq kull naħa tal-passaġġ ċentrali. Għal xi raġuni jew oħra, anke l-pożizzjoni tal-ewwel raġġ tax-xemx ġiet mibdula u nsibu li issa d-dawl dirett li jgħaddi mill-bieb ewlieni ġie ddisinjat li jdawwal artal mibni fuq ix-xellug tal-passaġġ ċentrali bħalma nsibu fit-tempju tal-Ġgantija li fih erba' apsidi, it-tempji tal-Imnajdra u dak ta' Ħaġar Qim.

B'hekk għal xi żmien il-bniedem Neolitiku spiċċa b'żewġ fehmiet ta' kif jidħol id-dawl tax-xemx: tal-ewwel jidħol fl-apsida ċentrali u tat-tieni jaqa' fuq artal. Biex jirranġa din is-sitwazzjoni, minflok waqqa' t-tempji ta' tliet apsidi, tella' ħajt fil-bidu tal-apsida ċentrali, kemm f'Ta' Ħaġrat u kemm f'Ta' Skorba, li kien jikkonsisti f'bieb dejjaq fin-nofs u artal kull naħa. B'hekk l-ewwel imrieżaq tax-xemx ġew milqugħin mill-artal tax-xellug, simili għat-tempji l-oħra. L-istudjużi jikkonfermaw li dan il-ħajt ittella' wara ħafna snin.[4]



*Ħafna snin wara nbena dan l-artal biex l-ewwel imrieżaq tax-xemx idawluh, simili għat-tempji l-oħra*

## Bejn dawl u dawl indirett

Bħalma diġà għidna, tlugħ ix-xemx jibdel postu ftit kuljum meta mqabbel max-xefaq. Hekk jiġri wkoll ftit ġranet qabel u wara l-bidu tax-xitwa bil-konsegwenza li l-ewwel raġġi tax-xemx li jidħlu mill-bieb ewlieni tat-tempju setgħu jidħlu fl-apsida tax-xellug. Jidher ċar li dawn il-bennejja tat-tempji ma riedu qatt li dan iseħħ u għalhekk waqqfu żewġ ġebliet kbar fil-bieb tal-apsida biex jilqgħu d-dawl dirett tax-xemx tielgħa. Dan l-ilqugħ bil-ġebel instab li jeżisti fit-tempji l-oħra diġà msemmija. Għal xi raġuni, il-bniedem Neolitiku ried jidderieġi d-dawl dirett tax-xemx fil-passaġġ ċentrali biss filwaqt li l-apsidi laterali kellhom jirċievu dawl indirett biss.

Iżda jekk dan kellu jkun hekk allura nifhmu li t-tempji kienu msaqqfa totalment ħalli l-ebda dawl dirett tax-xemx ma jidħol fil-partijiet l-oħra meta din tgħaddi minn fuq rasna matul il-jum. Barra minn hekk huma l-partijiet ċentrali biss li għandhom l-art biċ-ċangatura filwaqt li l-apsidi ngħataw kisja



*Dawn iż-żewġ megaliti jservu biex jilqgħu d-dawl dirett tax-xemx milli jidħol fl-apsida tax-xellug*

torba tal-franka. Dan seta' sar biex meta jidħol id-dawl dirett tax-xemx, iċ-ċangatura tal-passaġġ ċentrali kienet isservi ta' mera u terġa' tirrifletti d-dawl indirett mat-tempju kollu. Però fuq dan hemm min jaħsibha mod ieħor u jaħseb li fit-tempji l-apsidi biss kienu msaqqfa filwaqt li l-passaġġ ċentrali kien miftuħ u ġie ċċangat bil-ġebel tal-qawwi ħalli jkun jiflaħ għall-ilma tax-xita.



*Il-kurvatura tal-faċċata tat-tempju Ta' Ħaġrat*

## Il-faċċata tat-tempju

L-aħħar parti li kienet tinbena mit-tempju kienet il-faċċata. Il-forma għat-tond tagħha kienet tagħmel din l-istruttura aktar imponenti u monumentali. Imma tgħid minn fejn kienu jġibu l-qisien għall-ark tal-faċċata u l-wisa' tagħha?




*Il-pjanta Ta' Ħaġrat. Il-ġebel aħdar 1 sa 4 huma l-bieb ewlieni. Il-linja safra a-b tissimbolizza l-ewwel imrieżaq tax-xemx li jidħlu tul it-tempju. Il-ġebel aħdar 5,6 tqiegħdu biex iservu ta' lqugħ għad-dawl tax-xemx. Il-ġebel aħmar huma l-faċċata tat-tempju. Il-linja c-d huwa r-radius tal-kurvatura tal-faċċata filwaqt li l-linja e-f hija l-wisa' tal-faċċata. Dawn huma daqs il-linja safra a-b.*

Ġie nnotat li l-faċċata tat-tempji kienet tkun komposta mill-bieb ewlieni bi dritt il-passaġġ ċentrali u tliet megaliti fuq kull naħa tiegħu. Il-megaliti tat-tarf kienu jkunu akbar kemm fil-wisa' u kemm mill-għoli biex iżommu l-pressjoni li toffri binja bħal din minħabba li qegħdin fil-kantuniera ta' barra.

Mir-riċerka rriżulta li l-kurvatura tal-faċċata setgħet kienet imfassla fuq il-qisien tar-raġġ tax-xemx fit-tempju. Instab li r-*radius* tal-kurvatura huwa l-istess tul tar-raġġ li jidħol fit-tempju mas-sebħ. Dan il-qies kien iservi ta' *radius* billi tarf jibqa' fiss bi dritt il-passaġġ ewlieni tat-tempju filwaqt li t-tarf l-ieħor kien idur u jimmarka l-kurvatura tal-faċċata. Barra minn hekk l-istess qies seta' ntuża biex jimmarka l-wisa' tal-faċċata tat-tempju. B'hekk il-perit u l-bennej kellhom idaħħlu tliet ġebliet kull naħa tal-bieb ewlieni f'din il-wisa'. Din il-biċċa xogħol tista' tiġi ppruvata li setgħet seħħet u mhijiex fantasija kemm fi Skorba kif ukoll fi Ġgantija. F'dawn iż-żewġ siti l-bennej Neolitiku kellu jibni, jimla u jillivella l-ispazju ta' quddiem it-tempji biex iservu ta' zuntier minħabba li l-binjiet inbnew fuq il-ġenb tal-għolja. Instab li t-tul taz-zuntier huwa eżatt it-tul tar-*radius* li kien hemm bżonn biex titfassal il-faċċata. Dan ifisser li l-wisa' tal-faċċata hija l-istess tul tal- ewwel imrieżaq tax-xemx xitwija fit-tempju. B'hekk persuna li tara t-tempju għall-ewwel darba setgħet tagħraf kemm jilħaq tul fit-tempju l-ewwel raġġ tax-xemx xitwija mill-wisa' u l-kurvatura tal-faċċata.



*It-tlugħ tal-qamar kwinta kif jidher mill-passaġġ ċentrali Ta' Ħaġrat. Dan ir-ritratt ittieħed nhar il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2006*

## ...U l-qamar ?

Fl-istudju li kien sar fis-snin tmenin dwar id-direzzjoni tat-tempju Neolitiċi Maltin, kien sar magħruf, fost riżultati oħra, li t-tempji Ta' Ħaġrat, Ġgantija u Ħaġar Qim kellhom il-passaġġ u l-bieb ewlieni iħares lejn tlugħ il-qamar.[5] Issa wieħed għandu jkun jaf li l-mixja tal-qamar fis-smewwiet hija ferm aktar ikkumplikata minn dik tax-xemx. Filwaqt li x-xemx tgħaddi mill-istess post kull sena, il-qamar irid tmintax-il sena u nofs biex jgħaddi mill-istess post u jkun fl-istess fażi, pereżempju kwinta. Din il-biċċa xogħol ħolqot ħafna dubji f'moħħ l-istudjużi għax biex timmarka pożizzjoni kull tmintax-il sena u nofs, ikun meħtieġ li l-informazzjoni tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra. Issa jekk tlugħ il-qamar li jseħħ faċċata u bi dritt it-tempji Ta' Ħaġrat, Ġgantija u Ħaġar Qim kienx intenzjonali jew kumbinazzjoni, jibqa' l-fatt li dan iseħħ.

Naturalment dan l-ippjanar u t-twaqqif ta' dawn l-istrutturi megalitiċi ma kienx isir mil-lum għal għada jew f'qasir żmien bħalma jsir illum għax hu magħruf li għodda ma kellux ħlief tal-ġebel. Hija biċċa xogħol li tieħu ħafna żmien biex taqta' jew tirranġa ġebla kbira skont il-qies li jagħti l-perit, iġġorrha forsi distanzi twal u tqiegħdha f'postha. Wieħed jista' jifhem li dan ix-xogħol bil-ġebel kbir kien irid attenzjoni kbira għax ladarba tkun poġġejt ġebla f'postha m'intix ser terġa' terfagħha għax tkun ħadt żball. Wieħed għandu jifhem ukoll li dan ix-xogħol seta' ħa iktar minn ġenerazzjoni waħda biex tlesta meta wieħed iqis li l-bniedem Neolitiku ma kienx jgħix iżjed minn 40 sena skont l-istudjużi.

### Konklużjoni

B'din l-informazzjoni ġdida quddiem għajnejna wieħed mill-ewwel jinduna li dawn il-monumenti Neolitiċi mhumiex xi gozz ġebel imwaqqaf u jserraħ ma' xulxin biex jifforma xi tip ta' kenn. Wara kull megalita u laqxa li tirfidha hemm ħsieb profond kemm qabel, waqt u wara li dawn tqiegħdu b'attenzjoni f'posthom. Li sa minn żmien hekk antik, 5600 sena ilu, il-bniedem ta' dawn il-gżejjer irnexxielu jwaqqaf dawn it-tempji meraviljużi b'konnessjoni max-xemx, qamar jew kwiekeb, wieħed għandu jaħseb kemm kien laħaq għerf u għarfien dwar l-arkitettura u l-astronomija tant li lanqas l-istess żmien ma rnexxielu jtemmu. Forsi xi darba dawk interessati għad ikunu jistgħu jesperjenzaw dawn il-fatti bħalma jiġri fit-tempji tal-Imnajdra u Ħaġar Qim. Huwa b'dan it-tagħrif u t-tagħlim u l-esperjenza ta' dawn is-siti Neolitiċi li wieħed jasal japprezza ferm aktar dawn l-istrutturi monumentali.

© Mario Vassallo 2016

**Referenzi**


[1] Din ir-riċerka kienet ġiet ippubblikata fis-Sunday Times of Malta tat-23 u t-30 ta' Jannar u s-6 ta' Frar 2000.
[2] Paul I Micallef, (1882 3rd edition) Mnajdra Prehistoric Temple, A Calendar in Stone, Union Print Co. Ltd.
[3] Alex Torpiano (2004) The Construction of the Megalithic Temples, fil-ktieb Malta Before History, Miranda Publishers ,pg 347 - 365
[4] D. H. Trump, (1966) Skorba, Oxford University Press, London, pg 5.
[5] Frank Ventura, George Agius, (1980) Investigation into the Possible Astronomical Alignments of the Copper Age temples in Malta, University Press Malta, pg 19.






DAVIDAGIUS
Aktar Ħidma b'Lealtà... Dejjem għas-Servizz Tiegħek
Whip tal-Grupp
Parlamentari Nazzjonalista
u Shadow Minister
għall-Kunsilli Lokali,
Żgħażagħ u Sport
David u l-familja
tiegħu jawguraw
lilek u l-familja
tiegħek
il-Festa t-tajba
187, Triq Santa Katerina, Ħ'Attard
7942 3101 jew 2141 7507
E-mail: david.agius@gov.mt
Website: www.davidagius.org
Facebook: David Agius MP
Twitter: davidagiusmp
Available on the App Store
Google play
P. N.
7 Distrett ĦAD-DINGLI, L-IMDINA, L-IMĠARR, L-IMTARFA, IR-RABAT, ĦAŻ-ŻEBBUĠ
11-il Distrett Ħ'ATTARD, ĦAL BALZAN, IL-MOSTA

# Tifkiriet tiegħi tal-Imġarr

**Kitba ta' Joe Quattromani**

Sa minn meta kont żgħir, spiss smajt anzjani Mostin jgħidu li bejnietna u n-nies tal-Imġarr hemm rabta sabiħa. Mhux biss ta' ġirien ħbieb, iżda aktar minn hekk. Rabta familjari. Missirijietna jgħidu li hemm xebh saħansitra fil-bini u l-għamla tal-knisja – koppla fit-tond, it-tnejn iddedikati lill-istess patruna - Santa Marija. Tant hu hekk, li biex jitgawdew iż-żewġ festi, waħda tiġi ċċelebrata l-Ħadd ta' wara l-15 t'Awwissu.

Naf li hemm bosta familji Mostin imħalltin ma' nies mill-Imġarr u viċi versa. Saħansitra hemm ismijiet, kunjomijiet u laqmijiet jixxiebhu. U xi ngħidu għad-djalett!

Fil-kitba tiegħi tas-sena l-oħra diġà aċċennajt li missieri kien alliev u ħabib intimu ta' Monsinjur Edgar Salomone. Mill-anqas darbtejn jew tlieta fis-sena missieri kien imur iżuru f'daru l-Imġarr. Lili dejjem ħadni miegħu. Waqt li huma joqogħdu jitħaddtu ġewwa, il-qaddejja tad-dar lili kienet teħodni nilgħab fil-ġnien mimli siġar tal-frott u fjuri. Nistqarr li kont nitgħaxxaq niġi l-Imġarr u f'qalbi għadni nżomm tifkiriet sbieħ.

Fis-snin sittin imbagħad bħala żagħżugħ, membru tal-Azzjoni Kattolika tal-Mosta, mhux darba jew tnejn ħadt sehem mal-'Mosta Youths Dramatic Company' fil-Konkors Teatrali, fis-Sala Dun Edgar fl-Oratorju tal-Imġarr, organizzat mill-maħbub mibki Dun Ġużepp Vella. L-ewwel sena tal-Konkors minbarra parti żgħira fid-dramm," Dak mhux Ħati!," konna responsabbli mis-sezzjoni tal-varjetà, u daqqejt mal-*beat group* tiegħi, "The Twisters."

Fis-snin ta' wara, meta s-Sur J.J. Camilleri (il-Piola) tal-Mosta kien Surmast fl-Iskola Primarja tal-Imġarr ġejt mitlub nidderieġi xi *play* għat-tfal Imġarrin. X'aktarx għal żmien il-Milied jew qrib l-għeluq is-sena skolastika. Fost l-oħrajn niftakar id-dramm ħelu, "L-Anġlu ċ-Ċkejken" kitba tal-istess Surmast. B'dan konna dħalna nikkompetu fil-konkors, 'Drama għall-Iskejjel'. Tant marret tajjeb din il-*play* u tant it-tfal kienu ħelwin, li minbarra li rbaħna xi premju, saħansitra nġibdet u ntweriet fuq it-televiżjoni Maltija. It-tifel / l- anġlu, kien jismu Pierre Sammut. Nixtieq xi darba jkolli l-opportunità niltaqa' ma' xi ħadd minn dawk it-tfal. Min jaf kemm kibru!

Bdew relazzjoni:

Wara sentejn tistudja għal għalliema fil-Kulleġġ Mater Admirabilis tal-Virtù r-Rabat, f'nofs is-sittinijiet, oħti Mary bdiet toħroġ ma' għalliem ieħor bħalha, Piju Camilleri mill-Imġarr. Għax hekk kienet id-drawwa dak iż-żmien, din l-affari ma damitx sigrieta. Wara ftit xhur il-familji tagħna ltaqgħu u l-ħbiberija/għerusija pperseverat.

Piju, żagħżugħ baħbuħ ta' ftit kliem, ma damx ma wriena bid-delizzji tiegħu - il-biedja u s-sajd. Qalilna li bejn l-aħwa saħansitra għandhom dgħajsa u spiss joħorġu fuq il-baħar għall-ħut, min-naħa tal-Ġnejna. Jien qatt ma kont sajjied, anzi. Nistqarr li qatt ma ħriġt fuq dgħajsa għall-ħut qabel. Però fi ħruġ is-sajf, meta beda l-istaġun tal-lampuki, Piju offrieli

biex f'ġurnata frank mix-xogħol, noħroġ miegħu fuq il-baħar. Ftehimna l-ġurnata, il-ħin u l-post. Ħerqan aktar għall-kurżità u l-avventura milli għall-ħut, l-appuntament żammejtu. Iltqajna. Niftakar, hu stess ġie għalija d-dar bil-mutur - Matchless.

Mid-dar t'ommu fl-Imġarr, Piju għabba kollox u tlaqna lejn il-Ġnejna. Ħalla l-mutur fil-bidu tal-bajja, qabel taqbad ir-ramla. Imxejna nħaffu fuq l-għerien sa wasalna fil-post. Id-dgħajsa kienet diġà l-baħar.

Baħħar tas-sengħa, Piju ġibed id-dgħajsa mal-blat. Qalli biex nitla' fil-frejgatina l-ewwel, ħalli jnewwilli l-basktijiet li ġab miegħu. Lili talabni biex noqgħod bilqiegħda f'nofs id-dgħajsa n-naħa tal-lemin, inħares'il barra. Hu ntasab wara bit-tmun f'idejh

Startja l-magna, raddejna s-salib u tlaqna. Meta qlajna minn max-xatt, rajtu jitfa' xi ħaġa fil-baħar. Lili tani x-xlief tar-rixa f'idi l-leminija u qalli biex nibda nrejjex.

"Hekk ara. Mhux diffiċli!" Hu reġa' sab postu fuq wara, u għamel l-istess.



*L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imġarr*

Ma kkalkulajtx kemm għadda ħin, imma x-xemx kienet ġa bdiet tgħanni. L-art minn fejn tlaqna dehret'il bogħod issa. F'daqqa waħda, max-xlief tiegħi ħassejt ġibda tqila li bħal ħasditni. "Qbadt xi ħaġa Pi!" għedtlu.

"Ibqa' fejn int u titlaqx pulzier," qalli. Jien hekk għamilt. Piju naqqas ftit mill-mixi tad-dgħajsa, bidel id-direzzjoni tat-tmun, resaq lejja, bil-mod, ġibed il-ħuta mill-baħar u tellagħha f'barmil tal-plastik fid-dgħajsa.



*Il-Lejla Mġarrija*

"Sabiħa!! Lampuka ġmielha! Mela sibna roqgħa tajba. Nistgħu nibqgħu hawn," lissen kuntent. Hekk għamilna. Bid-dgħajsa *Idling* bqajna nduru f'ċirku kbir. Ftit sekondi wara Piju tella' lampuka oħra. U oħra. Jien l-istess. F'kemm ilni ngħidlek, tellajna xi għaxra. Bdejt nieħu pjaċir u Piju mhux inqas.

Imma ħej! Ħin minnhom bdejt inħoss kollox idur bija. L-*exhaust* tad-*diesel,* id-demm ħiereġ mill-garġi tal-lampuki, u t-tbandil ċaqlembuta tad-dgħajsa qalli "hawn irridek!!"

Piju induna. "Qed iħossok ħażin?" staqsa.

"Ma nafx," għedtlu. "Naħseb"

"Jekk għandek xi ttella', dawwar wiċċek lejn il-baħar u neħħi," qalli.

Jien hekk għamilt. "Ejja nidħlu 'l ġewwa," lissen Piju b'urgenza.

Inkwetajt ftit. Ma nħobbx inħassar festi. Ħarist lejn l-arloġġ. Kien għadhom id-disgħa u nofs. Dak il-ħin ħsibt li jkun aħjar ninżel l-art.

Domna kważi nofs siegħa biex erġajna wasalna lura l-garaxx tal-Ġnejna.

### Għeluq

Hemm aktar x'nirrakkonta. Inkompli sena oħra, jekk Alla jrid.

Niftakar tajjeb ukoll meta fis-sena 1983 bdiet tiġi organizzata " Lejla Mġarrija." Billi n-neputijiet Mirabelle u Edward kienu t-tnejn jinvolvu ruħhom kienu jistidnuna. Aħna bit-tfal konna nieħdu gost nitilgħu. Aktar riċenti, madwar 10 snin ilu bdiet tiġi mtellgħa "Festa Frawli". Interessanti u oriġinali. Żaqqieq li jien nipprova ma nitlifhiex!!



*Il-Festa Frawli organizzata fl-Imġarr*

Hekk il-ħajja! Esperjenzi u tifkiriet sbieħ. Oħrajn ftit inqas.

Minn qalbi nixtieq lill-Imġarrin kollha l-Festa t-Tajba.







tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721

Tomabnina
WINE
Room

NO.2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MGARR, MALTA

# Sultana fuq gżira



**Kitba ta' Louis J. Vella**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*

Tislima mill-qalb mill-Istat ta' Kalifornja fl-Amerika, lill-Imġarrin sħabi u ħbiebi f'dawn il-jiem sbieħ u għeżież meta Malta kollha tifraħ waqt li tiċċelebra l-festa tradizzjonali ta' Santa Marija. F'isem il-Maltin, u mod speċjali l-Imġarrin, li jgħixu barra minn Malta, nawgura l-isbaħ xewqat ta' festa sabiħa, qaddisa u feliċi lil kulħadd.

F'dan iż-żmien tant mistenni tul is-sena ma jonqosx li l-ħsibijiet u l-memorji ma jittajrux lil hinn mill-ħajja ta' kuljum u 'l fuq mit-tbatija tax-xogħol u mill-inkwiet li tant jokkupalna ħinijietna. Ħsiebi, bħal sħab abjad ħafif mhux mimli bix-xita, ħabbar il-maltemp, imma iktar bħal ħolm tat-tajjar jitmewweġ 'l hawn u 'l hemm. Minn qalb is-sħab tal-immaġinazzjoni donni qed nilmaħ jitbandal fl-ilmijiet ta' oċean sewdien u mewġ mimli rabja, imqalleb bla serħan, bastiment imdaqqas ġmielu, b'saħħtu u mgħobbi sa ruħ ommu b'merkanzija ta' kull forma u għamla. Fuqu qiegħed iġorr ukoll ħafna passiġġieri ta' kull età, kull ġens u ilsna differenti. Minn trabi sa anzjani, minn tfal sa żgħażagħ, irġiel u nisa.

Għajjenin, mitluqin lil hawn u lil hemm. Min igorr minn naħa u min jeqred minn oħra. Il-vjaġġ hu twil, skomdu u għal ħafna, il-mard ma naqasx. Imma l-ansjetà u l-eċitament ta' dak li hemm jistenniehom lil hinn mix-xefaq baqa' jqawwilhom qalbhom u jagħmlilhom kuraġġ.

Issa ntlemħet. Fl-aħħar dehret. Lil hinn u 'l bogħod minn xifer il-baħar, tfaċċat fl-aħħar ix-xbieha li tant kienet ilha mistennija. Eluf ta' għajnejn, ftit imbexxqin ħalli fil-bogħod ikunu jistgħu jaraw aħjar, jgħarrxu u jħarsu ħalli forsi jilmħu xi ħaġa huma wkoll.



*L-istatwa bil-fanal jixgħel... "Is-sinjura tal-istatwa qiegħda żżomm għoli f'idejha fanal mixgħul biex bħal turi t-triq lil min ikun dieħel fil-port imħares minnha."*

"Bla dubju, hi" qal wieħed li kien kemxejn ixxuxxat, bilwieqfa fuq bagalja mimlija daqs bajda bi ħwejjeġ personali tiegħu. Kien ilu minn qabel ma sebaħ fil-pruwa tal-bastiment jistenna u jgħarrex li ma jmurx taħrablu xi ħaġa. "Dik żgur hi", reġa' tenna. Il-baħar hu immens, donnu la għandu bidu u lanqas tmiem, iżda l-agħa li qamet fost il-vjaġġaturi ma ħalliet l-ebda dubju li t-tbaħħir u t-tbandil fuq dawn l-ilmijiet li dehru ma jispiċċaw qatt, ma tantx kien baqgħalhom ħajja twila.

Il-vjaġġ li għal ħafna ġranet deher li mhu se jispiċċa qatt, f'daqqa waħda nħass bħal

donnu ntesa. L-għeja ttaffiet u l-għajnejn miksura reġgħu ħadu l-ħajja. Il-poġġamani ta' barra tal-vapur imtlew bin-nies, b'fillieri ta' tlieta, erbgħa u anki iżjed. Kulħadd jipprova jiddeffes biex jersaq eqreb lejn xifer il-vapur.

Mat-tbandil tal-bastiment id-dehra bdiet kultant tidher u xi daqqiet kienet tgħib għalkollox, biex wara ftit terġa' titfaċċa fost il-ferħ ta' dawk li l-aktar setgħu jaraw. Iċ-ċaqliq tal-vapur li dejjaq u marrad tant nies, intesa għalkollox. Kulħadd issummat iħares lejn ix-xefaq. Iċ-ċpar fuq wiċċ il-baħar deher itellef xi ftit, imma xejn ma kien se jħassar l-ansjetà, il-ferħ, u t-tferfir il-qalb ta' dawk li kien ilhom tant jittamaw.

"X'inhuma jaraw, ma?" instema' jgħid tfajjel imfarfar u ħelu waqt li beda jtawwal għonqu u jitla' fuq ponot subgħajh, li bir-rassa ma setax jara ħlief in-naħa ta' wara ta' ħafna nies marsusin ma' xulxin.



Statwa fiċ-ċpar... "Qed taraha? Tidher sew issa, speċjalment meta jiftaħ naqra ċ-ċpar."

"Hemm ara", qaltlu ommu, "qed taraha?" "Għadna ftit 'il bogħod mhux ħażin, però tidher sew issa, speċjalment meta jiftaħ naqra ċ-ċpar." Raġel li kien biswit, staqsa lill-mara jekk tridx li jerfa' lit-tifel biex ikun jista' jara aħjar.

F'ħakka t'għajn it-tifel sab ruħu fuq spallejn ir-raġel u ogħli iżjed minn kulħadd. "Hemm ħares", qallu r-raġel, "itfa' ħarstek fid-direzzjoni ta' fejn qiegħed nurik." "Issa qed taraha?" "Iva", qallu t-tifel, "qiegħed nara bħal qisha kolonna kbira kbira ħierġa minn ġol-baħar, hux hekk?" "Iva", qallu r-raġel, "dik hi", waqt li dawwar ħarstu lejn omm it-tfajjel u qalilha biex tgħid lil binha x'inhi jew aħjar minn hi dik il-kolonna.

"Ibni", qaltlu ommu, "dik mhix kolonna. Dik hi l-famuża Statwa tal-Libertà. Wasalna, u fuq dik l-art se tkun id-dar tagħna mil-lum 'il quddiem. Il-vapur tagħna, f'dak il-port li hemm quddiemna se jidħol. Dak hu l-port tal-belt ta' New York. L-istatwa tirrappreżenta lilna u n-nies bħalna li ġejjin mill-erbat irjieħ tad-dinja biex nibdew ħajja ġdida ġo din l-art. Is-sinjura tal-istatwa qiegħda żżomm għoli f'idejha fanal mixgħul biex bħal turi t-triq li kull min ikun dieħel fil-port imħares minnha. Il-mara tirrappreżenta l-libertà u l-protezzjoni li jgawdi kull min jgħaddi mill-port tagħha."



Statwa imponenti... "Il-mara tirrappreżenta libertà u protezzjoni li jgawdi kull min jgħaddi mill-port tagħha."

"Mamà", qal it-tfajjel, għajnejh kbar, mistgħaġeb u qalbu tħabbat bl-eċitament, ta' dak kollu li kien qiegħed jisma' u jara, "l-istatwa issa tidher ħafna aħjar. Daqsiex fiha! Qisha qiegħda fuq pedestall mibni apposta għaliha fuq gżira żgħira mdawra dawra mejt bil-baħar. Nistħajjilha bħala sultana tirrenja fuq il-gżira tagħha. Hekk naħseb li se nibqa' niftakarha l-istatwa... Sultana fuq gżira!"

"Iva", qallu r-raġel, "dik il-gżira żgħira llum jisimha Liberty Island, però qabel ma nbena l-monument tal-Libertà, il-gżira kien jisimha, Bedloe's Island.

"Ibni", kompliet tgħidlu ommu, "dan il-vjaġġ twil u ta' strapazz għamilnieh biex nibdew ħajja ġdida hawn f'din l-art, taħt il-protezzjoni ta' dik ix-xbieha tal-mara li tirrappreżenta tama, paċi, ħbiberija, xogħol u bidu ġdid għal kull min jiġi u jgħix f'din l-art immensa. Meta terġa' tibda tmur l-iskola wara li ninżlu l-art u mmorru fid-dar il-ġdida, żgur li se titgħallem fuq l-istorja ta' dan il-pajjiż kbir u li joffri tant opportunitajiet, speċjalment għal min għadu żgħir bħalek. Ma jonqosx li titgħallem ukoll l-istorja tal-Istatwa tal-Libertà."



*Statwa fuq gżira mdawra bil-baħar:.. "Qisha qiegħda fuq pedestall mibni apposta għaliha fuq gżira żgħira mdawra dawra mejt bil-baħar."*

"Mamà", żied it-tifel, "imma int qed tara daqsiex fiha dik l-istatwa! Mill-bogħod ma tidhirx daqshekk kbira imma issa li qrobna nistgħu narawha aħjar. Tidher għolja iżjed mill-knisja tar-raħal, daqsiex fiha x'waħda din!"

Ir-raġel qabeż u qal, "Mela, waqt li konna qegħdin inbaħħru bejn sema u ilma ddubbajt ktieb u qrajt xi ftit fuq l-Istatwa tal-Libertà. Jekk trid, nieħu gost nirrakkuntalek dak li niftakar mill-ftit li qrajt fuqha." "Iva", qallu mill-ewwel u b'ċertu entużjażmu t-tfajjel, "għidli jekk jogħġbok, nieħu gost nisma'."

"Tajjeb", qallu r-raġel, "però rrid ngħidlek ukoll li ħafna milli qrajt kien miktub bl-Ingliż għax hawn f'din l-art il-ġdida n-nies bl-Ingliż jitkellmu l-iżjed." "Ma jimpurtax", qallu t-tifel, "l-iskola l-miss għallmitna u bl-Ingliż naf nitkellem ukoll." "Bravu ħej", qallu r-raġel.

"Mela", beda r-raġel, "dik l-istatwa bil-pedestall tagħha hi għolja 'l fuq minn tlieta u disgħin metru. L-artist, disinjatur tagħha kien ċertu Frederic Auguste Bartholdi u kien mgħejjun minn Richard Morris Hunt u l-famuż Gustave Eiffel, li t-Torri Eiffel ta' Pariġi hu msemmi għalih. L-istatwa kienet rigal min-nies ta' Franza lin-nies tal-Amerika bħala simbolu ta' ħbiberija u ġiet inawgurata fl-1886. Bil-Franċiż ġiet imsemmija 'La Libertè éclairant le monde' li bl-Ingliż tfisser 'Liberty Enlightening the World'.



*Ix-xogħol fuq il-pedestall enormi tal-Istatwa tal-Libertà fuq il-gżira ta' Bedloe, fi New York.*

Fil-bażi tal-istatwa hemm imniżżla skrizzjoni sabiħa u importanti ħafna għax tiġbor fiha l-għan tal-istatwa. L-iskrizzjoni hi forma ta' poeżija u nkitbet mill-poetessa Emma Lazarus fl-1883, għadha hemm sal-lum, u tħaddan fiha s-sentimenti li fuqhom ġie msejjes

dan il-pajjiż ġdid. Tant għogbitni din l-iskrizzjoni li kkupjajtha fuq sarvetta tal-karti li kelli waqt li konna qed nieklu. Trid naqrahielek bl-Ingliż?" "Iva", qallu t-tfajjel, "nieħu pjaċir nismagħha." "Tajjeb", qal ir-raġel, "mela ħalli nara ngħarafx x'ħarbixt jien stess. Il-poeżija hija ta' Emma Lazarus u jisimha:

**'The New Colossus'**

"Not like the brazen giant of Greek fame,
With conquering limbs astride from land to land;
Here at our sea-washed, sunset gates shall stand
A mighty woman with a torch, whose flame
Is the imprisoned lightning and her name
Mother of Exiles. From her beacon-hand
Glows world-wide welcome; her mild eyes command
The air-bridged harbor that twin cities frame.
"Keep ancient lands, your storied pomp! cries she
With silent lips. Give me your tired, your poor
your huddled masses yearning to breathe free,
The wretched refuse of your teeming shore.
Send these, the homeless tempest-tost to me
I lift my lamp beside the golden door!"

It-tfajjel mistgħaġeb u fl-istess ħin impressjonat b'dak li kien għadu kif sema', irringrazzja lir-raġel u qallu li veru ħa pjaċir jisma' r-rakkonti tal-istatwa u qatt ma kien se jinsa dak li tgħallem illum. It-tfajjel kompla jgħid li din l-istorja se jibqa' jiftakarha għal dejjem u qatt ma hu se jneħħi minn moħħu meta ltaqa' għall-ewwel darba mas-Sultana fuq Gżira, għax għalih hekk se tibqa' ttimbrata f'moħħu, bħala s-Sultana fuq gżira. Iva, is-sultana fuq gżira, baqa' jhewden, jgħid u jirrepeti bejnu bejn ruħu t-tfajjel, sa ma sema' lil ommu tgħajjatlu biex jibdew jippreparaw għax dalwaqt jaslu, il-vapur jirmonka u jgħajtulhom biex jinżlu l-art.

X'sar minnhom dawn in-nies u folol oħra bħalhom, m'għandix idea. Però naf ċert li din ix-xena min jaf kemm-il darba rrepetiet ruħha; forsi mijiet u forsi eluf ta' drabi meta nies ta' kull kulur, twemmin u ġens, stgħaġbet u ssaħħret meta lemħet għall-ewwel darba l-Istatwa tal-Libertà... "is-Sultana fuq Gżira".

Meta nara immaġni u xeni bħal dawn, ħsiebi, b'tant nostalġija, imur lura lejn art twelidna, lejn dik il-blata Gżira ħanina li fuqha trabbejna, kbirna u rċevejna l-ewwel tagħlim. Jittajru ħsibijieti lejn Sultana wisq iżjed setgħana u ħanina. Din is-Sultana mhux talli tistieden u tilqa' l-ġnus kollha, lill-foqra, lill-imnikktin, lill-morda u lil kull min jitlob l-għajnuna tagħha, iżda wkoll tinkwieta meta l-istedina tagħha



*Statwa bil-pedestall mill-qrib... "Ix-xbieha tal-mara li tirrappreżenta tama, paċi, ħbiberija, xogħol u bidu ġdid."*



*Is Sultana li x-xjuħ tagħna lilek faħħru*



*Il-purċissjoni bil-vara titulari ta' Santa Marija fi Triq Santa Marija, l-Imġarr*

taqa' f'widnejn torox jew li ma jridux jisimgħu. Għax qatt ma nstema' li xi ħadd talab l-għajnuna tagħha u ma semgħetux.

Is-Sultana Mtellgħa s-Sema, li fl-iktar żmien ta' biża' u qtugħ il-qalb, ta' mewt u ta' qirda, fl-eqqel ta' gwerra kiefra meta din il-Gżira għażiża tagħha kienet f'xifer id-disperazzjoni u l-għadu kien lest biex jaħtafha, kienet is-Sultana ta' Gżiritna li wasslet konvoj mimli ġid u tama, konvoj li baqa' msemmi għaliha. Is-Sultana tal-Gżejjer ta' Malta u t'Għawdex, is-Sultana ta' kull belt jew raħal li bħal dawn iż-żminijiet ta' ferħ ifakkru u jiċċelebraw it-tlugħ tagħha fis-sema. Is-Sultana li x-xjuħ tagħna lilek faħħru, Marija Assunta ta' Malta li m'għandhiex bżonn fanal għax bid-dija tagħha ddawwal anki l-aktar rokna mudlama ta' qlub l-aktar iebsa. U fid-dell tagħha jistkennu l-ġnus kollha.

Viva Santa Marija! Viva Marija Mtellgħa s-Sema! Viva l-Assunta, Sultana tal-Gżira tagħna!

FRUIT HOUSE
FINEST QUALITY

Importers of fresh fruit, vegetables and exotics.
We supply restaurants, hotels, grocers and supermarkets.
Our stores are situated at Ta' Qali Fruit Market Attard first platform in front of gate.

**Tel. 21466234 • Email: pmicallef@cpsmalta.com**

**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast

**MĠARR IRONMONGERY**

Tel: 21574683 / Mob: 99449922



Patrick Azzopardi

Triq iż-Żebbiegħ, L-Imġarr



Ta' L-Ongliz

Fenkata Restaurant

59,
Triq il-Kbira,
Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4489



# L-Għasir taż-żebbuġ għaż-żejt

Kitba ta' Denis Bezzina

Bħalma jaf kulħadd l-għasir taż-żebbuġ fil-gżejjer Maltin qed ikun aktar popolari sena wara l-oħra. L-istaġun li għadda kien wieħed eċċezzjonali kemm fil-kwantità kbira ta'żebbuġ li pproduċew is-siġar, kif ukoll il-kwalità taż-żebbuġ, fejn l-attakk tal-insetti kien minimu ħafna. Dan għaliex is-sena ta' qabel, is-siġar ipproduċew ftit żebbuġ u għalhekk l-insetti ma tantx kellhom fejn jagħmlu xalata u jipproduċu.

F'dan l-artiklu xtaqt nagħti ftit informazzjoni fuq iż-żebbuġ għall-għasir. Xtaqt nagħmel dan minħabba li ħafna huma dawk li jmorru jagħsru ż-żebbuġ u ma jafux kif jistgħu jieħdu ż-żejt taż-żebbuġa tal-aqwa kwalità. Fil-każ taż-żejt taż-żebbuġa hawn dak li huwa ta' kwalità tajba kif ukoll dak ta' kwalità inferjuri. Dan kollu jiddependi mill-kwalità taż-żebbuġ li se jiġi magħsur kif ukoll mill-għasir taż-żebbuġ. Mhux biżżejjed li l-magna tal-għasir tkun tajba, imma min ikun qed iħaddimha jrid ikun jaf x'qed jiġri biex ikun jista' joħroġ l-aktar kwantità possibbli tal-aqwa kwalità.

Wieħed irid idaħħal f'rasu li biex ikollok żejt ta' kwalità tajba trid tibda billi jkollok żebbuġ ta' kwalità tajba, u biex ikollok dan trid tibda billi tieħu ħsieb is-siġar biex jikbru b'saħħithom u mingħajr mard. Hija l-perċezzjoni ta' ħafna li s-siġra jarawha darba biss fis-sena meta jmorru biex jaqtgħu ż-żebbuġ, u mbagħad jistennew il-mirakli.



*Is-siġar taż-żebbuġ*

### Iż-Żabra

Ix-xogħol jibda għall-ħabta ta' Jannar meta t-temp ikun l-aktar kiesaħ u ssir iż-żabra tas-siġar. Meta wieħed jiżbor siġra jkun qiegħed jinkuraġġiha tarmi friegħi ġodda li s-sena ta' wara jagħtu l-frott. Tinsewx li fergħa darba tagħti l-frott u s-sena ta' wara toħroġ frott minn fuq fergħa ġdida. Barra minn hekk, peress li l-friegħi jinfetħu wara ż-żabra, ikun hemm aktar ċirkolazzjoni tal-arja u tkun qed tnaqqas il-possibilità tal-mard, kemm tal-moffa kif ukoll tal-insetti. Għalhekk nissuġġerixxi li mill-inqas tiżbru s-siġar kull sentejn. Iż-żabra tas-siġar taż-żebbuġ mhix xi tip ta'żabra kkumplikata, imma jekk wieħed m'għandux idea, għandu jistaqsi lil xi ħadd li jkun jaf kif jiżborhom.

### Tisqija u sustanza

Sfortunatament, din is-sena hawn nixfa liema bħalha u żgur mhix se tgħin biex ikollna frott bħas-sena li għaddiet. Għalhekk tajjeb li nsaqqu minn żmien għal żmien, skont kemm

għandhom bżonn is-siġar u kemm għandhom żmien. Siġar żgħar ikollhom bżonn ilma aktar frekwenti peress li ma jkollhomx għeruq fondi ħafna. Tajjeb li jintuża d-dripp biex l-ilma jinżel fil-fond u ma jinxifx malajr. Is-sustanza hija daqstant importanti għax l-art ma tistax toħdilha biss, imma trid tagħtiha wkoll. Is-sustanza mhux biss tgħin biex tkabbar il-frott, imma l-aktar importanti hu li l-frott isir sew. Tajjeb li wieħed jinnota li meta jkollna staġun b' abbundanza ta' frott, inqas żejt ikun prodott. Ir-raġuni hi li s-siġra ma tkunx kapaċi tipprovdi sustanza għall-kwantità kbira ta' frott li jkun fiha. Għalhekk ikun tajjeb jekk nagħtu s-siġra ftit aktar sustanza meta dan ikun il-każ.

## Mard tal-moffa u l-insetti

Is-siġar taż-żebbuġ mhumiex daqshekk delikati daqs is-siġar ta' frott ieħor, imma xorta waħda rridu nieħdu ħsiebhom. Tajjeb li fix-xitwa nbixxuhom darbtejn b'fungiċida li fih ir-ramm biex nevitaw il-mard tal-moffa kif ukoll nużaw insettiċida għas-susa tas-siġar. Sfortunatament iktar ma jgħaddi ż-żmien, dejjem qed jinstabu xi insetti ta' speċi ġodda. F'dawn l-aħħar snin sibna insett li huwa tip ta' susa żgħira *(Fleotribo),*ftit iżgħar minn nemlu, li qed jattakka s-siġar taż-żebbuġ. Meta s-siġra tiġi attakkata minn dan l-insett, tmut il-fergħa fejn l-insett ikun attakkha. Meta jkun hemm infestazzjoni jista' jagħti l-każ li anke tmut is-siġra, għalhekk tajjeb li wieħed jieħu ħsieb biex jippreveni lis-siġar milli jiġu attakkati minn dan l-insett. Insetti oħra li rridu nieħdu ħsieb huma l-Psilla, Miskta u d-Dubbiena tal-frott taż-żebbuġ. Din l-aktar aspett importanti li għandna nieħdu ħsieb biex iż-żebbuġ ma jiġix attakkat minn dan l-insett. Jekk iż-żebbuġa tiġi minsusa minn dan l-insett, l-effetti huma ħżiena ħafna, għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

Wisq probabbli li l-frott jaqa' mis-siġra kmieni u għalhekk il-frott ma jkunx tajjeb għall-għasir.

L-aċidità taż-żebbuġ tiżdied u għalhekk iż-żejt li joħroġ minn dan iż-żebbuġ ma jkunx ta' kwalità tajba.

Ix-xaħam tal-larva tad-dudu tad-dubbiena jitħallat maż-żejt. Il-magna tal-għasir mhix kapaċi tagħraf bejn ix-xaħam tal-larva u ż-żejt; għalhekk wieħed għandu jżomm f'moħħu li għalkemm iż-żebbuġ ikun għall-għasir mhux kollox jgħaddi.

Hemm diversi metodi li wieħed jista' juża' biex iż-żebbuġ ma jiġix attakkat mid-dubbiena. Fosthom insettiċidi, nases u oħrajn. Inħalli f'idejkom liema metodu tagħżlu li tużaw. L-importanti li ż-żebbuġ ma jkunx attakkat.

## Ftit punti interessanti ta' informazzjoni

L-ammont ta' żejt li joħroġ miż-żebbuġ ivarja minn sena għall-oħra għal diversi raġunijiet, fosthom kemm is-siġar ikunu mgħobbija bil-frott. Inqas ma jkun fiha frott, aktar ikun fiha żejt għax is-siġar ikunu jifilħu jsajru l-frott sew.



*Iż-żebbuġ fis-siġra*

Jekk is-siġar jissaqqew eżatt qabel ma jinqata' l-frott, il-persentaġġ taż-żejt ikun inqas għax iż-żebbuġ ikun mimli bl-ilma.

Meta jinqata' ż-żebbuġ għall-għasir għandu jinżamm f'post frisk sakemm jingħasar. Tajjeb li wieħed jgħasru mill-aktar fis possibbli. Min ikollu ammont sostanzjali ta' żebbuġ

għandu jiftiehem mal-għassar qabel ma jinqata'.

Aħżen iż-żejt fir-reċipjenti tal-*istainless steel* apposta għaż-żejt. Tajjeb li wieħed jinvesti f'tank għaż-żejt li jinxtara darba. Ftakar li ż-żejt taż-żebbuġ jiswa ħafna u għandek tibża' għalih.

Meta ż-żebbuġ jinqata' kmieni l-kwalità taż-żejt tkun l-itjeb imma l-kwantità tkun inqas. Aktar ma jgħaddi ż-żmien il-kwantità ta' żejt tibda tiżdied imma l-kwalità tibda tonqos xi ftit.

L-aħjar li ż-żejt jiġi kkunsmat kmieni. Aktar ma jkun frisk aktar ikun tajjeb. Biż-żmien il-kwalità tibda tonqos.



*Iż-żebbuġ wara li nqata' mis-siġra*

Iż-żejt taż-żebbuġ għandu ħafna benefiċċji għas-saħħa, tista' tgħid għal kull parti tal-ġisem u speċjalment għal dawk li sfortunatament għandhom xi ftit tal-kolesterol imma fortunatament għandhom iż-żejt taż-żebbuġa. Huwa fatt xjentifiku li ż-żejt inaqqas il-kolesterol.

Jekk taqbad dieħel fid-dettal fuq dan is-suġġett ma tispiċċa qatt imma nispera li sibtu dawn il-ftit kliem ta' interess u ta' informazzjoni u b'hekk nipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa ta' kwalità itjeb.

Find us on Facebook

Ingħaqad magħna fuq facebook

https://www.facebook.com/bandamgarr.malta
https://www.facebook.com/pages/Soċjetà-Filarmonika-Marija-Mtellgħa-s-Sema-L-Imġarr-AD-2011/224433234354317

# Il-produzzjoni tal-għeneb mhux kummerċjali



**Kitba ta' Max Farrugia**
**Dip. LIS**

Sa minn eluf ta' snin ilu l-qamħa u l-għeneb, frott il-ħidma u xogħol il-bniedem, kienu parti mill-ikla u xarba prinċipali tal-bniedem, kemm jekk huwa fqir kif ukoll jekk huwa sinjur. Dan kien rikonoxxut minn kulħadd tant li nsibuh imniżżel f'ħafna dokumenti antiki, mhux pajjiżna biss imma ħafna postijiet fid-dinja.

Jekk nieħdu eżempju lokali nsibu dokumentat 'numru ta' visti pastorali antiki li jmorru lura anki għas-seklu sittax, li xi retturi li kienu jieħdu ħsieb xi knisja jew kappella kienu jkunu marbuta li fil-jum tal-festa tar-raħal jew l-irħajjel jagħtu lil numru ta' foqra kemm ħobż kif ukoll inbid b'xejn. Prova ċara li dawn kienu parti mill-ikla prinċipali anki tal-fqar. Dawn iż-żewġ prodotti tal-ikel ma jsirux waħedhom, mill-qamħa jew mill-għenba, imma bil-ħidma tal-ħaddiem. Illum se naraw kif kien isir l-inbid fid-djar tal-bdiewa qabel ma nħolqot l-industrija tal-inbid fuq skala kummerċjali. Għalkemm il-produzzjoni tal-inbid fid-djar ma għadhiex dik li kienet sa ftit tas-snin ilu, għad hawn numru ta' individwi li għadhom jużaw metodi ftit li xejn antiki biex jipproduċu nbid għalihom u għall-familja.



*Dwieli li jipproduċu l-għeneb għall-inbid*

Il-produzzjoni tal-inbid ma tibdiex malli jibda l-għasir imma minn żmien qabel. F'Malta l-għeneb għall-inbid jilħaq bejn nofs Awwissu u l-aħħar ta' Settembru skont it-tip ta għenba u anki t-temp li jkun għamel. Il-familja tal-bidwi kif tgħaddi Santa Marija kienet tkun imħabbta tipprepara għall-produzzjoni tal-għeneb. Jibda l-qtugħ tiegħu f'dawn il-ġranet. Hawnhekk kienet, nistgħu ngħidu, tipparteċipa l-familja kollha fl-antik inkluż it-tfal. Min iġorr il-mezez vojta, oħrajn



*Għenieqed tal-għeneb qabel jiġu maqtugħa*

iqassmu l-mezez fl-għelieqi, ikun hemm dawk li jaqtgħu l-friegħi tal-għeneb u jimlew il-mezez sabiex dawn ikunu jistgħu jinġarru fuq xi karettun miġbud mill-bagħal jew ħmar lejn il-post fejn ikun se jsir it-tagħsir, li ħafna kienu jsibuh bħala l-kantina. Tajjeb ngħidu li mhux kull bidwi kien jagħsar il-prodott huwa u allura kien ikun hemm nies apposta magħrufa bħala l-għassara li jkollhom l-għodda neċessarja għal dan ix-xogħol. Aktar 'il quddiem dan ix-xogħol tat-trasport beda jsir fil-kaxxi u jitwassal permess ta' xi van. Għand l-għassar kien ikun hemm il-piżatur li wara li jiżen kemm



*Tpinġija antika ta' kif kien isir l-għasir fl-antik*

daħal għeneb kien jikteb l-isem tal-bidwi, il-laqam tiegħu u l-kwantità li ġab. Dawk li kienu jagħmlu l-inbid huma din il-biċċa xogħol ma kienx hemm għalfejn issir. Għand l-għassar l-għeneb ukoll kien jasal skont it-tip peress li dan kien jitħallat kollu. Fil-preżenza tal-bidwi l-prodott kien jintefa' ġo magna magħrufa bħala magħsar. Dan kien isir sabiex tiġi spezzjonata l-kwalità tal-għenba u jitneħħa minnu dak li ma jkunx tajjeb għall-produzzjoni. Il-magħsar kien bħal reċipjent kbir li fin-naħa ta' isfel tiegħu kien ikollu bħal fus tal-ħadid, forma ta' kamin, li permezz tal-imradd kien jagħsar l-għeneb fejn il-qoxra kienet tinfired mis-sugu tal-għenba. Fid-djar il-proċess kien differenti. L-għeneb kien jintefa' ġo xi bettija u xi żewġ żgħażagħ kienu jagħsru l-għeneb billi jgħaffġuh b'saqajhom. Il-bettija kienet titpoġġa fuq xi knaten, li taħthom kien ikun hemm kontenitur li jilqa' fih is-sugu tal-għenba li kien joħroġ minn ġo tobqa fil-qiegħ tal-bettija. Din is-sistema fid-djar ukoll inqatgħet u l-għeneb beda jintagħsar permezz ta' biċċa għodda li kienet tkun ukoll bl-imradd. Wara l-ewwel tagħsira l-qoxra, iz-zokk tal-għanqud, u ż-żerriegħa kienu jittellgħu mill-



*Krietel tal-injam li kienu jintużaw għall-fermentazzjoni tal-inbid*



*Fliexken li fihom qed jiffermenta l-inbid abjad u aħmar*

kontenitur u jitpoġġew ġo makkinarju iżgħar li kien bħal speċi ta' pressa biex żgur is-sugu jintuża kollu.

Wara dan il-proċess is-sugu tal-għeneb kien jitpoġġa ġo ġwiebi jew fil-każ ta' tad-djar ġo xi bettija apposta sabiex ikun beda l-ewwel proċess tal-fermentazzjoni. F'dan il-proċess tal-fermentazzjoni s-sugu tal-għeneb jibda ftit u xejn ibaqbaq għax il-ħmira naturali li jkun fiha l-għeneb tkisser iz-zokkor li jkun fiha l-għenba u dan jinbidel fi spirtu alkaħoliku. Waqt dan il-proċess tal-fermentazzjoni wieħed jinnota bħal bżieżaq u anki jkun hemm ċerta sħana li s-sugu jarmi. Dan il-proċess jieħu bejn wieħed u ieħor erba' ġimgħat li matulhom il-prodott ma kienx jintmiss imma jiġi osservat biss. Meta l-inbid jibda jiċċara, għax il-ħama li tħalli l-istess sustanza tinżel fil-qiegħ, min ikun qed jagħsar jibda jqalleb u anki jsaffi l-inbid. Dan isir permess ta' pompa tal-idejn sabiex kemm jista' jkun l-inbid ma jiddardarx. Illum isir b'mod differenti permezz ta' pompi jaħdmu bid-dawl. Minn hawnhekk jintefa' fil-krietel tal-injam jew inkella ġo xi tramunġana tal-ħġieġ. Dan il-proċess, li jissejjaħ l-aħħar tifsija, aktar ma beda jgħaddi iż-żmien aktar beda jsir b'mod aħjar permezz ta' stringitur.


*Il-pressa li tintuża minflok l-għasir bis-saqajn*

L-aktar ħaġa importanti f'dan il-proċess hija li fl-inbid ma titħalliex tidħol arja fil-kontenitur li jkun u għalhekk ikun issiġillat tajjeb ħafna. Jekk tidħol l-arja l-inbid jista' jiqras. Il-bettija, jew it-tramunġana tkun issiġillata permezz ta' xama' mdewba fuq l-għatu. Mit-tapp minn fejn kien jintefa l-inbid kien jiddaħħal pajp sabiex minnu joħroġ il-*carbon dioxide* li jifforma. It-tarf tal-pajp jitpoġġa ġo flixkun bl-ilma. Illum il-ġurnata dawk li jagħmlu l-inbid id-dar jixtru bħal sifun apposta li jitpoġġa flok it-tapp tat-tramunġana jew tal-bettija. L-inbid normalment jitħalla fit-tramunġana sa ftit ġranet biss qabel San Martin meta kienet it-tradizzjoni li jitneħħa l-inbid il-ġdid f'Novembru u jintuża propju f'din il-festa, li ħafna bdiewa kienu jiċċelebrawha bil-kbir. Kien ikun importanti ħafna li jekk tinfetaħ tramunġana din kienet tiġi bbottiljata kollha fil-fliexken sabiex żgur ma jsirx ħsara lill-inbid.

Insibu dokumentat li 'Malta, fl-antik mod speċjali, kien hawn ħafna speċi ta' dwieli differenti. Dawn ma kinux kollha tajbin għat-tagħsir imma xi wħud minnhom kienu jintużaw bħal għeneb għal mejda bħala deżerta'.

Skont il-Professur John Borg, li għamel studju dwar id-dwieli li kien hawn dak iż-żmien, jingħad li fl-1922 kien hawn xejn inqas minn mija u sitta u għoxrin varjetà ta' għeneb. Minn dawn tlieta u sittin varjetà kienu jintużaw għat-tagħsir. Illum il-ġurnata dawk li jagħmlu l-inbid huma fid-djar ma jużawx aktar minn żewġ jew tliet varjetajiet ta' għeneb li l-biċċa l-kbira jinxtara mil-lokal, għalkemm hawn min iġib anki għeneb minn barra.

# Joseph Abela Scolaro (1910 – 1979)

**Kitba ta' Joseph Caruana**



*Mro Joseph Abela Scolaro*

Joseph Abela Scolaro, iben il-koppja Carmelo u Margerita mwielda Camilleri, twieled fil-Ħamrun fid-9 ta' Frar 1910. Huwa kien l-iżgħar wild fost erba' aħwa. Din kienet familja mużikali. Dan għaliex il-missier, Carmelo, kien kurunettist prim fit-Teatru Rjal, surmast ma' diversi baned kif ukoll fundatur tal-Banda tal-Istitut ta' San Gużepp. Iz-ziju tiegħu Salvatore kien surmast tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, filwaqt li ħuh il-kbir Luigi kien idoqq il-flawt prim fit-Teatru Rjal ukoll.

Joseph l-ewwel beda jitgħallem il-mużika taħt id-direzzjoni ta' missieru Carmelo. Però b'xorti ħażina, missieru miet meta hu kellu biss disa' snin. Wara hu kompla jistudja fuq il-pjanu għand is-Surmast Luigi Vella u għand il-pjanista Angelo Abdilla.

Iktar tard Joseph beda jitgħallem fl-armonija mużikali għand is-Surmast Carlo Diacono u kompla fil-kontrapunt, storja, strumentazzjoni u forma għand is-Surmast Carmelo Pace. L-istudju taħt dawn iż-żewġ ġganti tal-mużika Maltija wassal biex Joseph kiseb diploma mil-London College of Music fl-1937, il-grad L.Mus.L.C.M. fl-1945 u l-F.L.C.M. fl-1950.

L-ewwel banda li dderieġa Joseph kienet il-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp fl-1934. Fl-1943 hu nħatar Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Hu żamm din il-kariga sal-1972. Bejn is-snin 1945 u 1979 Joseph Abela Scolaro kien Surmast Direttur tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa. Għal xi żmien hu kien jidderieġi l-baned Maria Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u Leone tar-Rabat Għawdex.



*Mro Joseph Abela Scolaro jidderieġi waħda mill-baned tiegħu*

Joseph kien pjanista tajjeb ħafna. Il-baned li dderieġa hu kollha mxew'l quddiem. Hu kien imexxi wkoll il-Malta Operatic Choral Society, li wara sar Chorus Melitensis, u għal dan il-kor kiteb il-Kantata lil San Pawl.

Fil-fatt is-Surmast Abela Scolaro kien l-ewwel direttur ta' dan il-kor u fl-1959 marru Wales fejn ħadu sehem fil-Festival ta' Eisteddfod. Hemmhekk kienu esegwew l-innu "Wasal il-Feddej" b'kompożizzjoni tal-istess Abela Scolaro u lirika ta' Dun Frans Camilleri. Il-ġurija esperta internazzjonali kellha tifħir kbir għal din il-biċċa xogħol sagra u klassika.

Din ma kinetx l-unika kitba ta' Abela Scolaro. Minbarra ma' Dun Frans kiteb ukoll ma' Dun Karm Psaila, Dun Oraz Vella u Patri Anastasju Cuschieri fost oħrajn. Huwa kkompona diversi

innijiet ta' parroċċi mxerrdin ma' Malta u Għawdex. Kiteb il-Vexilla Regis kif ukoll oratorji klassiċi bħalma huma "Lil San Gejtanu", "Lil Sant' Andrija", "Lill-Madonna taċ-Ċintura" u "Lill-Madonna tal-Grazzja". Fl-1965 hu kkompona "l-Innu l-Kbir lil Santa Marija tal-Imġarr" li għandu versi tal-eks kappillan tal-istess parroċċa Dun Oraz Vella. Innu li għadu sal-lum jilqa' l-ħruġ tal-vara titulari f'nhar il-festa tal-Imġarr.

Hu kiteb diversi xogħlijiet ma' Dun Frans. Fosthom insibu "L-Innu għaċ-Ċentinarju ta' San Pawl" meta kienet saret kompetizzjoni nazzjonali apposta għall-okkażjoni. Ix-xogħol ta' Abela Scolaro u Camilleri kien rebaħ dan il-konkors. Dawn iż-żewġ esponenti kienu kitbu flimkien ukoll xogħlijiet klassiċi bħal "My Heart Remembers", "O Madre Pietosa" u "Invito all'Amore". Huma kitbu wkoll flimkien "Immorru l-Imnarja", "Żgħażagħ fix-Xtajta" u "Volli Sempre Volli".

Is-Surmast Abela Scolaro kiteb ukoll xi *overtures*. Fost dawn insibu "Racconto Sinfonico", "Alcestis", "Slavonia" u "Reverie Tone Poem". Hu kkompona wkoll żewġ operetti; "Cure for Colds" u "Midas". L-operetta "Midas" kienet rebħitu t-tieni premju f'kompetizzjoni mnedija mill-kumpanija Rediffusion. Mingħajr ebda dubju, is-surmast Joseph Abela Scolaro ħalla arkivji sħaħ ta' marċi brijużi u funebri. Huwa kiteb ukoll sitt quddisiet u responsorji kif ukoll xi Improprei għall-Ġimgħa Mqaddsa.

Fis-sena 1960, is-Surmast Joseph Abela Scolaro nħatar mill-Gvern bħala organizzatur tal-mużika għall-iskejjel statali. Huwa kien imfittex ħafna biex jgħallem il-mużika. Hu ħarreġ ħafna surmastrijiet fosthom Patri Albert Borg, Maestro di Cappella tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Joseph M. Barbara, F.S. Sammut, Patri Daniel Sammut u ħafna oħrajn. Kienu ħafna wkoll il-bandisti li ħarġu jdoqqu mal-baned tagħna wara li tħarrġu taħtu. Joseph kien ħeġġeġ lill-Kumitat tal-banda San Gejtanu tal-Ħamrun biex jikru *box* fir-Radio City fejn kienu jittellgħu l-opri, biex jibdew jibagħtu l-allievi tagħhom hemm isegwu l-opri ħalli aktar jikbru fl-imħabba mużikali.

Fost il-bosta kantanti liriċi famużi li kantaw taħtu nsibu lis-sopran Hilda Mallia Tabone kif ukoll in-neputija tagħha s-sopran ta' fama internazzjonali Miriam Gauci. Huma kienu kantaw fl-Innu ta' San Gejtanu taħt id-direzzjoni ta' Abela Scolaro.

Joseph Abela Scolaro kien miżżewweġ lil Margaret imwielda Cilia mill-Belt u kellhom żewġt itfal; Lino u Anna. Ħadd minn dawn ma kompla fil-karriera mużikali għalkemm Anna kienet waslet sa grad 7 fil-pjanu. Il-familja Abela Scolaro kienet toqgħod il-Ħamrun, iżda wara xi żmien imxew lejn l-Belt u fl-aħħar spiċċaw Santa Venera. Martu Margaret kienet tmur miegħu kull fejn kien idoqq u dejjem tatu s-sapport tagħha. Minbarra n-namra lejn l-mużika klassika Joseph kellu diversi passatempi. Għal xi żmien hu kien iġamma' l-bolli. L-isport ma tantx kien jinteressah. Joseph kien persuna b' karattru ċajtier, kalm u soċjevoli ħafna.

Meta kien surmast tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa darba ġratlu biċċa! Hu kien imur jgħallem u lura lejn il-Ħamrun kien jgħaddi għalih ċertu Salvu Vella li kellu garaxx fi Triq Irjali l-Ħamrun. Darba minnhom dan Salvu nesa jitla' Ħal Luqa għalih. Joseph wara li lesta l-kunċert u kellu diskursata twila mal-kumitat dwar il-festa li kienet fil-qrib, induna li ma kellux biex imur lura lejn id-dar u kienu saru l-ħdax ta' billejl.

Xi nies mill-każin marru l-għassa ta' Ħal Luqa biex iċemplu lil dan Salvu, iżda kien kollu għalxejn għax Salvu kien għalaq u raqad. Minn fost dawk li kien hemm fil-każin ta' Ħal Luqa ħadd ma kellu karozza barra, u ma kinux jafu x'se jagħmlu. Wieħed minnhom seta' jsolvi l-problema billi jwasslu bil-ħmar u l-karettun! Aħjar minn mixja twila fid-dlam tal-lejl! Għalhekk dan wassal lis-surmast bil-ħmar sas-Salib tal-Marsa u l-bqija tat-triq kellu jimxiha.

Is-Surmast Joseph Abela Scolaro ħalla din id-dinja fl-eta ta' 69 nhar is-27 ta' April 1979. Minbarra l-ħafna xogħlijiet li ħalla fl-arkivji ta' soċjetajiet mużikali, hemm ukoll ħafna manuskritti tiegħu miżmuma fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.

Ħajr lill-familja Abela Scolaro

# Teżori fil-Mużewijiet Maltin



Kitba ta' John Sare

## Id-Domus Romana

**Is-sejba**

Fl-1881, il-Gvern Ingliż ried li t-triq li tagħti għall-Imtarfa tiġi msebbħa bis-siġar. Mat-triq kellha wkoll tisbieħ il-pjazza tas-Saqqajja. Waqt li kienu qed jitħaffru l-konki tas-siġar, tfaċċat kwantità kbira ta' biċċiet tal-mużajk u għadam uman.

B'xorti tajba, dak iż-żmien kien hemm Kuratur tal-Kollezzjoni Antikwarja Dr Annetto Caruana li kien ukoll Direttur tal-Edukazzjoni. Dan il-mużajk u l-għadam spiċċaw għand Caruana li mill-ewwel intebaħ li taħt it-triq kien hemm xi ħaġa ta' importanza. Għalhekk beda l-iskavar ta' dawn l-inħawi u sa mill-bidu nett instab li din in-naħa setgħet kienet ċimiterju. B'ordni fil-Kunsill tal-Gvern, is-sit ġie ddikjarat "sit arkeologu ta' importanza". Il-komunikat kien iffirmat mill-Gvernatur Sir Arthur Borton li fl-1881 kien ħa post dak ta' qablu, il-Gvernatur imwieled fil-Forti Ricasoli fis-17 ta' Frar 1812, Sir Charles von Straubenzee.



*Temi Zammit ta din il-faċċata lid-Domus*

Fl-1889, il-Gvern beda jaħdem fuq triq li kellha twassal sal-istazzjon tal-ferrovija li kien hemm taħt l-Imdina. Tkissret parti kbira mid-dar u tfarrku oqbra Saraċeni. Il-Gvernatur kien Sir Henry Torrens. Minħabba l-fatt li qabel ma kinux jinżammu rekords ta' bini u strutturi, ma nafux eżatt xi tlifna. Wara Caruana reġa' beda jiskava Temi Zammit fl-1920 u fl-1925. Instabu lapidi u biċċiet ta' fuħħar.

X'sab Caruana? Sab li taħt ħotba kbira kien hemm fdalijiet ta' dar Rumana u fuq dawn il-fdalijiet kien hemm ċimiterju Saraċen. Tridu timmaġinaw ħotba fuq dawn il-fdalijiet li kellha ġo fiha 254 qabar Musulman. Għaliex daqshekk oqbra ?



*Fdalijiet tad-Domus Romana*

L-Għarab ġew Malta fis-sena 869 WK. Mal-wasla tagħhom spiċċat l-era Biżantina. Imma l-Għarab abbandunaw lil Malta għal 175 sena. Insibu li reġgħu ġew fl-1048. Minn din is-sena bdiet il-ħakma Għarbija fuq Malta.

Nafu li l-Biżantini ċekknu l-belt ta' Melite u ċekknu wkoll l-Imdina.

Strutturi u binji Biżantini sfaw maqluba fi strutturi Għarbin. Waqqfu fl-Imdina ċentru ta' kummerċ mill-aktar organizzat. Avolja l-Imdina kienet imbiegħda mill-kosta u mill-portijiet, din xorta waħda baqgħet iċ-ċentru kummerċjali ta' Malta. Qatt ma sar studju serju biex naraw jekk flok il-Katidral li hemm illum, kienx hemm moskea. Ma jistax ikun li Malta Musulmana ma kellhiex xi Moskea, almenu fil-Belt.

Niġu lura għaċ-ċimiterju tas-Saraċeni. L-oqbra kienu orjentati mil-Lvant għall-Punent u xi wħud mill-Grigal għal-Lbiċ. Id-differenzi fl-orjentament jiddependu mit-topografija, mix-xeħta tal-ħotba. Jista' jkun li kien hemm aktar minn setta waħda ta' Musulmani.

Ir-rit kien id-difna. L-oqbra kienu ta' diversi daqsijiet u dejjem ta' ġisem wieħed. Il-mejjet kien jindifen fuq ġenbu tal-lemin, bir-ras tħares lejn il-punent bil-wiċċ imdawwar lejn Nofsinhar. Is-saqajn mitfugħa lejn il-Lvant fid-direzzjoni ta' Mekka u Qibla. Instabu wkoll iġsma fil-pożizzjoni wiċċhom 'il fuq mimduda fuq daharhom. Oħrajn kienu fuq daharhom imma wiċċhom iħares lejn saqajhom. Dan juri li l-ġisem indifen wara li kien dekompost għalkollox.

Il-maġġoranza tal-mejtin kienu rġiel, imma kien hemm ukoll nisa u tfal. Instabu sitt tipi ta' oqbra: qabar ħofra; oqbra fil-forma ta' kaxxa u oqbra li kienu mibnija mill-ġebel tal-franka. Xi oqbra kienu mgħottija b'ġebla fil-forma ta' piramida. Maż-żmien jidher li ċ-ċimiterju sar żgħir għax insibu li qabar beda jmiss ma' ieħor; żewġ oqbra kellhom ħajt diviżorju komuni u xi oqbra ġew żvujtati mill-iġsma biex indifnu oħrajn. F'xi oqbra nstabu kaxxetti żgħar li fihom kien hemm xi kwotazzjonijiet mill-Koran.



*Kopja ta' qabar Musulman*

Mill-fuħħar li nstab jidher li anki l-Musulmani kienu jpoġġu xi affarijiet fil-qabar bħal platti bl-ikel u bwieqi bl-ilma. Instab ċurkett tal-fidda bil-kliem Kufiku.

Instabu msiemer li magħhom kien għad hemm il-fibra tal-injam. Tista' tkun evidenza li kien hemm it-twiebet.

## Dawra mal-Mużew fid-Dar Rumana

Fid-daħla tagħna fil-Mużew naraw toqol il-magħżel u lampi. Dawn huma artifatti li nstabu f'siti madwar Malta.

Hemm esebit ċurkett tal-fidda. Hu każ rari li ġisem Musulman jindifen bit-tiżjin. Dan sabu Temi Zammit. Kien imlibbes fit-tieni sebgħa ta' idu l-leminija. Il-qabar kien wieħed mill-aktar organizzat u mibni fis-sod. Il-kitba hija bil-Kufic u tfisser- Rabbi Allah Wahid - Alla biss hu Sid.

Maċ-ċurkett hemm żennuna. Din hi żennuna ta' xi reċipjent li hi tawwalija u tixbah wiċċ tawwali ta' mostru. Instabet taħt il-wiċċ tal-ħamrija. Għalhekk mhux bilfors hi parti miċ-ċimiterju. Setgħet sabet postha maż-żmien.

Ta' interess huma lapidi ta' oqbra Musulmani. Dawn kixifhom Temi Zammit. Il-kitba mnaqqxa hija bil-Kufic. Il-ġebla hija tal-franka barra waħda li kienet tal-irħam. Il-kitba hi meħuda minn passaġġi mill-Koran Wara s-seklu 12 W.K., dawn il-lapidi u skrizzjonijiet servew biss bħala ornament tal-qabar. Xi lapidi minflok ma' kellhom kitba mill-Koran kellhom l-isem tal-mejjet u d-data ta' meta miet. Ma' dawn il-lapidi hemm qabar, mibni minn Heritage Malta, biex ikollna idea ta' kif kien qabar Musulman taħt il-ħotba. Ta' interess speċjali hi l-pożizzjoni tal-iskeletru fil-qabar.



*Lapidi fuq l-oqbra*

Kif tħalli din n-naħa, issib ma' wiċċek statwa tal-irħam, il-ġmiel tagħha. Tidher li hi statwa femminili. L-iskultura fl-irħam hi maħduma bl-akbar eżattezza u tagħtina dehra tal-ilbies Ruman. Tista' tkun ta' Astarte li skont Ġan Franġisk Abela kienet fid-daħla tal-Imdina.

Vetrina oħra tagħtina flus Maltin ta' żmien Melite. Fost il-flus hemm waħda ta' Astarte – Tannit. Fuq wara tal-munita hemm tliet figuri li huma Osiris, Isis u Nephthys. Munita oħra turi ras ta' mara liebsa l-elmu. Taħt ir-ras issib qamar.

Hemm ċekċieka maħduma mill-għadam tal-annimali. Kienet instabet ġewwa għar. Ir-Rumani kienu jużaw dan l-għar bħala *rubbish dump*.



*Maskri teatrali Griegi u Rumani*

Vetrina oħra turina rjus maħduma fl-irħam Jagħtuna ritratt ta' kif kienu jieħdu ħsieb xagħarhom dawn in-nisa Rumani.

Faċċata ta' din il-vetrina hemm oħra li turi maskri Griegi u Rumani li kienu popolari ħafna fuq il-palk. Dawn huma maskri tat-terrakotta. Intużaw għal fuq il-palk. Kienu jilbsuhom il-kummidjanti Griegi u Rumani. Dawn huma Egemone u Ermonio. Instabu fi Pjazza San Pawl, l-Imdina. Kienu fil-kollezzjoni tal-Baruni Depiro. Fl-1975, it-tifla tiegħu, miżżewġa Cassar Torreggiani, tathom rigal lill-Mużew. Biċċiet minn maskri bħal dawn instabu wkoll fid-Domus.

Fil-Mużew tara wkoll važetti ta' fwejjaħ kif ukoll ta'dlik ieħor, żjut u ingwent**.** L-indafa tal-ġisem kienet prijorità għar-Rumani. Kuljum wara banju kienu jindilku biż-żjut u fwejjaħ. Kien lussu u mhux kulħadd kien juża dawn iż-żjut. Il-fwieħa u ż-żjut kienu fi fliexken tal-ħġieġ u l-balzmu ġo važetti magħmula mill-għadam. It-taħlita tal-balzmu kienet issir permezz ta' stikek tal-ħġieġ. Ir-Rumani kienu jpoġġu mal-mejjet dawn il-fliexken u važetti.

Hemm forom taċ-ċeramika li kienu jintużaw biex jinħall xi metall bħal deheb u fidda. Instabu ħafna biċċiet minn dawn il-forom fid-dar. Jidher li fihom kien jinħall xi metall biex tinħadem xi ħaġa partikulari. Is-swidija turi nar qawwi ħafna



*Tazza fil-forma ta' qrun*

Vetrina li hi mżewqa b'ħafna artifatti ta' interess, mhux ta' min jitlifha. Illum rari ħafna tara barmil u satal. Dawn minn dejjem kienu tar-ramm jew bronż. Dawn ma humiex mill-isbaħ li kienu jinħadmu mir-Rumani. Ħafna minn dawn kellhom disinji sbieħ ħafna. Dawn instabu wieħed ġol-ieħor.

Il-buqar tal-ilma hu ta' żmien qabel ir-Rumani f'Malta. Hu tar-ramm. Dan il-mudell hu kkuppjat minn xogħol Grieg antik ħafna. Fi żmien il-perijodu Ruman kien hemm domanda kbira għalihom.

Għadha tidher ir-ras ta' ljun.

Insibu tazza tal-ħġieġ fina għall-aħħar. Din it-tazza hi fil-forma ta' qrun. Turi bebbuxu. Barra minn dawk tal-ħġieġ kien hemm oħrajn tal-metall. Il-parti rqiqa tat-tazza hi mtaqqba u l-inbid jinxtorob minn dik il-parti.

Hemm anfora tal-ħġieġ li nstabet fil-kastell ta' Sant' Anġlu. Din hi anfora tat-tip Mediterranja. L-aktar li kienet popolari kien f'Pompei. Fiha kien jintrefa' l-inbid.

Tazza sabiħa ħafna hi dik magħrufa bħala *single-footed cup* Il-parti ta' fuq tat-tazza hi skanalata – *fluted* – kellha żewġ widnejn. Il-ħġieġ ittappan biż-żmien.

Min għandu ċerta età, jiftakar il-pagna u l-platt. Ir-Rumani kienu jħobbu ħafna jistiednu u jiġu mistiedna. L-ikel kien jiġi msajjar f'reċipjenti raffi. Imma kien jiġi servut fi platti u tazzi tal-ifjen kwalità.

Instabu tnejn u għoxrin bieqja u fil-Mużew insibu waħda minnhom. Din hi waħda mit-tnejn u għoxrin li nstabu. Taħt hu ddisinjat bil-bassoriljiev. Imżejna bil-weraq tal-ħannewija li hi użata ħafna fil-kolonni Korintin. Hemm ukoll rożetta. Xogħol bħal dan kien jinsab fil-Lvant tal-Greċja. Minn hemm infirex għall-artijiet li kienu taħt ir-Rumani,



Claudia Antonia

Reċipjent tat-tafal hu muri ġewwa vetrina oħra. Minn dawn ir-reċipjenti jinxtorob l-inbid. Iż-żgħir kien minn xi daqqiet jingħata lit-trabi bil-ħalib jew misħun. Il-materjal hu terra siġillata. Din hi tip ta' fajjenza minn post jismu Samos. Hu tafal astrinġenti. L-ieħor hu speċi ta' flixkun li minnu kienu jixorbu billi jkun dirett max-xufftejn. Instabu waqt skavar bla permess.

Naraw anfora tal-fuħħar. Fiha kien jinżamm l-ilma. Ħafna drabi dawn l-anfori għandhom is-siġill madwar l-għonq ta' min ħadimhom. Instabet fid-Dar.

B'kollox id-Dar Rumana għandha ħames statwi kbar tal-irħam. Statwi fihom xogħol mirqum għall-aħħar. Fosthom insibu dik ta' Claudia Antonia, bust tal-irħam. Instabet fid-Dar. Kien hemm ukoll tliet statwi tal-membri tal-familja imperjali. Dawn l-istatwi kienu f'postijiet prominenti fid-Dar. Kienu jservu ta' propaganda għall-Imperatur.



L-Imperatur Claudius

Meta ninżlu isfel, niltaqgħu ma' tliet statwi oħra. Dik li naħsbu li hi toga ta' tifel ta' Imperatur. Instabet fid-Dar. Hi toga imperjali. Aktarx qed turi lit-tifel addottiv ta' Claudius. Kien jismu Neruni li wara l-mewt ta' Claudius laħaq hu Imperatur fis-sena 54 W.K. Hemm ukoll dik ta' Claudius. Ir-ras hi tal-Imperatur Claudius, waħda mis-sitta li nstabu fid-Dar. Hi tal-irħam. Hi waħda mill-isbaħ u l-aktar waħda li tqum flus. Kien Imperatur bejn 41 u l-54 sena W.K. Ladarba dawn l-istawi tal-familja ta' Claudius, instabu f'din id-Dar, nifhmu li jew kien xi sinjur ħafna jew rappreżentant tal-Imperatur f'Malta.

L-Emblema tal-Ħamiem: Id-Dar għandha mużajk mill-isbaħ u l-aktar famuż. Hu dekorattiv u l-aktar popolari fl-antika Ruma. Dan il-motif hu magħruf bl-isem "Drinking Doves of Sosos". Is-sinjuri

u n-nobbli ta' Ruma kollha kellhom dan il-motif li hu maħdum fl-irħam. L-artist kien minn Pergamon u nsibuh lejn l-aħħar tas-seklu 2 Q.K.

Mużajk ieħor juri maskra f'girlanda ta' fjuri. Din kienet użata bħala friża taħt is-saqaf, kif ukoll bħala bordura ta' xi disinn fl-art. X'aktarx li l-bordura kellha tmiem maskri. Dan hu xogħol fl-irħam. Juru persunaġġi meħudin minn kummiedja Griega. Instabet fid-Dar.

F'parti oħra tad-Dar, dejjem isfel, insibu art b'żewġ disinji ta' mużajk. F'dan il-mużajk, fl-irħam taħdem ħafna l-illużjoni. Madwar is-seklu 1 W.K., dan il-mużajk kien ġie restawrat. Ix-xogħol mhux professjonali. Dan il-mużajk hu oriġinali tad-Dar.

Fejn hemm il-"Lyre motif", l-art hi ta' rħam mikro. Fiha żewġ disinji. Wieħed insibuh b'"Lyre motif" u l-ieħor motif trijangulari. Jidher wiċċ ta' xiħ. Tista' tkun maskra ta' xiħ. Minn erba' wċuħ, wieħed biss wasal għandna. Instab fid-dar.

Hemm diversi lampi tat-terrakotta. Waħda hi interessanti ħafna għax għandha il-wiċċ ta' Zeus. F'idejh għandu qatta sajjetti. Dawn il-lampi kienu użati fid-djar kif ukoll midfuna mal-mejjet. Hemm ukoll eżempji ta' mużajk li kien fid-Dar. Arti fil-mużajk li hi murija fid-Dar hi dik li hi meqjusa bħala Satira. Fil-palazzi Imperjali Rumani, ħafna drabi kienu jkunu t-tfajliet li jittantaw lill-ġuvintur. Hemm satira li turi kastig fuq ġuvnott.



*Lampa ta' Zeus ta' żewġ ftejjel*

Insibu wkoll f'din id-Dar kolonni skanalati, *drain pipes* tal-fuħħar, u anfori tal-ilma ta' fuq il-vapuri. Hemm ukoll partijiet minn ħitan tad-Dar li huma mpittra b'disinji ta' dak iż-żmien.

Nispera li wara dawra bħal din mad-Dar Rumana fir-Rabat, qanqaltilkom il-kurżità u tmorru żżuru dan il-Mużew daqshekk important fl-istorja sinjura ta' Malta. Hu żmien ir-Rumani f'Malta.

## Il-Mużew Marittimu

### Il-Bini

Il-wirt ta' ġensna jeħodna lura mal-400 sena meta Ġan Franġisk Abela ġabar f'daru oġġetti ta' valur storiku. L-inizjattiva egoista tiegħu serviet biex matul iż-żmien jibdew jinbtu mużewijiet ta' ġeneru differenti. Il-kollezzjoni ta' Abela kienet l-ewwel Mużew Malti.

Għal ħafna snin kbar ma kellniex Mużew Marittimu u dan meta Malta kellha u għad għandha konnessjonijiet kbar u mill-qrib mal-baħar. Tinsab f'nofs il-Baħar Mediterran li madwaru nbnew ċiviltajiet. Barra minnhekk Malta kellha ħidma qawwija ħafna fil-kummerċ bil-baħar. It-tarzna tal-Ordni kienet magħrufa mal-Ewropa kollha kemm għall-bini ta' bastimenti kif ukoll fit-tiswija tagħhom. Kienet sitwazzjoni inspjegabbli li għal dawk is-snin kollha, Malta ma kellhiex Mużew Marittimu.

Il-bini maestuż li llum jilqa' fih dan il-Mużew, hu magħruf l-aktar bħala l-Fran tal-Flotta Ingliża, fejn kien jinħema l-ħobż u jsiru l-gallettini għan-nies abbord il-bastimenti. Iżda l-imkejjen fejn jinsab dan il-bini, għandu storja twila li tmur lura sew fl-istorja ta' Malta. Il-bini għandu rabta qawwija mal-istorja marittima ta' pajjiżna. Il-fran inbnew għall-ħabta tal-1840 fuq disinn tal-arkitett inġinier William Scamp. Dan kien ukoll l-inġinier li kellu parti kbira fil-bini tal-baċir nru 1. Ħafna huma dawk li fil-faċċata ta' dan il-bini hekk grandjuż, jaraw kopja fidila tal-Kastell ta' Windsor fl-Ingilterra. Bejn is-snin 1847 u 1848 inbnew tnax-il forn. Wara

li spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija sitta mill-ifran ġew żmantellati. Is-sitta l-oħra għadhom fil-post. Fi tliet snin il-bini massiv tal-*bakery* tlesta. Il-faċċata tal-bini hi taħlita ta' teknoloġija tradizzjonali u moderna. Il-fran damu jaħdmu aktar minn mitt sena. Fl-1950 fil-post twaqqfet il-pulizija tal-Ammirall – Admiralty Constabulary, mal-kwartieri tal-pulizija kien hemm uffiċċini li kellhom x'jaqsmu man-Navy Ingliża fil-Mediterran. Fl-1979 dan il-bini waqa' f'idejn il-Gvern Malti.



*Il-Mużew Marittimu*

## It-Torri tal-Arloġġ

Dak li jolqtok ħafna f'dan il-bini huwa t-torri tal-arloġġ. Dawn it-torrijiet kienu sinonimi mat-tarznari u mal-imħażen tal-ikel li kienu jfornu lill-armati madwar l-Ewropa. Dan l-arloġġ hu l-eqdem wieħed f'Malta f'bini li kellu x'jaqsan man-Navy Ingliża. Iġib it-timbru ta' Matthew Dalton ta' Londra bid-data 1810, jiġifieri 30 sena qabel ma nbena dan il-bini. Il-Birgu kien magħruf għall-aġenti ta' arloġġi li kienu jinġiebu minn barra. Timbru ieħor iġib l-isem Suban Malta. L-arloġġ kellu 4 faċċata, imma t-torri nbena bi 3 faċċati u r-raba faċċata hi tieqa biex l-arloġġ ikollu dawl naturali. L-arloġġ għandu 3 qniepen, waħda tas-sigħat u t-tnejn l-oħra tal-kwarti. Il-qanpiena tas-siegħa ġġib id-data 1790 u l-oħrajn 1810. Inħadmu mill-War Department ta' Londra u t-tliet qniepen huma l-eqdem qniepen Ingliżi f'Malta.

Il-Mużew Marittimu jinsab fid-daħla kennija magħrufa bħala Dockyard Creek. Fi żmien l-Ordni, id-daħla kienet tissejjaħ Porto delle Galere. In-nies tal-inħawi jsibuh bl-isem ta' Port ix-Xwieni. F'dawn l-inħawi sabu kenn ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann meta Karlu V għadda l-gżira lill-Kavallieri.

Il-Gran Mastru L'Isle Adam mar joqgħod f'Sant'Anġlu. Sab li fid-daħla kien hemm kummerċ kbir b'għadd ta' xogħol u snajja' marbuta mal-baħar. Hawnhekk l-Ordni bniet it-Tarzna tagħha kemm għat-tiswijiet kif ukoll għall-bini ta' xwieni u bastimenti. F'dan il-bini kien hemm skall – rampa - minn fejn jintelaq ix-xini għal ġol-baħar. Fl-1538 bdiet tinbena galera li ħadet 4 snin biex tlestiet. Fl-arsenale jew it-tarzna bikrija tal-Ordni nsibu wkoll imħażen għat-tagħmir u tiswijiet tax-xwieni. Magħhom kien hemm ħaddiema mħarrġa fis-sengħa marbuta mal-bini tagħhom.



*It-Torri tal-Arloġġ*

Għalkemm ħadd daqs il-kavallieri ma' taw sehemhom fit-tiswir tat-tkabbir ta' din l-industrija kbira tat-tiswija u bini tax-xwieni, tajjeb li wieħed jgħid li meta l-Ordni ġie Malta kien diġà sab Maltin li kienu jibnu opri tal-baħar u kienu magħrufa mad-dinja ta' dak iż-żmien. L-Ordni ma kellux triq oħra ħlief li jiżviluppa dawn l-inħawi għax ħaddiema mħarrġa kienu diġà fil-Birgu.

Ir-restawr sar mill-istudenti tal-Iskola tal-Bini Ġlormu Cassar taħt it-tmexxija tas-Sur Pawl Cassar.

Wara li tlesta x-xogħol, il-Mużew beda jilqa' numru kbir ta' oġġetti marbuta mal-baħar. F'dak li għandu x'jaqsam mal-pittura, dawn ġew mill-Mużew tal-Arti. Il-Gvern Malti xtara wkoll oġġetti li kellhom x'jaqsmu ma' Malta kemm mingħand il-Maltin kif ukoll mingħand individwi barranin. Ditti u ċittadini oħra Maltin taw sehemhom billi jew xtraw f'isimhom u tawhom lill-Mużew, jew dawk li kienu diġà għand il-privat, ingħataw lill-Mużew b'donazzjoni jew "on a permanent loan". Il-Mużew Marittimu hu attrazzjoni kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin. Taħt dawn is-soqfa hemm miġbur il-Wirt Marittimu Malti.

### Xi Esebiti fis-Swali

Int u ddur il-Mużew ma tistax ma tindunax bi kwadri li huma *ex voto*. Il-kwadru li hu magħruf bl-isem tal-Madonna ta' Lepanto kien jinsab fil-knisja ta' Sarrija fil-Furjana. Minħabba li għandu konnessjoni qawwija mal-baħar ġie trasferit għall-Mużew. Il-kwadru juri l-Battalja ta' Lepanto u lill-Madonna tħares lill-flotta, fosthom ix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann.



*Il-Madonna ta' Lepanto*

Hemm armamenti, kanuni, maskli u strumenti tal-baħar li s-soltu jkunu abbord. Ma' dawn naraw kotba navali, reċipjenti tal-ikel kif ukoll xi menus tal-ikliet tal-baħrin.

Ta' interess huma xi oġġetti li l-Viċi-Ammirall kien juża waqt is-seduti tal-Qorti preseduta minnu. Fosthom hemm mazza tal-fidda u s-siġill pubbliku.

Insibu mudelli ta' opri tal-baħar bħal xwieni, dgħajjes, firilli, luzzijiet, kajjikki, tal-pass, ta' Għawdex, vaxxelli, partijiet importanti ta' partijiet ta' galera. Magħhom hemm l-għodod konnessi max-xogħol tal-baħar.

Fis-sezzjoni tad-Dwana hemm miżien kbir li kien ħadem Mikiel Anġ Sapiano.

Hemm ukoll ankra Rumana li kienet fil-Mużew tal-Arkeoloġija.

Ir-restawr innifsu hu esebizzjoni kontinwa. Ix-xogħol li sar kixef fil-beraħ is-sabiħ kollu ta' dan il-bini maestuż.

Il-Mużew infetaħ uffiċjalment għall-pubbliku fl-24 ta' Lulju 1992. Fetħu Dr Ugo Mifsud Bonnici li dak iż-żmien kien Ministru tal-Edukazzjoni. Il-ħsieb li jinfetaħ Mużew Marittimu kienet ta' Ugo li kien waqqaf Kumitat Konsultattiv fl-1988. Waqt li kien għaddej ir-restawr, bdew jinġabru l-artifatti, bdew jiġu mogħtija donazzjonijiet u l-Gvern indaħal jixtri xi oġġetti ta' valur.

### Isfel

**1. Is-sala tat-tħin**

il-bini tal-fran navali kien iddisenjat mill-arkitett u inġinier Ingliż, William Scamp u kien taħt is-superviżjoni tiegħu waqt li qed jinbena. Mibni fuq is-sit tal-arsenal tal-galeri.

Qegħdin fis-sala tat-tħin, bi kwantità ta' roti tat-tħin jaħdmu permezz ta' ċineg tal-ġilda, mqabbdin ma' xaft. Dan ix-xaft kien imqabbad ma' żewġ magni tal-istim li kellhom saħħa ta' 25 żiemel kull waħda. Il-magni kienu jaħdmu bl-istim li kien ġenerat fil-kamra tal-*boiler*. Waqt

xogħol ta' rijabilitazzjoni f'din is-sala, instab il-kanal tax-xaft mimli bir-roti tat-tħin oriġinali. Partijiet mill-*clutch* li kien imqabbad mal-magni, instabu taħt troll li kien mibni apposta bejn il-ħitan tas-sala tat-tħin u s-sala tal-magni.



*Is-Sala tat-Tħin*

**2. Id-dredger "anadrian"**

Dan id-*dredger* ħadem f'ħafna portijiet ta' Malta wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ismu ġej mill-ismijiet tat-tfal tal-Ministru Dr Caruana Demajo, li fl-1952 kien Ministru tal-Kummerċ. It-tfal tiegħu kien jisimhom ANNA u ADRIAN. L-aħħar li ħadem kien fil-bini tal-Freeport f'Marsaxlokk. Meta kien ġie ċertifikat li ma jistax iħammel aktar, u billi kien mudell antik ħafna u allura *spare parts* ma kienx hawn, xtrah Cassar Repair Shipyard għall-iskrapp.

**3. Il-qniepen tat-torri**

Il-qniepen tat-torri ma kienx hemm garanzija li jekk jiġu restawrati dawn idoqqu bħal qabel u lanqas kien hemm garanzija li r-restawr itul għal xi żmien. Heritage Malta xtrat dawn il-qniepen mill-Ingilterra, mill-istess funderija tal-qniepen oriġinali li jġibu d-data tas-sena 1872. Dawn ser jitqiegħdu fil-post fi żmien qasir.

**4. L-ankri**

Hawnhekk naraw l-ankri li kollha ġew mtellgħa mill-baħar. L-akbar waħda kienet fil-Mużew tal-Arkeoloġija fl-ewwl sular. Kienet poġġuta fuq it-travi u ħadd ma' kien jidħol f'din il-kamra minħabba vibrations li setgħu jagħmlu ħsara lis-saqaf ta' taħtha. Din l-ankra tiżen ħames tunnellati.

L-ankra tar-rokna hi replika ta' ankra Rumana.



*L-Ankri*

**5. Mudelli**

- Bastiment Eġizzjan – 1500 Q.K.
- Ġifen Merkantili Ruman – 1 seklu W.K.
- Galera tal-Gwerra li għandha 150 moqdief – 5 seklu Q.K.



*Bastiment tal-Gwerra Grieg*

### Fuq

**F'din l-indana** nsibu nofs mudelli ta' bastimenti u vapuri tas-seklu 18. Dawn in-nofs mudelli kienu gwida

għall-bini tal-vapuri fit-tarznari.

Fuq il-lemin hemm in-nofs mudelli għall-vapuri ta' German Bros u ta' Tagliaferro and Sons.

Fuq ix-xellug hemm mudelli sħaħ tal-iskejjen tal-inbid. Hemm is-San Antonio, skuna Maltija u l-oħra jisimha l-Gregale, skuna Taljana.



## Fuq Ġewwa

### Il-Karrakka

Mal-wasla f'Malta, fl-1530, tal-Ordni ta' San Ġwann, kellu żewġ karrakki – s-Santa Maria u s-Sant'Anna, li kienu l-għira tal-qawwiet navali Ewropej u tal-Afrika ta' Fuq.

L-isem oriġinali tas-Santa Maria kien Mograbina – Reġina tal-Baħar. Mibnija mill-Musulmani lejn l-aħħar tas-seklu 15, kienet twerwer lil kulħadd. Din il-karrakka nqabdet mill-flotta tal-Ordni, wara li ġie sparat tir lejha li qatel lill-kmandant tagħha. Waslet Rodi fil-1507, ingħatat l-isem ta' Santa Maria u saret il-*flagship* tal-Ordni. Il-pruwa tagħha kienet ogħla mill-arblu tal-ikbar galeri u kien jinħtieġ sitt irġiel biex ilaħħqu maċ-ċirkonferenza tal-arblu tagħha. Barra l-ekwipaġġ li kellha, kien hemm elfejn suldat biex jiddefenduha u kienet armata b'mitt kanun.

Is-Santa Maria ħelsitha ħafif mill-Assedju ta' Rodi u ntużat għall-evakwazzjoni tat-teżori tal-Ordni. Fil-1523, il-karrakka, bil-Gran Mastru L'Isle Adam abbord, salpat minn Rodi biex tfittex dar għall-Ordni.

Is-Santa Maria nqerdet fil-5 ta' Ottubru 1531, meta tifel iswed kien qed jilgħab bi ftit trab iswed u kkważa splużjoni li qalgħet il-gverta minn postha. Il-kanuni ta' abbord bdew jisparaw bl-addoċċ 'l hemm u 'l hawn u qam paniku sħiħ. Biex tiġi evitata aktar ħsara, il-kavallieri sparaw fuq is-Santa Marija u għarrquha fil-Port tal-Galeri fejn għadha hemm sal-lum.



*Is-Sala tal-Mudelli*

Meta għerqet is-Santa Maria, l-Ordni xorta waħda kellu waħda mill-aqwa bastimenti li kienu jeżistu fid-dinja ta' dak iż-żmien. Din kienet is-Sant'Anna li kienet varata meta l-Ordni tilef lil Rodi. Iż-żewġ karrakki ġarrew lejn Malta l-membri kollha tal-Ordni flimkien ma' dak kollu li kellhom. Is-Santa Maria kellha fuqha kappella kbira, kwartieri komdi għall-kavallieri, galleriji mal-poppa li kollha kienu mżejnin b'ġonna żgħar mimlijin bis-siġar taċ-ċitru, u kellha forn li kien jaħmi ħobż frisk kuljum. Ħobż frisk kuljum ma kontx issibu fuq bastimenti oħra ta' dak iż-żmien. Meta l-qlugħ kien jinfirex, il-Forti Sant'Anġlu kien jinħeba warajh.

Is-Sant'Anna kienet armata b'aktar minn ħamsin kanun. Kienet kapaċi tiġġieled weħidha

ma' ħamsin galera. Il-qoxra tal-bastiment kienet miksija biċ-ċomb u b' hekk qatt ma' ġiet minfuda mill-kanuni tal-għadu. Kull meta kienet tispara kanun, l-art kienet titriegħed. Fil-1535, fit-Tuneżija, sparat il-kanuni ta' naħa waħda fuq is-swar tal-belt ta' Goletta u dawn waqgħu. Din kienet waħda mill-ħafna rebħiet li s-Sant'Anna kisbet matul is-servizz tagħha.

Minħabba nuqqas ta' finanzi fl-1540 l-Ordni neħħa din il-karrakka mis-servizz u tħalliet titmermer fil-Port tal-Galeri. Eventwalment tkissret għall-injam tagħha. Xi skulturi u pannelli dekorati ġew salvati bħala xogħlijiet tal-arti.

**Dur max-xellug**

L-1 vetrina: fdalijiet arkeoloġiċi – *majolica* – fuklari – bwieqi – pipi antiki – borom u pagni

It-2 vetrina: mezza galera 1787 – galera tal-1600

It-3 vetrina: gondola ċerimonjali tal-Gran Mastri 1700

Ir-4 vetrina: felukka ċerimonjali 1700 – gondola ċerimonjali lejn l-aħħar tas-sena 1600 użata mill-Gran Mastru Adrian Wignacourt.

Il-5 vetrina: xambekk Malti 1700. L-ewwel xambekk li deher fil-baħar kien tal-kursari tal-Barberija. L-Ewropa kollha bdiet tibni minn dawn ix-xambekki.


*Dettal mill-Kwadru Ex Voto*

Mal-ħajt fuq ix-xellug hemm inċiżjonijiet tal-1686 tal-attakki li kienu saru bejn Mejju u Settembru. Ħadu sehem galeri u vaxxelli tal-Ordni; erba' galeri tal-Papa; u galeri Maltin.


*Il-kanun ta' fuq il-Galera*

Kwadru ex voto – il-Battalja ta' Lepanto. Dan il-kwadru hu ex voto. Impinġi minn Antonello Ricci. Is-sena 1571 rat l-aħħar battalja qalila bejn galeri fil-Mediterran. Il-pittura turi galeri Ottomani u galeri Kristjani *in battle formation*. Mal-Madonna hemm San Ġwann u Santa Luċija. Il-galeri tal-Kristjani huma mħarsa mill-anġli u dawk tal-Ottomani mix-xjaten. Waħda mill-galeri hi s-San Pietro li aktarx li minn ta' dan l-*ex voto*, kien baħri fuqha. Il-galeri Kristjani rebħu din il-battalja u assiguraw li l-Ewropa tibqa' Kristjana.

Ankri tas-snin 1600 u 1700

F'din il-kamra naraw ukoll :-

kanun ta' fuq galera – *showcase* bl-istrumenti tal-mira għal fuq il-baħar – mudelli ta' artillerija navali – mal-ħajt hemm kanuni navali Franċiżi tal-1791 – *swivel guns* – vaxxell tal-1700 – kodiċi tas-sinjali tal-baħar – kotba tal-istudenti biex jitgħallmu jużaw il-kumpass – strumenti tan-navigazzjoni

## Il-Kamra tad-Dwana

Siġilli tal-1800 – *measures* – is-salma – *standard measures* tal-1858 – stasija li għadha użata sal-lum – kejl uffiċċjali tal-1900 – il-miżien tad-Dwana maħdum minn Mikielanġ Sapiano 1826-1912 – miżien ieħor Ingliż tal-1800 – *weights* uffiċċjali tad-Dwana tal-1850




*Il-Vetrina tad-Dwana*

**Fil-kuritur naraw**:

Vaxxel li ħa sehem fit-taqbida ta' Trafalgar fis-sena 1800 – vapur Franċiż bi tmenin kanun, dan kien inqabad mill-flotta Ingliża imma għereq waqt li kienu sejrin bih lejn l-Ingilterra –Sir Alexander Ball, biex nidħlu fiż-żmien tal-Ingliżi – mudell tal-vaxxell ta' Nelson li kellu erbgħa u sebgħin kanun, dan kien hawn Malta waqt l-imblokk tal-Franċiżi – hawn mortars li huma kanuni tas-sinjali kif ukoll jisparaw f'angolu minn taħt is-swar – din il-kamra tfakkar ir-relazzjonijiet ta' Malta mal-Ingilterra – mudelli ta' frejgati Ingliżi – mudelli ta' *destroyers* li għamlu isem sabiħ fit-Tieni Gwerra Dinjija

**Noħorġu mill-kuritur u naraw:**

Mudell ta' Bighi Hospital – *medical instruments* ta' Luigi Pisani, it-tabib li fl-1813 meta tfaċċat il-pesta biddel Villa Bighi fi sptar fejn ħadem bla heda ma' dawn il-pazjenti. Miet fl-1865 u għandu monument fil-Mall il-Furjana

Apparat li juri s-saħħa tal-metal

Mudell tat-Tarzna kif kienet bejn l-1857 u 1864

Magna tal-arja tal-bugħaddas

**F'din il-kamra għandna**:-

Gig tal-ġiri li jieħu sehem fir-Regatta tat-8 ta' Settembru

Mudell ta' jott



*Is-Saħħa tal-Metall*



*Il-Pulena tal-HMS Hibernia*



*Kolonna Amati*

Mudell tat-tanker taż-żejt OHIO, li daħal fil-Port il-Kbir marbut bejn żewġ *destroyers* biex ma jegħriqx

*Canteen* ta' żmien il-Gwerra

Mudell tal-HMS Hood

Mudell ta' *destroye*r 1938

*Torpedoes*

Il-Pulena tal-Hibernia, skultura fl-injam, mogħtija lill-Mużew minn Greenwich Maritime Museum fl-1944

Vetrina bi stalletti u xwabel żgħar

*Gun cabin* fuq bastiment

**Fil-kamra ta' wara, naraw**:-

Dgħajsa tal-Latini

Mudelli ta' dgħajjes Maltin

Għodod li għandhom x'jaqsmu mal-bini tal-bastiment.

**Fil-wesgħa naraw** :-

Vaxxell tal-1780 – vaxxell tal-Ordni ta' San Ġwann li fuqu kienu jitħarrġu studenti navali 1750 – il-Kolonna Amati, li twaqqfet fl-1651 taħt Ġnien is-Sultan fix-Xatt tal-Belt. Din tfakkar lill-Kavallier Taljan Fra Giulio Amati li kien ħallas għall-bini ta' Menqa għad-dgħajjes fl-inħawi fejn illum hemm il-bini tad-Dwana ta' Malta

**Qabel toħroġ ara l-vetrina ta' ħdejn il-Kolonna Amati** fejn hemm l-għodda kollha tax-xogħol li jagħmel il-qalfat.

## *Il-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu*

### Xi Frak mill-Istorja

Dan il-palazz hu wieħed mill-ftit li baqa' fl-Ewropa li f'nofs is-seklu 16 kienu palazzi popolari ħafna. Uħud spiċċaw maż-żmien imma oħrajn ġew meqruda mill-Franċiżi fiż-żmien ir-Revoluzzjoni.

Il-każ li l-Palazz tal-Inkwiżitur għadu magħna ġej mill-fatt li l-inkwiżituri nefqu ħafna flus biex żammewh fi stat tajjeb. Kien hemm inkwiżituri li naqsu bin-nofs is-salarju tagħhom ħalli jkunu jistgħu jagħmlu l-manutensjoni meħtieġa. Barra minn hekk, wara li spiċċat l-inkwiżizzjoni minn Malta, il-Palazz dejjem kien f'idejn nies għonja li ħadu ħsiebu. Il-fortuna wkoll għenet lill-Palazz għax fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-Birgu kien ħerba imma l-Palazz ħelisha.



*Il-Palazz tal-Inkwiżitur*

Il-Palazz għadda minn tibdil kontinwu kemm mill-inkwiżituri kif ukoll minn dawk li ġew warajhom. B'danakollu għadu meqjus bħala ġawhra arkitettonika li hi wirt nazzjonali kif ukoll wirt Ewropew.

Il-bidu tiegħu kienu mal-wasla tal-Ordni f'Malta fl-1530 u kif beda tiela' l-bini tal-Kavallieri beda jinbena wkoll dan il-Palazz li kellu fih is-*Sant'Uffizio*. Fil-bini kien hemm ukoll il-*Magna Curia Castellania* – l-Qrati Ċivili.

Mill-bini ta' dawn il-Qrati fadal biss dak li qed naraw hawn. Aħna qegħdin f'parti żgħira mill-bini tal-Qorti. Leonard Mahoney fil-ktieb tiegħu, "5000 years of Maltese Architecture" u Mario Buhagiar fil-ktieb, "Birgu, a Maritime City" jgħidu li fiż-żmien ta' dan il-Palazz, il-btieħi tad djar tal-Birgu kienu kollha fuq dan l-istil. Ma nafux fiż-żgur min kien il-perit imma meta tqabbel dan il-post ma' oħrajn li nafu ta' min huma naslu għall-konklużjoni li nbena jew almenu l-pjanta hi ta' Fra Diego Perez de Malfreire, inġinier u *supervisor* tal-bini kollu tal-Ordni f'Malta. Mal-bitħa għadhom jidhru kmamar li kienu parti mill-Qorti. Is-saqaf tagħhom hu *barrell-vaulted*. Fiż-żgur nista' ngħidilkom li dawn huma mill-ewwel bini li tela' wara l-wasla tal-Ordni. Ma hemmx dokumenti li juru li qabel dan il-Palazz kien hemm xi bini ieħor.



*Pietro del Monte*

Kien il-Gran Mastru Del Monte li sas-sena 1571 uża l-bini bħala Qorti. Kif tafu wara l-Assedju l-Kbir bdiet tinbena l-Belt Valletta u fis-sena 1571 Del Monte ħa l-Ordni lejn il-Belt. Ġara li għal ħafna snin il-bini kollu tal-Kavallieri safa vojt u b'hekk il-bini kien traskurat għall-aħħar. Imma mhux hekk il-Palazz għax fl-1574 ġie Mgr Dusina bħala Delegat Appostoliku u ġie joqgħod f'dan il-Palazz. Wara Dusina sar l-ewwel Inkwiżitur. L-Isqof ta' Malta u l-Gran Mastru qatt ma kienu ħbieb. In fatti Dusina ġie biex jirranġa l-inkwiet li nqala' bejn l-Isqof Martino Royas u l-Gran Mastru La Cassiere.

## Il-Palazz

Kif għidt qabel dan il-Palazz kien il-Qorti ¬ivili imma l-Isqof kien użah ukoll biex jisma' kawżi li kellhom x'jaqsmu mal-Knisja. Meta Dusina ġie fil-Palazz ma għoġbux u mar joqgħod f'Sant'Anġlu sakemm dan il-Palazz sarulhu t-tibdil meħtieġ. Dusina ma kienx kuntent f'Sant'Anġlu u tela' l-Birgu u mar joqgħod għand id-Dumnikani. Meta x-xogħol kien lest u Dusina għoġbu, mar joqgħod fih. Dan il-Palazz ra 61 Inkwiżitur, mill-1574 sas-sena 1798.

